GOZO CATHEDRAL PARISH CENTRE
DONATED BY
(DATE)

# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 60 Avvent 1988

## WERREJ

| | |
|---|---|
| Thejjija għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid tal-Mulej | paġ. 1 |
| Ottavarju għall-Għaqda ta' l-Insara | 17 |
| Is-sisien tas-servizz pastorali fil-Knisja (Il-Papa lill-Isqfijiet Amerikani) | 43 |
| Messaġġi ta' l-Arċisqof | 48, 53 |
| Accordo tra la S.Sede e il Governo sulla Facoltà di Teologia | 50 |
| Ċirkolarijiet tal-Kurja | 57 |
| Festa tal-Papa – diskorsi ta' l-Arċisqof u tan-Nunzju | 60 |
| Digrieti dwar is-Segretarjat ta' l-Emigrazzjoni u dwar is-Segretarjat għall-Edukazzjoni u l-Kultura | 63 |
| L-Ewkaristija – Il-*Magnificat* permanenti tal-Knisja | 70 |
| Eżempji ta' omeliji | 80 |
| It-tqarbin mil-lajċi | 96 |
| Regolamenti għall-fotografi | 98 |
| Appell tal-Papa għal Jum l-Emigrant | 100 |

**BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI**
**U**
**LITURĠIJA TAL-KELMA**

**NRU. 60** **AVVENT 1988**

# THEJJIJA U ĊELEBRAZZJONI TAL-GĦID TAL-MULEJ

Direttivi tal-Kongregazzjoni tal-Kult
16 ta' Jannar 1988

## Daħla

1. Is-solennita' ta' l-Għid kif ġiet imġedda mill-Papa Piju XII fl-1951 u l-Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-1955, ġew milqugħin tajjeb ħafna mill-Knisja kollha tar-rit Latin.

Il-Konċilju Vatikan II , l-aktar fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija, fakkar kemm-il darba ċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej skond it-tradizzjoni, u wera li din iċ-ċelebrazzjoni hi l-għajn li minnha s-sagramenti u s-sagramentali kollha jiksbu l-qawwa tagħhom.

2. Kif kull ġimgħa tibda u tilħaq il-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd, li hi dejjem ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Mulej, hekk ukoll is-sena liturġika tilħaq il-qofol tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tat-Tlitt ijiem imqaddsa tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej, ċelebrazzjoni li tigi mħejjija bl-erbgħin jum tar-Randan, u li tibqa' sejra matul ħamsin jum sa Għid il-Ħamsin.

3. F'ħafna partijiet tad-dinja nisranija, l-insara, flimkien mas-saċerdoti tagħhom, jagħtu importanza kbira għaċ-ċelebrazzjoni ta' din is-solennita', u jissieħbu fiha bi qliegħ kbir għal ruħhom. Iżda f'xi postijiet, fejn fil-bidu t-tiġdid tal-Vġili ta' l-Għid ġie milqugħ b'entużjażmu kbir, wara li għadda xi żmien, dan l-entużjażmu beda jidgħajjef. F'xi postijiet intesa wkoll it-tifsir veru tal-Vġili, b'mod li ċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid saret qisha ċ-ċelebrazzjoni ta' kull Sibt filgħaxija.

Qed jiġri wkoll li ċ-ċelebrazzjonijiet tat-Tlitt ijiem ta' l-Għid mhux qed isiru fil-ħin proprju tagħhom, minħabba li xi devozzjonijiet popolari qed isiru f'ħin adatt għan-nies, li qed jieħdu sehem f'dawn id-devozzjonijiet flok li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Waħda mir-raġunijiet ta' din il-ħaġa hi n-nuqqas ta' tħejjija tas-saċerdoti u ta' l-insara dwar il-misteru ta' l-Għid bħala l-qofol tas-sena liturġika u tal-ħajja nisranija.

4. Illum f'ħafna pajjiżi il-Ġimgħa l-Kbira taħbat maż-żmien tal-vakanzi tan-nies, u l-imġiba ta' ħafna nies qed toħloq diffikultajiet għall-insara biex jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid.

5. Minħabba f'dan, il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin ħasset li hu l-waqt li tfakkar dawk l-elementi ta' dutrina u ta' pastorali, u dawk in-normi, dwar il-Ġimgħa l-Kbira li ġew pubblikati f'dawn l-aħħar snin. Kull ma hemm fil-kotba liturġiċi dwar ir-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira u ż-żmien il-Għid, għad għandu l-qawwa kollha tiegħu, ħlief dak li qed jinbidel b'dan id-dokument.

L-għan ta' dan id-dokument hu li l-misteru kbir tal-fidwa tagħna jiġi ċelebrat mill-aħjar biex l-insara jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni b'mod li jiksbu l-aqwa ġid għal ruħhom.

## 1. ŻMIEN IR-RANDAN

6. Żmien ir-Randan hu l-aħjar żmien biex wieħed jitla' fuq il-għolja mqaddsa ta' l-Għid. Żmien ir-Randan iħejji kemm il-katekumeni u kemm l-insara għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tal-Għid. Il-katekumeni, biċ-ċelebrazzjoni tar-rit tal-għażla u tar-rit ta' l-iskrutinji, jitħejjew għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti għad-dħul fil-ħajja nisranija; l-insara, b'attenzjoni aqwa għall-Kelma ta' Alla u b'aktar talb, iħejju ruħhom b'egħmil ta' penitenza għat-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.

### a) ir-riti għad-dħul fil-ħajja nisranija

7. Ir-rit kollu tad-dħul fil-ħajja nisranija hu ispirat mill-misteru ta' l-Għid, għaliex hu fil-misteru ta' l-Għid li jseħħ għall-ewwel darba it-tisħib sagramentali fil-mewt u l-qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Għalhekk ir-Randan għandu jidher sewwa bħala żmien ta' tisfija u ta' dawl, l-aktar bit-tisħib fl-iskrutinji u riti l-oħra li jsiru għall-katekumeni tul ir-Randan; ma għandniex x'nghidu, il-Vġili ta' l-Għid hi ż-żmien proprju li fih għandhom jiġu ċelebrati s-sagramenti għad-dħul fil-ħajja nisranija. Dawk il-komunitajiet li fosthom ma hemmx katekumeni ma ghandhomx jonqsu li jitolbu għal dawk li se jirċievu s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija fil-lejl ta' l-Għid. Ir-rgħajja tal-erwieħ għandhom ifakkru lill-insara fdati lilhom dawk il-mumenti ta' tifsir kbir għall-ħajja spiritwali tagħhom' li jieħu l-ħajja mill-istqarrija tal-fidi li għamlu fil-Magħmudija, u li huma mistiedna jġeddu fil-Vġili ta' l-Għid, meta l-ħarsien tar-Randan jilħaq il-milja tiegħu.

9. Fi żmien ir-Randan għandha ssir katekeżi lil dawk il-kbar li, għalkemm mgħammdin meta kienu trabi, qatt ma kellhom trobbija nisranija, u għalhekk la ħadu s-Sagrament tal-Griżma u lanqas għamlu l-ewwel Tqarbina. Tul ir-Randan, permezz ta' ċelebrazzjonijiet penitenzjali, għandhom jiġu mħejjija għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

10. Żmien ir-Randan hu wkoll żmien adatt għaċ-ċelebrazzjoni ta' ċerimonji penitenzjali bħalma huma l-iskrutinji għat-tfal mhux mgħammdin, li laħqu l-għomor li fih jibdew jitgħallmu l-katekiżmu, u għat-tfal mgħammdin wkoll qabel ma jibdew jersqu għas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

L-isqof għandu jħabrek sewwa biex iġib il-quddiem il-katekumenat kemm tal-kbar u kemm tat-tfal, skond iċ-ċirkustanzi, u jiċċelebra hu r-riti tal-katekumenat bit-tisħib devot tal-komunita' tal-post.

### b) ċelebrazzjonijiet fi żmiem ir-Randan

11. Il-Ħdud tar-Randan għandhom preċidenza sħiħa fuq il-festi u solennitajiet kollha. Is-solennitajiet li jaħbtu f'dawn il-Ħdud għandhom isiru is-Sibt ta' qabel. Il-ġranet tar-Randan għandhom il-preċedenza fuq it-tifkiriet obbligatorji.

12. Il-katekeżi dwar il-misteru ta' l-Għid u dwar is-Sagramenti għandu jkollha importanza kbira fl-omilija tal-Ħdud tar-Randan, u l-qari għandu jiġi mfisser sewwa, speċjalment dak il-qari mill-Evanġelju li juri x'inhi l-Magħmudija u x'inhuma s-Sagramenti l-oħra, u li jsemmi l-ħniena ta' Alla.

13. Ir-rgħajja tal-erwieħ għandhom ifissru ta' spiss il-kelma ta' Alla b'omeliji ma' tul il-ġranet tal-ġimgħa, fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-kelma ta' Alla u f'ċelebrazzjonijiet penitenzjali, f'laqgħat li jsiru, fi żjajjar lill-familji, u fit-tberik. L-insara għandhom ifittxu li jieħdu sehem fil-Quddies ma' tul il-ġimgħat tar-Randan, u, meta dan ma jistax ikun, għandhom jiġu mħajrin, jaqraw privatament jew fi ħdan il-familja, il-qari tal-Quddiesa.

14. Ir-Randan għandu jkompli jżomm il-karattru penitenzjali tiegħu. Fil-katekeżi tar-Randan, wieħed għandu jfiehem sewwa lill-insara mhux biss kemm hu ikrah id-dnub u x'konsegwenzi jġib fis-soċjeta', imma wkoll għandu juri s-siwi tal-virtu' tal-penitenza, li ġġib magħha l-mibgħeda għad-dnub bħala offiża magħmula lil Alla.

Il-virtu' tal-penitenza u t-taħrig fil-penitenza huma tħejjija meħtieġa għar-Randan: it-taħriġ fil-penitenza, kemm mill-individwi u kemm mill-komunita' kollha, għandu jiġi mill-konverżjoni tal-qalb; dan it-taħrig waqt li jkun jgħodd għall-qagħda ta' llum, għandu jkun xhieda tal-ispirtu tal-penitenza skond l-Evangelju, u jkun ta' ġid għal ħaddieħor.

Is-sehem tal-Knisja fit-taħriġ fil-penitenza ma għandux ikun traskurat, u kulħadd għandu jiġi mħeġġeġ jitlob għall-midinbin, u fit-Talba tal-Fidili għandu jkun hemm invokazzjoni għalihom.

15. L-insara għandhom jiġu mħajrin jieħdu sehem b'ħeġġa aqwa fil-liturġuja tar-Randan u fiċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali. Għandhom jiġu mfakkra li, skond il-liġi u t-tradizzjoni tal-Knisja, fi żmien ir-Randan għandhom jersqu għas-sagrament tal-penitenza biex, b'qalbhom safja, ikunu jistgħu jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid. **Jixraq li fi żmien ir-Randan is-sagrament tal-penitenza jiġi ċelebrat skond ir-rit tar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti flimkien, bi qrara u assoluzzjoni individwali.**

**Is-saċerdoti għandhom jimpenjaw ruħhom sewwa fil-ministeru tar-rikonċiljazzjoni, biex l-insara jsibu ħin biżżejjed biex jersqu għas-sagrament tal-qrar.**

16. Kull ma jsir fir-Randan għandu jsir b'mod li jkun xhieda tal-ħajja tal-Knisja tal-post u jġibha 'l quddiem. It tradizzjoni tal-Knisja ta' Ruma tal-knejjes "stazzjonali" hu mod kif l-insara jistgħu jinġabru flimkien f'post wieħed; hekk l-insara jistgħu jinġabru f'għadd akbar madwar l-isqof, ħdejn l-oqbra tal-martri, jew fil-knejjes ewlenin tal-belt, jew fis-santwarji, jew f'xi post ta' pellegrinaġġ li għandu tifsir speċjali fil-pajjiz.

**17. Tul ir-Randan l-artal ma għandux jiġi mżejjen bil-fjuri u l-istrumenti mużikali għandhom jintużaw biss biex isostnu l-kant; dan, biex ikun imħares il-karattru penitenzjali tar-Randan.**

18. Għall-istess raġuni, mill-bidu tar-Randan sal-Vġili ta' l-Għid, l-Hallelujah ma għandhiex tingħad f'ebda ċelebrazzjoni, ukoll fil-festi u s-solennitajiet.

19. Il-Kant li jsir waqt iċ-ċelebrazzjonijiet, u l-aktar waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristja, u waqt devozzjonijiet popolari, għandu jkun jaqbel mal-ispirtu tar-Randan u tal-Festi liturġiċi.

20. Id-devozzjonijiet popolari li jaqblu ma' l-ispirtu tar-Randan, bħalma hi l-Via Sagra ta' min jinkoraġġihom, għaliex iġibu 'l quddiem l-ispirtu tal-liturġija li bih l-insara jħejju ruħhom għaċ-ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Mulej.

## ċ) xi dettalji dwar il-ġranet tar-Randan

21. L-Erbgħa qabel l-ewwel Ħadd tar-Randan, l-insara jirċievu l-irmied u hekk jagħtu bidu għaż-żmien li fih jsaffu ruħhom mid-dnub. Dan is-sinjal ta' ndiema, li hu sinjal bibliku, baqa' jinżamm sa llum fit-tradizzjoni tal-Knisja. Ifisser il-qagħda tal-bniedem bħala midneb, li jixtieq juri bid-dieher li hu ħati quddiem il-Mulej, u b'hekk juri li l-konverżjoni tal-qalb, imqanqal mit-tama qawwija li l-Mulej se jħenn għalih. Dan is-sinjal juri wkoll il-bidu tat-triq tal-konverżjoni, li tiġi dejjem aktar 'il quddiem biċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-penitenza fil-ġranet ta' qabel l-Għid.

*It-tberik tal-irmied jista' jsir fil-Quddiesa jew barra mill-Quddiesa; jekk isir barra mill-Quddiesa, għandu jsir wara ċelebrazzjoni tal-liturġija tal-kelma, u r-rit jagħlaq bit-Talba tal-fidili.*

22. **Ras ir-Randan għandu jitqies bħala jum ta' penitenza fil-Knisja kollha, jum ta' sawm u astinenza.**

23. L-ewwel Ħadd tar-Randan hu l-bidu tal-ħarsien tar-Randan ta' kull sena. **Fil-Quddiesa ta' dan il-Ħadd għandha ssir xi ħaġa biex turi l-karattru distintiv ta' dan il-Ħadd v.g. tul il-purċissjoni tad-dħul titkanta l-litanija tal-Qaddisin.** F'dan il-Ħadd l-isqof għandu jiċċelebra, fil-katidral jew f'xi knisja oħra, l-għażla ta' dawk li se jitgħammdu fil-Vġili ta' l-Għid.

24. Is-siltiet mill-Evanġelju tas-Samaritana, tal-għama mit-twelid u tal-qawmien ta' Lazzru mill-imwiet, li huma siltiet li jinqraw fil-III, IV u V Ħadd taċ-ċiklu A, għandhom tifsir speċjali b'rabta mar-riti tad-dħul fil-ħajja nisranija, għalhekk jistgħu jinqraw ukoll fis-snin B u Ċ, speċjalment fejn ikun hemm xi katekumeni.

25. **Fir-raba' Ħadd tar-Randan, il-Ħadd "Laetare", fis-solennitajiet u l-festi, jistgħu jintużaw l-istrumenti tal-mużika, u l-artal jista' jiġi mżejjen bil-fjuri.** Paramenti ta' kulur roża jistgħu jintużaw f'dan ir-raba' Ħadd.

26. Id-drawwa li jitgħattew is-slaleb u x-xbihat fil-knejjes, tista' tibqa', jekk il-Konferenza Episkopali tal-post tiddeċiedi hekk. Fil-kaz, is-slaleb jibqgħu mgħottijin sa wara l-qari tal-passju nhar il-Ġimgħa l-Kbira, waqt li x-xbihat għandhom jinkixfu fil-bidu taċ-ċel-ebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid.

# II IL-ĠIMGĦA L-KBIRA

27. Matul il-Ġimgħa l-Kbira il-Knisja tiċċelebra l-misteri tas-salvazzjoni li għamel Kristu fl-aħħar jiem ta' ħajtu fid-dinja, misteri li bdew bid-daħla messjanika tiegħu f'Ġerusa-lemm.

Żmien ir-Randan jagħlaq il-Ħamis ta' din il-Ġimgħa. It-Tlitt ijiem imqaddsa ta' l-Għid jibdew bil-Quddiesa ta' filgħaxija b'tifkira tal-Ikla tal-Mulej, ikomplu l-Ġimgħa biċ-ċel-ebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej u s-Sibt, u jilħqu l-qofol fil-lejl ta' l-Għid u jaslu fit-tmiem tagħhom bit-tieni Għasar ta' Ħadd il-Għid il-Kbir.

Il-ġranet kollha tal-Ġimgħa l-Kbira mit-Tnejn sal-Ħamis għandhom preċedenza sħiħa fuq kull ċelebrazzjoni. Ma jixraqx li jsiru Magħmudijiet u Griżmi f'dawn il-ġranet.

## A) Ħadd il-Passjoni (Ħadd il-Palm)

28. Il-Ġimgħa l-Kbira tibda b'Ħadd il-Passjoni (jew Ħadd il-Palm), li jgħaqqad flimkien it-tħabbira tar-rebħa ta' Kristu Sultan max-xandira tal-Passjoni tiegħu. Ir-rabta ta' dawn iż-żewġ aspetti tal-misteru ta' l-Għid għandu jintwera u jitfisser fiċ-ċelebrazzjoni u l-katekezi tal-ġurnata.

29. It-tifkira tad-daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm, hi ċelebrata b'purċissjoni solenni, skond tradizzjoni antika tal-Knisja; f'din il-purċissjoni l-insara jieħdu sehem u bil-kant u l-imġiba tagħhom jagħmlu dak li għamlu t-tfal tal-Lhud meta ħarġu jiltaqgħu mal-Mulej, ikantaw "Hosanna".

Il-purċissjoni ssir darba biss, qabel il-Quddiesa li għaliha jkun hemm l-aktar nies, ukoll jekk din tkun il-Quddiesa tas-Sibt jew tal-Ħadd filgħaxija.
Il-ġemgħa għanda tiltaqa' f'xi knisja jew kappella fil-qrib jew f'xi post ieħor adatt, li ma jkunx fil-knisja fejn tmur il-purċissjoni.

Fil-purċissjoni l-insara jkollhom f'idejhom friegħi tal-palm jew friegħi oħra. Is-saċerdot u l-ministri wkoll ikollhom friegħi f'idejhom u jimxu quddiem in-nies.

Il-palm u l-friegħi l-oħra jitbierku għall-purċissjoni. Wara jittieħdu fid-djar fejn jinżammu b'tifkira tar-rebħa ta' Kristu li ġiet ċelebrata bil-purċissjoni.

Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom jaraw li l-purċissjoni f'ġieħ Kristu Re titħejja u tiġi ċelebrata b'mod li jkollha tifsir spiritwali kbir fil-ħajja tal-insara.

30. Il-Missal, biex ifakkar id-dħul tal-Mulej f'Ġerusalemm, barra l-purċissjoni solenni li semmejna hawn fuq, jagħti żewġ suriet oħra ta' ċelebrazzjoni, mhux biss għall-konvenjenza, imma ibex issir it-tifkira wkoll fejn ma jkunx possiblli li ssir il-purċissjoni.

It-tieni sura hi dħul solenni, meta l-purċissjoni ma tistax issir barra mill-knisja. It-tielet sura hi d-dħul għall-Quddies ta' dan il-Ħadd, li fih ma ssirx id-daħla solenni.

31. Fejn ma tistax titqaddes il-Quddiesa, għandha ssir ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla dwar id-daħla messjanika ta' Kristu u dwar il-passjoni tiegħu, jew is-Sibt filgħaxija jew il-Ħadd, f'ħin adatt.

32. Waqt il-purċissjoni, il-kor u l-poplu għandu jkanta l-kant li jsemmi l-Missal, speċjalment is-salmi 23 u 46, u wkoll kant ieħor adatt f'ġieħ Kristu Re.

33. Ir-rakkont tal-Pasjoni għandu post speċjali fil-liturġija ta' dan il-Ħadd. Ir-rakkont għandu jitkanta b'mod tradizzjonali, jiġifieri minn tlieta min-nies, li jagħmlu l-parti ta' Kristu, tan-narratur, u tal-poplu. Il-Passjoni għandha titħabbar minn djakni jew saċerdoti, jew lajċi, u f'dan il-kaz il-parti ta' Kristu għandu jagħmilha saċerdot.

It-tħabbira tal-Passjoni ma jintuzawx l-akkolti u l-inċens; ma ssirx it-tislima lill-ġemgħa u l-anqas is-sinjal tas-salib; id-djaknu biss jitlob il-barka taċ-ċelebrant, kif isir għall-qari tal-Evanġelju.

Għall-ġid spiritwali tal-insara ir-rakkont kollu għandu jinqara u l-qari ta' qabel ma għandux jitħalla barra.

34. Wara l-qari tal-Passju, għandha ssir l-omelija.

## B) IL-Quddiesa tal-Griżma

35. Il-Quddiesa tal-Griżma, li l-isqof jikkonċelebra mal-presbiterju tiegħu, u fiha jiġi konsagrat iż-żejt tal-Griżma u jitbierku ż-żjut l-oħra, turi x-xirka tas-saċerdoti ma' l-isqof tagħhom fl-istess saċerdozju u ministeru ta' Kristu. Is-saċerdoti għal din il-Quddiesa iridu jiġu min-naħat kollha ta-djoċesi biex, fil-konsagrazzjoni taż-żejt tal-Griżma, juru li huma xhieda u kooperaturi tiegħu, l-istess bħalma huma dawk li jgħinuh u jagħtuh pariri fil-ministeru tagħhom ta' kuljum.

L-insara għandhom jigu mħeġġin jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' din il-Quddiesa u jitqarbnu fiha.

Skond it-tradizzjoni il-Quddiesa tal-Griżma għandha tiġi ċelebrata il-Ħamis tal-Ġimgħa l-Kbira, iżda jekk tkun ħaġa tqila ħafna li s-saċerdoti u l-poplu jinġabru madwar l-isqof dak in-nhar, iċ-ċelebrazzjoni tista' tiġi trasferita għall-ġurnata oħra, iżda dejjem qrib l-Għid. Iż-żejt tal-Griżma u ż-żejt tal-katekumeni iridu jintużaw fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija fil-lejl ta' l-Għid.

36. Għandu jkun hemm ċelebrazzjoni waħda biss tal-Quddiesa tal-Griżma, minħabba t-tifsir tagħha fil-ħajja tad-djoċesi, u għandha titqaddes fil-katidral jew għal raġunijet pastorjali, fi knisja oħra li għandha tifsir speċjali għad-djoċesi.

Iż-żjut mbierka jistgħu jittieħdu fil-parroċċi qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija ta' Ħamis ix-Xirka jew f'xi waqt ieħor adatt. Din tista' tkun okkażżjoni għall-katekeżi tal-insara dwar l-użu u l-effetti taż-żjut imqaddsa u taż-żejt tal-Griżma fil-ħajja tan-nisrani.

## ċ) ċelebrazzjonijiet penitenzjali tul ir-Randan

37. Jixraq li żmien ir-Randan jagħlaq, kemm għal kull nisrani u kemm għall-komunita kollha nisranija, b'ċelebrazzjoni penitenzjali, biex kulħadd ikollu l-għajnuna ħa jħejji ruħu aħjar għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid.

Dawn iċ-ċelebrazzjoniet penitenzjali jridu jsiru qabel it-Tlitt ijiem imqaddsa ta' l-Għid, u ma għandhomx isiru minnufih qabel il-Quddiesa ta' filgħxzija ta' Ħamis ix-Xirka.

## III. IT-TLITT IJIEM IMQADDSA TA' L-GĦID

38. Il-misteri l-aktar kbar tal-Fidwa tagħna li l-Knisja tiċċelebra kull sena, jibdew bil-Quddiesa tal-Ikla tal-Mulej Ħamis ix-Xirka filgħaxija u jibqgħu sejrin sat-Il Għasar ta'

Ħadd il-Għid. Dawn il-ġranet jissejħu "it-tridu ta' Dak li kien imsallab, midfun u rxoxtat": jissejħu wkoll "it-Tridu ta' l-Għid", għaliex ma' tulhom niċċelebraw il-misteru ta' l-Għid, jiġifieri l-mogħdija tal-Mulej minn din id-dinja għal għand il-Missier. Il-Knisja fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru, permezz tas-sinjali liturġiċi u s-sagramenti, tingħaqad ma' Kristu, l-Għarus tagħha, f'rabta mill-aktar intima.

39. Is-sawma ta' l-Għid hi ħaġa qaddisa għall-ewwel jumejn tat-Tridu, li fih il-Knisja, skond tradizzjoni antika ħafna, issum, għaliex "itteħdilna l-Għarus". **Il-Ġimgħa hi jum ta' sawm u astinenza, u tajjeb li wieħed isum is-Sibt ukoll,** biex il-Knisja, b'qalbha merfugħa 'l fuq, tkun lesta biex tiċċelebra l-ferħ tal-Ħadd tal-Qawmien mill-imwiet.

40. **Jixraq li ssir ċelebrazzjoni komunitarja tal-uffiċju tal-qari u tat-tifħir ta' sbiħ il-Jum il-Ġimgħa u s-Sibt.** Jixraq li l-isqof jiċċelebra l-uffiċċju fil-Katidral, bit-tisħib, kemm jista' jkun, tal-kleru u l-poplu.

L-uffiċċju, li dari kien magħruf bħala "Tniebri", kien ħafna għall-qalb tal-insara, bħala devozzjoni, għaliex waqtu kienu jimmeditaw fuq il-passjoni, il-mewt u d-difna tal-Mulej, huma u jistennew it-tħabbira tal-qawmien tiegħu mill-imwiet.

41. **Għaċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu tal-Għid jeħtieġ li jkun hemm numru biżżejjed ta' ministri u assistenti, li jkunu mħejjijin sewwa ħa jkunu jafu x'għandhom jagħmlu waqt iċ-ċelebrazzjoni.** Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom jaraw li jiġu mfissra lill-insara l-partijiet kollha taċ-ċelebrazzjoni, ħa jieħdu sehem fiha b'mod mill-aħjar.

42. Il-kant tal-poplu u l-kant tal-ministri u tal-istess ċelebrant għandu importanza speċjali fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u b'mod speċjali tat-Tridu ta' l-Għid, għaliex il-kant ikabbar is-solennità, u għaliex it-testi għandhom qawwa akbar meta jiġu kantati.

Il-Konferenzi Episkopali huma mitlubin jipprovdu, jekk dan għad ma għamluhx, il-mużika għal dawk il-partijiet li proprjament għandhom jiġu dejjem kantati:

a) it-talbiet ġenerali ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira; l-istedina tad-djakni, u t-tweġiba tal-poplu;
b) il-kant waqt l-adorazzjoni tas-Salib;
ċ) l-akklamazzjonijiet waqt il-purċissjoni bil-blandun u waqt it-tħabbira ta' l-Għid, il-kant tal-Hallelujah, il-litanija tal-Qaddisin, u l-akklamazzjoni wara t-tberik ta' l-ilma.

Il-kant isir ukoll biex jagħmel eħfef it-tisħib tal-fidili fiċ-ċelebrazzjoni għalhekk il-kant ma għandux jonqos għal xejn b'xejn, u t-testi kollha li jmisshom jitkantaw għandu jkollhom il-mużika taghhom. Jekk għad ma għandhomx dan, għall-mument jistgħu jintużaw testi oħra li ġa hemm l-mużika għalihom. Iżda hi ħaġa tajba li jkun hemm ġabra ta' testi mużikati għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, u l-aktar

a) għall-kant tat-tberik tal-palm u tal-purċissjoni f'Ħadd il-Palm għal waqt id-dħul fil-knisja
b) għall-kant fil-purċissjoni biż-żjut mqaddsa
ċ) għall-kant waqt li l-offerti jitwasslu fuq l-artal f'Ħamis ix-Xirka filgħaxija u għal waqt il-purċissjoni bis-sagrament wara l-Quddiesa.
d) għas-salmi responsorjali waqt il-Vġili ta' l-Għid, u għall-kant li jsir waqt it-traxxix bl-ilma mbierek.

Għandu jkun hemm mużika għar-rakkont tal-Passjoni, għat-tħabbira ta' l-Għid, għat-tberik ta' l-ilma tal-Magħmudija; il-melodija trid tkun sempliċi ħafna biex tkun tista' tintuża bla tfixkil.

Fil-knejjes il-kbar, li jkollhom aktar riżorsi, wieħed, għandu jagħmel użu tajjeb mill-wirt mużikali tal-Knisja, kemm ta' issa u kemm tal-imgħoddi, iżda fl-istess ħin dan l-użu ma għandux ifixkel it-tisħib attiv tal-insara.

43. **Jixraq li komunitajiet żgħar, klerikali jew lajkali, u gruppi lajkali oħra jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu tal-Għid, fil-knejjes ewlenin tal-post.**

Fejn l-għadd ta' dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni u tal-ministri hu tant żgħir, li ċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu ta' l-Għid ma tistax issir b'dik is-solennita' li jixirqilha, dawn il-gruppi ta' nsara għandhom jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni li ssir fil-knisja l-kbira.
Fejn hemm parroċċi żgħar b'qassis waħdu tajjeb li n-nies jinġabru flimkien, kemm jista' jkun, fil-knisja ewlenija biex jissieħbu flimkien fiċ-ċelebrazzjoni.
Minħabba l-ħtiġijiet tan-nies fejn kappillan hu responsabbli ta' żewġ parroċċi jew aktar, u fejn in-nies jinġabru b'għadd kbir, u ċ-ċelebrazzjonijiet isiru bis-solennita' kollha iċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu ta' l-Għid tista' tiġi mtennija skond in-normi li hemm.
Biex is-seminaristi jkunu jistgħu jgħixu l-misteru ta' l-Għid fil-milja kollha tiegħu u jkunu jistgħu aktar tard jgħallmu lil dawk li jiġu fdati lilhom, għandu jkollhom tħejjija liturġika sħiħa li tħaddan l-aspetti kollha. Hu mportanti ħafna li tul is-snin tal-formazzjoni tagħhom fis-Seminarju, ikollhom l-esperjenza ta' ċelebrazzjoni solenni tal-festi ta' l-Għid, speċjalment ta' dawk li għalihom jippresiedi l-isqof.

## IV. IL-QUDDIES TA' ĦAMIS IX-XIRKA FIL-GĦAXIJA

Biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka fil-għaxija il-Knisja tagħti bidu għaċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu ta' l-Għid, u tfakkar l-Ikla tal-Mulej meta l-Mulej Ġesu', fil-lejl li ġie tradut, wera mħabbtu għal dawk li kienu tiegħu mid-dinja, u tahom ġismu u demmu taħt xbihat tal-ħobż u l-inbid, huwa u joffrihom lill-Missier u jagħtihom lil-Appostli biex jeħduhom bħala ikel u xorb għalihom, u ordnalhom lilhom u lil dawk li kellhom jiġu warajhom, fis-saċerdozju, jagħmlu dik l-offerta tul iż-żminijiet.

45. **Għandu jkun hemm attenzjoni speċjali għall-misteri li jiġu mfakkra f'din il-Quddiesa: l-istituzzjoni tal-Ewkaristija u tas-saċerdozju, u l-ordni ta' Kristu li nħobbu 'l xulxin: l-omelija trid tfisser dawn il-veritajiet.**

46. Il-Quddiesa tal-Ikla tal-Mulej titqaddes fil-għaxija f'ħin l-akar adattat biex ikun hemm tisħib sħiħ tal-komunita' kollha tal-post. Is-saċerdoti kollha jistgħu jikkonċelebraw ukoll jekk ikunu ġa ikkonċelebraw fil-Quddiesa tal-Griżma, jew iridu jqaddsu Quddiesa oħra għal ġid tan-nies.

47. Meta raġunijiet pastoali jitolbu dan, l-Ordinarju tal-post jista' jippermetti li ssir Quddiesa oħra fil-knejjes u l-oratorji, fil-għaxija, u fil-każ ta'' ħtieġa tassew kbira, fil-għodu wkoll, imma biss għal dawk l-insara li bla ebda mod ma jistgħu jieħdu sehem fil-Quddiesa ta' filgħaxija. Wieħed għandu joqogħod attent ħafna li ċelebrazzjonijiet bħal dawn ma jsirux favur xi persuni privati jew xi gruppi żgħar u li ma jfixklux iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ewlenija.

Skond tradizzjoni antika tal-knisja, mhux permess illum Quddies mingħajr it-tisħib ta' l-insara.

48. It-tabernaklu għandu jkun vojt għal kollox qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni. L-ostji għat-tqarbin tan-nies għandhom jiġu konsagrati waqt iċ-ċelebrazzjoni. Għandhom jiġu konsagrati ostji biżżejjed ħa jservu wkoll għat-tqarbin ta' l-għada.

49. Għar-riserva tas-Sagrament għandu jitħejja post xieraq u mżejjen b'mod li jgħin għat-talb u l-meditazzjoni; kollox għandu jkun jaqbel ma' l-ispirtu tal-liturġija ta' dawn il-ġranet u għandhom jiġu evitati jew jitneħħew l-abbużi kollha.
Meta t-tabernaklu jinsab f'kappella għalih jaqbel li l-post tar-reposizzjoni tas-sagrament għall-adorazzjoni jitħejja hemmhekk.

50. Waqt il-kant tal-**Gloria** skond id-drawwa tal-post jistgħu jindaqqu l-qniepen li mbagħad għandhom jibqgħu siekta sal-**Glorja** tal-Vġili tal-Għid, sakemm il-Konferenza Episkopali jew l-Ordinarju ma jiddeċidux mod ieħor. Tul dan iż-żmien ukoll l-orgni u strumenti mużikali oħra għandhom jintużaw biss biex isostnu l-kant.

51. **Il-ħasil ta-saqajn ta' rġiel magħżulin** li, skond it-tradizzjoni, isisr illum, juri l-qadi u l-imħabba ta' Kristu, li ġie "mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi". Din it-tradizzjoni għandha tinżamm u għandu jintwera lin-nies xi tfisser tassew.

52. **Offerti għall-fqar, speċjalment dak li jkun inġabar tul ir-Randan bħala frott tal-penitenza jista' jiġi mtella' fil-purċissjoni bl-offerti waqt li l-ġemgħa tkanta: "Fejn hemm l-imħabba."**

53. **Jaqbel ħafna li l-Ewkaristija tittieħed direttament minn fuq l-artal minn djakni jew akkolti jew ministri deputati malli jasal il-ħin tat-tqarbin biex imorru jqarbnu l-morda fi djarhom ħalli hekk dawn ikunu imseħbin aktar mill-qrib mal-Knisja fiċ-ċelebrazzjoni.**

54. Wara t-talba ta' wara t-tqarbin, tibda il-purċissjoni bil-kruċiferu quddiem. Is-Sagrament akkompanjat b'xama' jixgħel u nċens jgħaddi mill-knisja għall-post tar-riposizzjoni waqt il-kant tal-**Pange Lingua** jew kant ieħor ewkaristiku. Din il-purċissjoni ma ssirx jekk fil-post l-għada mhux se ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej.

55. Is-sagrament għandu jitqiegħed f'tabernaklu magħluq jew f'pissidi, u qatt ma għandu jiġi espost fi sfera.
**Il-post fejn it-tabernaklu jew il-pissidi jitqiedgħed ma għandux ikollu s-sura ta' qabar u ma għandniex nużaw l-espressjoni "sepulkru" jew qabar; għaliex il-kappella li titħejja għar-reposizzjoni ma titħejjiex biex tirrappreżenta "id-difna tal-Mulej", imma biex tinżamm l-Ewkaristija għat-tqarbin ta' l-għada.**

56. L-insara għandhom jiġu mħeġġa biex wara l-Quddiesa joqogħdu għal xi żmien bil-lejl jaduraw is-sagrament fejn ġie riservat bis-solennita' kollha. Jekk ikun jaqbel tul l-adorazzjoni jinqraw xi siltiet mill-Evanġelju ta' San Ġwann (kap 13-17)
**Minn nofs il-lejl 'il quddiem l-adorazzjoni ghandha ssir mingħajr solennita' għax beda l-jum tal-passjoni tal-Mulej.**

57. Wara l-quddiesa l-artal għandu jiżżarma; jixraq li s-slaleb li jkun hemm fil-knisja jekk ma tgħattewx lejlet il-ħames Ħadd ta' l-Għid, jitgħattew b'velu aħmar jew vjola. Ma għandhomx jinxtegħlu dwal quddiem ix-xbihat tal-Qaddisin.

## ĠIMGĦA L-KBIRA

58. Illum, skond tradizzjoni antika ħafna, il-Knisja ma tiċċelebrax l-Ewkaristija; it-tqarbin tan-nies isir biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej, iżda l-morda li ma jistgħux jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni jistgħu jitqarbnu fi djarhom kull ħin tal-jum.

59. Il-Ġimgħa l-Kbira hi jum ta' penitenza li għandu jiġu mħares bħala obbligu mill-Knisja kollha, permezz ta' sawm u astinenza.

60. **Kull ċelebrazzjoni tas-sagramenti hi projbita llum, iżda mhux s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u s-sagrament tal-morda. Il-funerali jsiru bla kant, mużika jew daqq ta' qniepen.**

61. **Jixraq li llum l-uffiċċju tal-qari u t-tifħir ta' sbiħ il-jum jiġu ċelebrati mal-poplu, kif jingħad fin-numru 40.**

62. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej għandha ssir wara nofsinhar xi t-tlieta. Għal raġunijiet pastorali, jista' jintgħażel ħin aktar adatt biex jinġabru n-nies. v.g. għall-ħabta ta' nofs in-nhar jew filgħaxija, iżda mhux aktar tard mid-9.00 p.m.

63. L-ordni taċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej (liturġija tal-kelma, adorazzjoni tas-salib, tqarbin) ġej minn tradizzjoni antika tal-Knisja u għandu jiġi mħares sewwa, u ħadd ma jista' jbiddlu.

64. **Is-saċerdot u l-ministri imorru lejn l-artal fis-skiet, mingħajr kant. Jekk se jingħad xi kliem, bħala daħla għaċ-ċelebrazzjoni, dan għandu jingħad qabel ma l-ministri joħorġu mis-sagristija għal fuq l-artal.**

**Is-saċerdot u l-ministri jsellmu lill-artal u mbagħad jinxteħtu għal tulhom fl-art. Dan l-att li hu propju ta' dan il-jum, għandu jiġi mħares bir-reqqa kollha** għax ifisser li "l-bniedem ta' l-art" qed jitbaxxa kollu kemm hu, u jfisser ukoll in-niket u s-sogħba tal-Knisja.

65. **Il-qari għandu jsir kollu kemm hu. Is-salm responsorjali u l-kant qabel l-Evanġelju għandu jsir bħas-soltu. Ir-rakkont tal-passjoni skond San Ġwann għandu jitkanta jew jinqara kif sar għar-rakkont tal-Passjoni l-Ħadd. Wara l-qari tal-passju għanda ssir l-omelija, u wara għandu jkun hemm ftit tal-ħin li fih il-ġemgħa tiġi mistiedna timmedita fuq il-passjoni tal-Mulej.**

66. It-talbiet ġenerali ta' interċessjoni għandhom ikollhom is-sura tradizzjonali, u ma titħalla barra ebda waħda, biex jidher ċar li l-Passjoni li ġarrab il-Mulej, ġarrabha għal kulħadd, għax ġie msallab għas-salvazzjoni tad-dinja kollha. F'xi każ ta' ħtieġa tassew kbira, l-Ordinarju jista'jippermetti jew jordna li tiżdied xi interċessjoni speċjali. F'dan il-

każ is-saċerdot jagħżel kolletta mill-Missal li tkun l-akar adattata għaċ-ċirkostanzi, iżda b'mod li jinżamm bla mittiefes l-ordni tal-interċessjonijiet.

67. Għall-adorazzjoni tas-salib għandu jintuża salib kbir u sabiħ u tintgħażel waħda missuriet għall-adorazzjoni li hemm fil-Missal. Iċ-ċerimonja għandha ssir b'dik is-solennita' li tixraq il-misteru tas-salvazzjoni tagħna: kemm l-istedina li ssir mal-wiri tas-salib u kemm it-tweġiba tal-poplu għandhom jitkantaw u għandu jkun hemm mumenti ta' adorazzjoni fis-skiet kull darba, waqt li ċ-ċelebrant bil-wieqfa jżomm is-salib merfugħ 'il fuq.

68. **L-adorazzjoni tas-salib issir billi s-salib ikun preżentat lil kull persuna individwalment, għaliex l-adorazzjoni individwali hi l-aspett l-aktar importanti taċ-ċelebrazzjoni** u biss meta hemm numru kbir ħafna ta' nies hu permess li l-adorazzjoni ssir minn kulħadd flimkien.

**Salib wieħed biss għandu jintuża għall-adorazzjoni, għax dan igħin biex jidher is-simboliżmu kollu taċ-ċelebrazzjoni.** Waqt l-adorazzjoni l-antifoni l-improperji u l-innu għandhom jitkantaw biex hekk il-ġrajja tas-salvazzjoni tiġi mfakkra permezz tal-kant. Jista' jsir ukoll kant ieħor adatt.

69. **Is-saċerdot ikanta id-daħla għall-Missierna li mbagħad jitkanta minn kulħadd.** Ma jingħatax is-sinjal tal-paċi. It-tqarbin isir kif imfisser fil-Missal.

**Waqt it-tqarbin jista' jitkanta is-salm 21 jew kant ieħor adatt.** U wara t-tqarbin il-pissidi jittieħed f'post imħejji barra mill-Knisja.

70. Wara ċ-ċelebrazzjoni, l-artal jiżżarma iżda fuqu jibqgħu s-salib u l-erba' gandlieri. **F'post adatt** (v.g. il-kappella fejn ġie riservata l-Ewkaristija f'Ħamis ix-Xikra) **jista' jitħejja Salib biex l-insara jivvenerawh u jbusuh, u jgħaddu ftit taż-żmien quddiemu f'meditazzjoni.**

71. Id-devozzjonijiet bħalma huma Via Sagra, il-purċissjonijiet, it-tifkira tad-duluri tal-Verġni Marija, ma għandhomx jitwarrbu fil-ġenb minħabba raġunijiet pastorali. Il-kant u t-talb li jintuża għandu jkun jaqbel mal-ispirtu tal-jum. Dawn id-devozzjonijiet għandhom isiru f'ħin, b'mod li jkun jidher ċar li ċ-ċelebrazzjoni liturġika hija wisq aktar importanti minn dawn id-devozzjonijiet kollha.

## V. IS-SIBT

72. Is-Sibt il-Knisja tistħajjel ruħha qiegħda ħdejn il-qabar tal-Mulej timmedita fuq il-passjoni u l-mewt tiegħu, u l-inżul tiegħu taħt l-art, hija u tistenna l-qawmien tiegħu bit-talb u s-sawm. **Jixraq ħafna li l-uffiċċju tal-qari u t-tifħir ta' sbiħ il-jum isir mal-poplu. Fejn dan ma jistax isir, għandha ssir xi ċelebrazzjoni tal-kelma ta' Alla, jew xi devozzjoni li taqbel ma' l-ispirtu tal-ġurnata.**

73. Ix-xbieha ta' Kristu msallab, jew fil-qabar, jew fl-inżul tiegħu taħt l-art li huma l-misteri li jiġu mfakkra f'dan il-jum, kif ukoll ix-xbieha tad-Duluri, jistgħu jitqiegħdu fil-knisja għall-venerazzjoni tal-insara.

74. Illum il-Knisja ma tiċċelebrax l-Ewkaristija. **It-tqarbin jista' jsir biss bħala vjatku. Ma jistgħux isiru żwiġijiet, u l-anqas is-sagramenti l-oħra ħlief is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u s-sagrament tal-morda.**

75. L-insara għandhom jiġu mgħallmin x'inhu l-karattru speċjali ta' dan il-jum. **Id-drawwiet u ċ-ċelebrazzjonijiet ta' ferħ marbutin ma' dan il-jum, minħabba li fl-imgħoddi ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Vġili kienet tiġi antiċipata għas-Sibt filgħodu, għandhom jitħallew għal bil-lejl u għal għada.**

## VI ĦADD IL-GĦID IL-KBIR TAL-MULEJ

### A) Il-Vġili tal-Għid

76. Skond tradizzjoni antika ħafna, dan il-lejl hu lejl ta' sahra għall-Mulej, u l-Vġili li tiġi ċelebrata tul dan il-lejl biex tfakkar il-lejl li fih il-Mulej qam mill-imwiet, hi meqjusa bħala "Omm il-vġejjel mqaddsa kollha", għaliex f'dan il-lejl il-Knisja tishar tistenna l-qawmien mill-imwiet tal-Mulej u tiċċelebra s-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija.

#### 1. It-tifsira tal-lejl tal-Vġili ta' l-Għid

77. **Iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid issir bil-lejl; ma tistax tibda qabel inżul ix-xemx, u trid tispiċċa qabel is-sebħ tal-Ħadd. Din ir-regola trid tiftiehem b'mod l-aktar strett.** Hu abbuż kbir, ta' min jistmerru, il-fatt li f'xi postijiet il-Vġili qed issir fil-ħin li soltu ssir il-Quddies ta' filgħaxija.

Ir-raġunijiet li jġibu biex jantiċipaw iċ-ċelebrazzjoni tal-vġili, v.g. in-nuqqas ta' ordni pubbliku, qatt ma jissemmew għal lejl tal-Milied u għall-okkażjonijiet oħra.

78 Il-Vġili ta' l-mogħdija tal-Mulej, li Lhud ma tulha jishru jistennew il-mogħdija tal-Mulej biex jeħlishom mill-jasar tal-Fargħun, issir kull sena. Ħabbret minn qabel il-Għid tassew, il-mogħdija tassew ta' Kristu , li kellha sseħħ, il-lejl tal-ħelsien veru, li bih Kristu ħall l-irbit tal-mewt u qam rebbieħ fuq is-setgħat tal-ħażen.

79. Sa mill-bidu il-Knisja ċċelebrat kull sena s-solennita' ta' l-Għid bħala l-aqwa fost is-solennitajiet kollha, u ċċelebrata bi vġili tul il-lejl. Għaliex bil-qawmien mill-imwiet ta' Kristu timbena l-fidi u t-tama tagħna, u bil-magħmudija u l-Griżma nidħlu fil-misteru ta' l-Għid ta' Kristu, billi miegħu immutu, nindifnu u nqumu, ħalli miegħu nsaltnu wkoll. It-tifsir sħiħ tal-Vġili hu l-mistennija tal-miġja tal-Mulej.

#### 2. L-istruttura tal-Vġili u t-tifsir tal-elementi tagħha.

80. L-ordni tal-Vġili ta' l-Għid hu mqassam b'mod li wara ċ-ċelebrazzjoni tad-dawl u t-tħabbir ta' l-Għid (li hu l-ewwel parti tal-Vġili), il-Knisja toqgħod taħseb fl-egħġubijiet li Alla għamel għall-poplu tiegħu sa miż-żminijiet l-aktar imbegħda (it-tieni parti jew il-Liturġija tal-Kelma), sal-waqt meta, flimkien mal-membri ġodda tagħha li ħadu twelid ġdid bil-Magħmudija (it-tielet parti) tiġi mistiedna għall-mejda li l-Mulej ħejja għall-Knisja tiegħu,

it-tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu sa ma jerġa jiġi. Dan l-ordni ħadd ma jista' jbiddlu minn rajh.

81. L-ewwel parti hi magħmula minn atti u ġesti simboliċi li jitolbu li jsiru b'mod l-aktar sħiħ u bis-solennità kollha, biex l-insara jifhmu sewwa it-tifsir sħiħ tagħhom, li joħroġ mill-kliem li ċ-ċelebrant igħid fil-bidu u mit-talb li jsir.

**Sa fejn jista' jkun, għandu jitħejja post barra l-knisja għat-tberik tan-nar, li għandu jkun mqabbad b'mod li jegħleb id-dlam u jdawwal il-lejl.**
**Il-blandun biex ikun jidher sewwa is-simboliżmu kollu tiegħu għandu jkun tax-xama' u ma jkun qatt xi ħaġa artifiċjali; għandu jsir ġdid kull sena u kbir biżżejjed biex ifisser li Kristu hu tassew id-dawl tad-dinja u għandu jkun hemm bla blandun wieħed biss. Għandu jitbierek kif hemm preskritt fil-Missal jew skond kif iddeterminat il-Konferenza Episkopali.**

82. **Il-purċissjoni tal-poplu għal ġewwa l-knisja trid titmexxa bid-dawl biss tal-blandun.**
Kid ulied il-Lhud fid-deżert tmexxew bil-lejl b'kolonna tan-nar, hekk l-insara jimxu wara Kristu rxoxt. Ma hemm xejn ħażin li mat-tweġiba: "Inroddu ħajr lil Alla "tiżdied xi invokazzjoni lil Kristu rxoxt.
Id-dawl tal-blandun għandhom jinxtegħlu x-xama' an-nies, u jixraq li kulħadd ikoll xemgħa f'idu, **bid-dawl ta' l-elettriku mitfi.**

83. Id-djaknu jxandar it-tħabbira ta' l-Għid li b'mod poetiku tħabbar il-misteru kollu ta' l-għid fid-dawl tal-pjan tas-salvazzjoni. Meta ma hemmx djaknu, u ċ-ċelebrant ma jistax ikanta t-tħabbira, dan jista' jsir minn xi kantur. Il-Konferenzi Episkopali, jekk iridu jistgħu jżidu xi akklamazzjoni tal-poplu tul it-tħabbira.

84. Il-qari mill-Iskrittura hu t-tieni parti taċ-ċelebrazzjoni. Ifakkar l-ġrajjiet ewlenin tal-istorja tas-salvazzjoni; **il-ġemgħa timmedita dawn il-ġrajjiet bil-kant tas-salmi responsorjali, bi ftit waqtiet ta' skiet u bit-talba taċ-ċelebrant.**
L-ordni l-ġdid tal-Vġili ta' l-Għid għandu seba' lezzjonijiet mit-Testment il-qadim, magħżulin mill-Liġi u mill-Profeti, qari li nsibuh kullimkien skond tradizzjoni antika fil-lvant u fil-punent u b'żewġ lezzjonijiet mit-Testment il-Ġdid, jiġifieri mill-Appostlu u mill-Evanġelju. Hekk il-Knisja tibda minn Mose' u mill-profeti biex tfisser il-misteru ta' l-Għid tal-Mulej. **Għalhekk bħala regola s-siltiet kollha għandhom jinqraw biex jiġi mħares sewwa l-karattru tal-Vġili li jitlob li titwal.**
Fejn imbagħad minħabba raġunijiet pastorali il-qari jkollu jitnaqqas, għandu jkun hemm almenu tliet siltiet ta' qari mit-Testment il-qadim, meħudin mill-Liġi u l-Profeti u l-qari minn Esodu 14 bil-kantiku tiegħu qatt ma għandu jitħalla barra.

85. It-tifsir tipoloġiku tal-qari mit-Testment il-qadim għandu l-egħruq tiegħu fit-Testment il-ġdid kif juri t-talb li jgħid iċ-ċelebrant wara kull qari; iżda jkun ta' għajnuna għan-nies jekk tingħata tifsira qasira lin-nies qabel kull qari; **din it-tifsira jagħtiha ċ-ċelebrant jew djaknu.**
Il-Kummissjonijiet liturġiċi għandhom iħejju din l-għajnuna.
Kull silta għandha msieħeb magħha l-kant ta' salm responsorjali li fih il-poplu jwieġeb bir-responsorju.

Għal dawn ir-responsorji għandha titħejja melodija ħafifa li tkun tista' twassal għat-tisħib u d-devozzjoni tal-poplu. Wieħed irid joqgħod attent li xi kant fieragħ ma jieħux il-post tas-salmi.

86. Wara l-qari mit-Testment il-qadim titkanta l-**Gloria** idoqqu l-qniepen skond id-drawwa tal-post, tingħad il-kolletta, u jibda l-qari mit-Testment il-Ġdid. Tinqara esortazzjoni ta' l-Appostlu dwar il-Magħmudija bħala dħul fil-misteru ta' l-Għid. Imbagħad kulħadd iqum bil-wieqfa u ċ-ċelebrant jintona l-**Hallelujah** tliet darbiet b'ton dejjem aktar għoli. Jekk ikun meħtieġ, salmista jew kantur jintona l-**Hallelujah**, li mbagħad ikompliha l-poplu bħala akklamazzjoni bejn vers u ieħor tas-salm 117, li spiss l-Appostli kienu jsemmu fit-tħabbir tagħhom ta' l-Għid. l-aħħar il-qawmien tal-Mulej mill-imwiet jitħabbar fl-Evanġelju bħala qofol tal-liturġija tal-kelma.

**Wara l-Evanġelju għandha ssir l-omelija, qasira kemm tkun qasira.**

87. It-tielet parti tal-Vġili hi l-liturġija tal-Magħmudija. Issa niċċelebraw il-mogħdija tagħna u ta' Kristu. Dan jidher fis-sħuħija kollha tiegħu fil-knejjes li għandhom il-fonti tal-Magħmudija, u aktar u aktar meta jkun hemm id-dħul ta' kbar fil-ħajja nisranija, jew almenu il-Magħmudija tat-trabi. Ukoll jekk ma hemm ħadd għall-Magħmudija, it-tberik tal-ilma tal-Magħmudija għandu jsir l-istess fil-knejjes parrokkjali. Jekk it-tberik tal-ilma ma jsirx ħdejn il-fonti imma fuq il-presbiterju, l-ilma tal-magħmudija mbagħad jittieħed lejn il-fonti, biex jinżamm fih tul iż-żmien kollu ta' l-Għid. Fejn ma hemm Magħmudijiet u lanqas fonti, il-Magħmudija tiġi mfakkra bit-tberik ta' l-ilma biex jitraxxax fuq il-ġemgħa.

88. Wara jiġi t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, b'daħla qasira miċ-ċelebrant. Il-ġemgħa titwieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulha, bil-wieqfa u bix-xama' tixgħel fl-idejn. Imbagħad l-ilma mbierek jitraxxax fuq il-ġemgħa: b'dan il-ġest u bil-kliem li jingħad, in-nies jiġu mfakkra fil-Magħmudija tagħhom. Iċ-ċelebrant iroxx l-ilma mbierek huwa u jgħaddi minn nofs il-knisja waqt li kulħadd ikanta: "Rajt l-ilma" jew xi kant ieħor adatt għal liturġija tal-Magħmudija.

89. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hija r-raba parti tal-Vġili u l-qofol tagħha, għaliex Ewkaristija hi verament is-sagrament tal-Għid tal-Mulej, jiġifieri t-tifkira tas-sagrifiċċju tas-salib u l-presenza ta' Kristu rxoxt, it-tmiem tad-dħul fil-ħajja nisranija u ħjiel ta' l-Għid ta' dejjem.

90. Wieħed irid joqgħod attent ħafna li ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija ma ssirx bil-għaġla, imma ir-riti kollha u l-kliem kollu, għandu jkollhom il-qawwa kollha tagħhom: it-talba tal-fidili li fiha qed jissieħbu għall-ewwel darba l-imgħammdin il-ġodda; il-purċissjoni bl-offerti li fiha l-imgħammdin ġodda jekk ikun hemm, jieħdu sehem; l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba ewkaristika jkun aħjar li jitkantaw; u fl-aħħarnett it-tqarbina ewkaristika waqt li qed jiġi ċelebrat it-tisħib sħiħ fil-misteru ta' l-Għid. Jixraq li waqt it-tqarbin jitkanta s-salm 117, bl-antifona: "Il-Għid tagħna", jew is-salm 33 bl-antifona "Hallelujah" jew xi kant ieħor li juri l-ferħ ta' l-Għid.

91. **Jixraq li fit-tqarbina tal-Vġili ta' l-Għid jidher ċar is-simboliżmu tal-Ewkaristija, jiġifieri t-tqarbin isir biż-żewġ speċi,** l-Ordinarji tal-post jaraw dan ikunx jaqbel u x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi.

3. Xi aspett pastorali.

92. Il-Vġili ta' l-Għid għandha tiġi ċelebrata b'mod li toffri lill-poplu nisrani l-għana kollu taċ-ċerimonji u tat-talb. Għalhekk hi ħaġa importanti ħafna li tkun imħarsa sewwa l-verità, li jiġi 'l quddiem it-tisħib tal-insara, u li ċ-ċelebrazzjoni ma ssirx mingħajr ma jkun hemm is-servizz ta' letturi, ministranti u kor, kulħadd jagħmel il-ħidma tiegħu.

93. **Jaqbel li f'din l-okkażjoni jittieħed ħsieb biex għadd ta' komunitajiet jinġabru flimkien fi knisja waħda,** meta l-fatt li mhumiex bogħod minn xulxin jew li huma żgħar fil-għadd ifisser li ċ-ċelebrazzjoni sħiħa u b'mod festiv tassew ma tkunx tista' ssir. **Iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid għal gruppi speċjali mhux ta' min jinkoraġġiha, għaliex proprju fil-Vġili ta' l-Għid l-insara għandhom jinġabru lkoll flimkien u jħossu li huma komunità ekklesjali waħda.**
L-insara li huma qegħdin 'l bogħod mill-parroċċa tagħhom għall-vaganzi, għandhom jiġu mħeġġin jieħdu sehem fiċ-ċelebrazjoni li ssir fil-post fejn ikunu jinsabu.

94. L-avviżi dwar il-Vġili ta' l-Għid ma għandhomx isiru b'mod qiesu li ċ-ċelebrazzjoni tagħlaq jum is-Sibt, imma għandhom juru li ċ-ċelebrazzjoni qed issir fil-lejl ta' l-Għid, u li hi att wieħed ta' kult. Ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom jinsistu u jgħallmu lin-nies biex dawn jieħdu sehem fil-Vġili kollha kemm hi.

95. **Għal ċelebrazzjoni aħjar tal-Vġili ta' l-Għid jeħtieġ li r-ragħajja tal-erwieħ stess ikunu jafu sewwa u aktar fil-fond ir-riti u t-talb biex ikunu jistgħu jgħallmu sewwa lin-nies.**

## B) Jum il-Għid bi nhar

96. Il-Quddiesa ta' jum il-Għid bi nhar għandha tiġi ċċelebrata bis-solennità kollha. **Jixraq li l-att penitenzjali ta' llum ikun it-traxxix bl-ilma mbierek fil-lejl ta' l-Għid,** u titkanta l-antifona: "Rajt l-ilma" jew xi kant ieħor adatt għall-magħmudijiet. Fil-vaski ta' l-ilma mbierek fil-bibien tal-knejjes għandu jitqiegħed ilma mbierek fil-lejl ta' l-Għid.

97. It-tradizzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-Għasar tal-Magħmudija nhar il-Għid bil-kant tas-salmi u l-purċissjoni lejn il-fonti għandu jinżamm fejn għadu jsir, jew jerġa' jidħol.

98. Il-blandun għandu jkollu postu jew ħdejn l-ambone jew ħdejn l-artal u jinxtegħel almenu fiċ-ċelebrazzjonijiet l-aktar solenni taż-żmien sa Għid il-Ħamsin, kemm għall-Quddies u kemm għat-talb ta' fil-għodu u ta' filgħaxija. Wara żmien il-Għid il-blandun għandu jinżamm f'post ta' ġieh ħdejn il-fonti, biex fiċ–ċelebrazzjoni tal-Magħmudija x-xama' jinxtegħelu minnu. Fil-funerali l-blandun għandu jitqiegħed ħdejn it-tebut biex juri li l-mewt għan-nisrani hi l-mogħdija tiegħu minn din id-dinja għall-oħra. Il-blandun, ħlief f'dawn l-okkażjonijiet ma għandux jitqiegħed fuq il-presbiterju wara żmien il-Għid.

## VII ŻMIEN IL-GĦID

99. Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid tkompli tul żmien il-Għid. Il-ħamsin jum minn Ħadd il-Għid sa Ħadd l-Għid il-Ħamsin il-Knisja tiċċelebrahom bħala festa waħda, il-"Ħadd il-Kbir"

100. **Il-Ħdud ta' Żmien il-Għid jitqiesu bħala Ħdud ta' l-Għid, u hekk jissejħu u jieħdu l-preċedenza fuq il-festi kollha tal-Mulej u fuq is-solennitajiet kollha. Is-solennitajiet li jaħbtu f'dan il-Ħdud għandhom isiru s-sibt ta' qabel. Iċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieh il-Madonna u l-qaddisin li jaħbtu matul il-ġimgħa ma jistgħux jiġu trasferiti għal dawn il-Ħdud.**

101. Għall-kbar li ħadu d-dħul fil-ħajja nisranija fil-Vġili ta' l-Għid, żmien il-Għid hu żmien ta' katekeżi mistaġoġika. Għalhekk kull fejn kien hemm mgħammdin ġodda kbar dak li hemm fl-Ordni għad-dħul tal-kbar fil-ħajja nisranija fin-numri 37-40 u 235-239 għandu jiġi mħares sewwa. Talb għall-imgħammdin ġodda tul l-ottava ta' Għid għandu jsir waqt it-talba ewkaristika.

102. Tul iż-żmien il-Għid l-imgħammdin ġodda għandu jkollhom post speċjali fost l-insara. L-imgħammdin ġodda għandhom ifittxu jissieħbu fil-Quddiesa flimkien mal-parrinijiet tagħhom. Fl-omelija, u fit-talbiet tal-fidili, kemm jista' jkun għandhom jis-semmew. Għanda ssir xi ċelebrazzjoni speċjali f'egħluq il-katekeżi mistaġoġika nhar il-Għid il-Ħamsin jew f'xi ġurnata fil-qrib, skond id-drawwiet tal-post. **Jixraq li t-tfal jagħmlu l-ewwel tqarbina tagħhom f'xi wieħed mill-Ħdud ta' l-Għid.**

103. Tul iż-żmien ta' l-Għid ir-ragħajja tal-erwieħ għandhom igħallmu lil dawk li ġa qegħdin jersqu għat-tqarbin xi jfisser il-preċett tal-Knisja dwar it-tqarbin fi żmien l-Għid. **Hu rakkomandat ħafna t-tqarbin tal-morda speċjalment fl-ottava ta' l-Għid.**

104. Fejn hemm id-drawwa tat-tberik tad-djar b'ċelebrazzjoni tal-qawmien ta' Krsitu mill-imwiet, it-tberik għandu jibda wara s-solennita' ta' l-Għid u mhux qabel, u għandu jsir mill-kappillan u mis-saċerdoti u djakni, imqabbdin minnu. Din hi okkażjoni ta' ministeru pastorali mill-aqwa. Il-kappillan għandu jżur kull dar biex jagħmel vista pastorali lil kull familja. Hemm jitkellem ma' dawk li joqogħdu fid-dar, jitlob ftit magħhom, u jagħmel użu mit-talb li hmm fil-Ktieb tal-Barkiet. Fl-ibliet il-kbar wieħed jista' jara jkunx il-każ li jinġabru għadd ta' familji flimkien għal ċelebrazzjoni tat-tberik tagħhom flimkien.

105. Skond iċ-ċirkostanzi tal-post u tan-nies, insibu xi drawwiet marbutin maċ-ċel-ebrazzjoni ta' żmien il-Għid, li jiġbdu aktar nies milli jiġbdu ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi; ma għandniex inaqqsu s-siwi ta' dawn id-drawwiet, għaliex kemm il-darba huma adatti ħafna għall-mentalita' reliġjuża tan-nies. Il-Konferenzi Episkopali u l-Ordinarji tal-post għandhom jaraw kif dawn id-drawwiet li jidhru qed jgħinu r-reliġjożita tan-nies ikunu jaqblu mill-aħjar li jista' jkun mal-liturġija mqaddsa, ikunu mimlijin bi spirtu liturġiku u b'xi mod joħorġu mil-liturġija u jwasslu għaliha.

106. Iż-żmien imqaddes ta' ħamsin jum jagħlaq il-Ħadd ta' Għid il-Ħamsin meta d-don ta' l-Ispirtu s-Santu ngħata lill-Appostli u jiġi ċelebrat il-bidu tal-Knisja u tal-missjoni tagħha lill-ilsna, u l-popli u n-nazzjonijiet kollha.
Ta' min jħajjar li ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tas-Sibt filgħaxija tiġi mtawla fi Vġili; ma tkunx ċelebrazzjoni tal-misteru tal-Magħmudija kif inhi l-Vġili ta' l-Għid, imma Vġili ta' talb kollu ħeġġa bħalma kien it-talb tal-Appostli u tad-dixxipli li kienu qagħdu jitolbu flimkien ma' Marija Omm Ġesu' huma u jistennew il-miġja tal-Ispirtu s-Santu.

107. Jaqbel mal-Ispirtu tal-festi ta' l-Għid li l-Knisja kollha tifraħ bil-maħfra tad-dnubiet

li jseħħ mhux biss għal dawk li jitwieldu mill-ġdid bil-Magħmudija imma wkoll għal dawk li ilhom żmien magħdudin ma' l-ulied adottivi ta' Alla. B'ħidma pastorali aktar intensiva u bi sforz spiritwali aktar fil-fond, dawk kollha li jiċċelebraw il-festa ta' l-Għid bil-għajnuna tal-grazzja ta' Alla żgur iħossu dan kollu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Maħruġ minn Ruma, mill-uffiċċju tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin, fis-16 ta' Jannar 1988.

P.A. Card Mayer
Prefett

Virġilju Noe
Arċisqof tit. ta' Voncaria
Sergretarju

## OTTAVARJU GĦALL-GĦAQDA TA' L-INSARA 1989

Il-ħsieb għall-Ottavarju għall-Għaqda tal-Insara għas-sena 1989 hu meħud mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani 12,1-21:

### Il-ħajja ġdida fi Kristu

Nitlobkom Ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla: il-kult spiritwali tagħkom. Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħarfu xinhi r-rieda ta' Alla, xinhu li jogħġbu, xinhu perfett.

Jiena ngħdilkom ilkoll bis-saħħa tal-grazzja li tani Alla: Tippretendux li intom xi ħaġa aktar milli intom kif għandu jkun! Iżda kull wieħed minnkom iżomm ruħu talli hu skond il-qjies tal-fidi li tah Alla. Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru ta' l-ieħor.

Aħna għandna doni differenti skond il-grazzja li Alla tana: jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skond il-qjies tal-fidi; jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu; min għandu d-don tat-tagħlim, ħa jgħallem; min għandu d-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim, ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don ta' l-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ.

### Il-liġi tal-ħajja nisranija

Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor: taħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb. Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin. Tħallux il-ħrara tagħkom tibred, tħeġġu fl-ispirtu, servu lill-Mulej. Ifirħu bit-tama, stabru fil-hemm, itolbu bla waqfien. Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn; ilqgħu f'darkom lill-barranin. Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku, u la tisħtu lil ħadd. Ifirħu ma' min jifraħ, ibku ma' min jibki. Aħsbu f'xulxin l-istess, taħsbux fi ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli. Tagħmluhiex ta' għorrief. Troddu lil ħadd deni b'deni. Ħa jkun ħsiebkom filli tagħmlu t-tajjeb quddiem il-bnedmin kollha. Jekk jista' jkun, sakemm ikun ġej minkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd. Tivvendikawx ruħkom b'idejkom, egħżież tiegħi, imma ħallu l-korla ta' Alla tagħmel hi, għax hemm miktub: "Għalija l-vendetta, jiena nħallas, igħid il-Mulej".

Jekk il-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk hu bil-għatx, isqih. Jekk tagħmel hekk tkun qiegħed tiġma' ġamar jaqbad fuq rasu. Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb.

L-isfida li llum għandhom qud-diemhom il-ġnus kollha tad-dinja hija kif jifhmu li, biex ma jinqerdux, jeħtieġ li jsibu kif jgħixu flimkien fis-sliem. Hi sfida li tixbah dik li għandhom quddiemhom il-Knejjes insara li qed iħabirku biex ikunu xirka waħda bejniethom waqt li fl-istess ħin isaħħu u jagħarfu dejjem aktar il-ħafna suriet ta'ħajja nisrnaija li jħaddnu.

**Kliem l-Iskrittura**

Il-kotba tal-Patt il-Ġdid ifissru x'inhi l-Knisja b'għadd mhux żgħira ta' xbihat: hi d-dar ta' Alla ( I Piet 4,17), id-dielja bil-friegħi tagħha (Ġw 15), il-ġisem ta' Kristu (I Kor 12). Insibu wkoll xbihat li juru lill-insara kif għandhom jifhmu dmirijiethom bħala membri tal-Knisja. L-iskrittura tgħidilhom li għandhom jinbnew f'tempju ta' Alla (I Piet 2,4-5) u li huma ħaddiema fl-għalqa tal-Mulej (I Kor 3,9). Dawn il-hafna xbihat juru x'inhi tassew il-ħajja fil-Knisja, iżda l-verità li tinsab taħt dawn ix-xbihat hi x-xirka ta' ħajja ma' Alla u bejnietna li tingħatalna fi Kristu u li aħna fid-dmir li nsaħħu u nifhmu dejjem aktar. Il-kap 12 tal-Ittra lir-Rumani tgħinna nifhmu sewwa din il-verità:

Rum 12,1 tgħidilna li, f'ġieh il-ħniena ta' Alla, aħna għandna noffru ġisimna b'sagrifiċċju ħaj lil Alla. Is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib, li hu frott il-ħniena ta' Alla, hu l-bidu ta' xirka u ta' ħajja għall-insara. Bħala membri tal-Ġisem ta' Kristu, l-insara jissieħbu fil-mewt fejjieda ta' Kristu u jingħaqdu miegħu fl-offerta tiegħu nnifsu lill-Missier. Hu b'hekk li l-insara joffru ġisimhom b'sagrifiċċju ħaj lil Alla. U huma u jgħixu ma' Kristu l-mewt u l-qawmien tiegħu mil-imwiet, isiru dik ix-xirka waħda ta' mhabba li hi opra ta' Alla, il-Knisja.

B'din l-offerta tagħhom infushom, l-insara jinbidlu fil-fehmiet tagħhom. Il-ġudizzji tagħhom, il-fehmiet tagħhom, l-għaniet tagħhom, jiġu trasfigurati, u minn dan joħorġu l-valuri proprji tax-xirka nisranija. Is-soċjetà tad-dinja tista' tqis bħala valuri ewlenin is-setgħa u l-ħażna tal-ġid u l-għana, iżda Ġesù dan qalbu ta' taħt fuq. L-insara għandhom juru ġieh lill-iżgħar fost-hom u jfittxu li jaqdu aktar milli jiġu moqdija, jaħfru l-egħdewwa tagħhom u jbigħu ġidhom biex igħinu l-fqar. Mgħandhomx ikollhom fehma esaġerata tagħhom nfushom iżda l-anqas iqisu ruħhom xejn b'imġiba qarrieqa. Fehma tajba tagħna nfusna titlob li nagħarfu sewwa in-nuqqasijiet tagħna u l-kwalitajiet tajba tagħna. F'kelma waħda, jeħtieġ ngħixu fl-imħabba, dik l-imħabba li dehret fil-mewt ta' Kristu (Rum 5,5)

F'Rum 12, 4-5. San Pawl jitkellem dwar il-Knisja bħala Ġisem ta' Kristu. Din ix-xbieha niltaqgħu magħha fl-ittri kollha tiegħu u kull ma jgħid fl-ittri tiegħu jgħinna nifhmu ahjar l-ħsieb tiegħu. F'Rum 12, 4-5 San Pawl igħidilna li aħna lkoll membri tal-Ġisem ta' Kristu u għalhekk għandna naħdmu flimkien bħala membri tal-Ġisem wieħed ta' Kristu. Fil-Kap 12 ta' l-ewwel ittra lill-Korintin, San Pawl igħidilna dan x'ifisser: għandna nħaddmu d-doni li għandna, nagħarfu d-doni li għandhom l-oħrajn, u nfittxu li jkun hemm is-sliem bejnietna billi ngħinu 'l xulxin u naqsmu kollox bejnietna. Fil-kap 12 San Pawl jinsisti ħafna li

l-ħidmiet kollha li jagħmlu l-membri tal-komunità, huma kollha mogħtijin minn Alla. Il-ħajja u l-kobor tal-Knisja bħala Ġisem ta' Kristu jiddependu mill-għażla u mill-użu tad-doni mogħtijin minn Alla, għażla li jagħtiha l-Ispirtu ta' Alla.

Il-ħajja fil-Ġisem ta' Kristu hi mhux biss don imma dmir ukoll. Dan jidher mill-fatt li San Pawl kellu jara x'jagħmel minħabba il-għlied u l-firdiet li kien hemm fl-ewwel komunitajiet insara. Iżda l-qagħda li kellu quddiemu San Pawl m'hijiex il-qagħda li għandha quddiemha l-Knisja llum meta l-insara huma maqsumin f'ħafna knejjes u xirkiet. San Pawl kien jaf li kull knisja lokali kienet il-Ġisem ta' Kristu fil-post partikulari tagħha u kull knisja lokali kienet tħoss u tagħraf li kellha rabta sħiħa mal-knejjes lokali l-oħra kollha. Din m'hijiex il-qagħda ta' llum, id-differenzi ta' bejnietna, speċjalment differenzi dwar twemmin u prattika ta' ħajja nisranija, iżommu ħajja firdiet li fi żmien San Pawl ma kinux jafu bihom. Iżda t-tagħlim ta' San Pawl dwar l-għaqda bejn l-insara igħodd ukoll għall-qagħda ta' firda li hemm fil-Knisja llum daqskemm kemm kien jgħodd fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. L-għaqda ġiet mogħtija lilna fi Kristu: hi don ta' Kristu. Dmirna li nerġgħu nsibu din l-għaqda u ngħixuha fil-milja kollha tagħha billi negħlbu kulma qiegħed jifridna.

Hu fid-dawl tal-Ġisem ta' Kristu li San Pawl iqis il-ħafna doni ta' Alla u juri kif ġew mogħtija lilna għall-bini tal-komunità nisranija kollha (ara Ef 4 ukoll). Jiswa jekk ninnotaw li d-doni li jsemmi San Pawl juruna żewġ aspetti tax-xhieda nisranija: tħabbir u qadi li jsiru kemm fi ħdan il-komunità nisranija u kemm barra minnha. Fil-fehma tagħna nistghu nagħżlu bejn it-tħabbir u l-qadi, imma fil-prattika t-tħabbira ta' Kristu u l-qadi ta' l-oħrajn huma għal kollox marbutin ma' xulxin tant li qatt ma tista' tifridhom minn xulxin. Dan li Alla għamel magħna fi Kristu jitwemmen permezz tal-qadi li nagħtu 'l xulxin u lid-dinja.

Fil-vrus 9-21 San Pawl isemmi dawk il-valuri li joħolqu l-komunità nisranija. San Pawl iħeġġeġ lil kulħadd biex igħix dawn il-valuri jekk irid jgħix fis-sliem ma' kulħadd. Dan narawh l-aktar meta jgħid li l-insara għandhom "jitolbu bla waqfien" (v.12). L-għaqda tal-Knisja tingħata darba għal dejjem fi Kristu, iżda hi għaqda li trid tibqa' tiġġedded u ssaħħ dejjem aktar fil-fond. U bit-talb l-għaqda tagħna ma' Alla tikber u tissaħħaħ u hekk l-għaqda bejnietna wkoll terġa' sseħħ u tinbena fuq pedamenti sodi. Permezz ta' talb kollu ħeġġa, ta' talb dejjem sejjer id-don ta' l-għaqda jerġa' jingħatalna.

Aħna u nitolbu għall-għaqda tal-insara llum irridu nagħmlu tagħna t-talba ta' Kristu "ħa jkunu lkoll ħaga waħda" (Ġw 17, 21-22). Din hi t-talba li rridu nagħmlu jekk irridu noffru ġisimna b'sagrifiċċju ħaj lil Alla f'għaqda ma' Kristu. Hi talba li nagħmlu, sguri fit-tama li Alla jġib din l-għaqda li hi skond ir-rieda tiegħu. Nifirħu b'din it-tama. Iżda m'hijiex talba jew tħassib li ma jħalliniex nagħtu każ tal-ħażen u tal-inġustizzji li hawn fid-dinja; anzi t-tħabrik għall-għaqda ta' l-insara ma għandux għan ieħor ħlief li l-Knisja tkun sinjal għad-dinja ta' dak is-sliem u ta' dik ir-rikonċiljazzjoni li Alla tana fi Kristu. Id-deni jintrebaħ bil-ġid biss jekk il-bnedmin jagħrfu x'inhuma dmirijiethom fil-Ġisem ta' Kristu u x'ħila għandhom biex jagħmluhom għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.

## ĊELEBRAZZJONIJIET GĦAL KULL JUM TA' L-OTTAVARJU

**L-Ewwel Jum**
IL-ĦNIENA TA' ALLA TGĦAQQADNA FLIMKIEN
Ix-xirka li rridu nibnu bejnietna għandha l-pedamenti tagħha fil-ħniena u l-qawwa ta' Alla

*Lezzjoni I*
Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi Ġen 11, 1-9

L-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed. Meta l-bnedmin telqu mill-Ivant sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm. U qalu wieħed lill-ieħor: "Ejjew nagħmlu l-madum u naħmuh sewwa!" U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel, u l-qatran flok it-tajn. U reġgħu qalu: "Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu ta' l-art."
U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri li kienu qegħdin jibnu l-bnedmin. U l-Mulej qal: "Arahom, poplu wieħed u lsien wieħed għalihom ilkoll. U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom; issa kull ma jiġihom f'rashom xejn ma jaqtagħlhom qalbhom! Ejja, ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom, ħalli ma jifhmux ilsien xulxin."
U l-Mulej xerridhom minn hemm għal fuq wiċċ l-art kollha, u waqfu mill-bini tal-belt. Għalhekk bdew isejħulha Babel, għax hemm ħawwad il-Mulej ilsien l-art, u minn hemm xerridhom il-Mulej mal-wiċċ kollu ta' l-art.

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 127

R. Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja.

Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar,
għalxejn jitħabtu l-bennejja.
Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt,
għalxejn jishar il-għassies. R.

Ma jiswielkom xejn li tbakkru,
jew li ddumu ma tistrieħu
u li tieklu ħobż it-tbatija;
għax hu jipprovdi lill-egħżież tiegħu. R.

Ara, wirt il-Mulej huma l-ulied,
ħlas tiegħu hu frott il-ġuf.
Bħal vleġeġ f'id il-ġellied,
hekk huma wlied iż-żgħożija. R.

Hieni l-bniedem li għandu l-ħorġa mimlija bihom!
Ma jinfixilx meta jiltaqa' ma' l-egħdewwa f'bieb il-belt. R.

*Lezzjoni II*

Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli — Atti 2, 1-11

Kien nhar Għid il-Ħamsin, u huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma' l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.
F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstema' dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu. Miblugħin u mistagħġbin, bdew igħidu: "Dawn li qegħdin jitkellmu m'humiex ilkoll mill-Galilija? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu? Parti, Medin u Għelamin, nies mill-Mesopotamja, mill-Lhudija, mill-Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja, mill-Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni, nies li ġew minn Ruma, kemm Lhud u kemm proseliti, oħrajn minn Kreta u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-egħġubijiet ta' Alla!"

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*

+ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — Lq 6, 47-48

F'dak iż-żmien il-Mulej qal:
"Kull min jiġi għandi u jisma' kliemi u jagħmel dak li ngħid jien, ħa ngħidilkom lil min jixbah. Jixbah lil wieħed li ried jibni dar, ħaffer fil-fond sa ma sab il-blat, u fuqu qiegħed is-sisien. Imbagħad għamlet xita bil-qliel, il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuq dik id-dar, imma ma setax igħeżżiżha, għax kienet mibnija tajjeb."

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**

It-torri ta' Babel inbena min-nies li riedu jilħqu s-sema: l-għira u s-suppervja wassluhom għal dan. Alla kkundanna bl-aħrax din l-ambizzjoni u ħawwad l-ilsna tan-nies li nfirdu u nxterdu ma' kullimkien. Minkejja s-suppervja tal-bniedem, Alla dejjem ħenn għalih u wrieh ħniena. L-aqwa egħmil tal-ħniena ta' Alla hu l-miġja ta' l-Iben ta' Alla fid-dinja biex ibati u jmut għalina lkoll. Frott tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej kienet il-miġja tal-ispirtu s-Santu nhar Għid il-Ħamsin.

L-Ispirtu ta' Alla lill-poplu mifrud u mxerred tah li jingħaqad f'komunità ġdida. Inkunu naħdmu ma' l-Ispirtu ta' Alla għall-bini ta' din il-komunità jekk il-ħidma kollha tagħna tinbena fuq dak li Alla għamel fi Kristu u tkun xbieha tal-umiltà u s-sagrifiċċju tiegħu.

**Ħsieb:** Inroddu ħajr lil Alla għall-ħniena tiegħu magħna billi nwarrbu minna l-egoiżmu tagħna u naqdu 'l Alla minn qalbna.

**It-Tieni Jum**
ALLA JISTEDINNA BIEX NINBIDLU FINA NFUSNA

Il-ħajja nisranija titlob minna ħidma dejjem sejra biex ninbidlu fina nfusna għall-qadi ta' Alla u ta' ħutna.

*Lezzjoni I*
Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi Ġen 32, 23-31

Ġakobb qam dak il-lejl stess u qabad in-nisa tiegħu, u ż-żewġ qaddejja tiegħu u l-ħdax uliedu, u qasam il-moghdija tal-Gabokk. Qabbadhom u għaddiehom ix-xmara b'kull ma kellu. Imbagħad Ġakobb baqa' waħdu u ġie ragel u baqa' jissara miegħu sa ma beda jisbah. U meta ra li ma setax għalih messlu l-għaksa ta' koxxtu, u l-għaksa ta' koxxt Ġakobb tfekket, hu u jissara miegħu.
Imbagħad qallu: "Ħallini mmur, għax qiegħed jisbah." U Ġakobb wieġbu: "Ma nħallikx, jekk ma tberiknix." U dan staqsieh: "Inti x'jismek?" "Ġakobb", wieġbu. U dak qallu: "Ma jkunx aktar jismek Ġakobb, iżda Israel, għax int issarajt ma' Alla u mal-bnedmin, u rbaħt."
Staqsieh Ġakobb u qal: "Għidli x'jismek", u wieġbu: "Għaliex tistaqsini ismi?" U bierku hemmhekk. Għalhekk Ġakobb sejjah dak il-post Penuwel, għax qal: "Rajt lil Alla wiċċ imb'wiċċ, u ħajti ħelsitha."

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 51, 12-21

R. Oħloq fija, O Alla, qalb safja.

Oħloq fija qalb safja, O Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija. R.

La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek
u bi spirtu qalbieni wettaqni. R.

Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin lejk jerġgħu lura.
Eħlisni mill-piena tal-mewt, O Alla,
Alla tas-salvazzjoni tiegħi;
u lsieni jfaħħar il-ġustizzja tiegħek. R.

Iftaħli xofftejja, Sidi,
u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju;
noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
Is-sagrifiċċju tiegħi, O Alla, hu l-qalb niedma;
qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, O Alla. R.

Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek;
erga' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.
Imbagħad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa,
sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u mitmuma;
imbagħad joffrulek ogħġiela fuq l-artal tiegħek. R.

*Lezzjoni II*
Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin — Ef 4, 17-24

Ħuti:
Jiena dan ngħidilkom u nwissikom quddiem il-Mulej: li ma ġġibux ruħkom skond ma jġibu ruħhom il-pagani bil-bluha ta' moħħhom. Il-fehma tagħhom hi mdallma, maqtugħa mill-ħajja ta' Alla minħabba l-injoranza li għandhom u l-ebusija ta' qalbhom. Huma tilfu kull sentiment u ntelqu għal kull xorta ta' żina bla xabgħa. Imma intom mhux hekk tgħallimtu 'l Kristu: jekk intom smajtuh u tgħallimtuh skond il-verità li hi f'Ġesù, jiġifieri li għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u li għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom u tilbsu il-bniedem il-ġdid, maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*
\+ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — Lq 1, 26-38

F'dak iż-żmien:
Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti

sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Gesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba jien verġni?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: l-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Elizabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Imbagħad qalet Marija: 'Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**
It-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija ħawditha. Il-lejl kollu li fih Ġakobb issara ma' Alla kien ta' uġigħ kbir għalih. Iżda kemm Marija u kemm Ġakobb wieġbu pass pass għas-sejħa ta' Alla. Tul iż-żminijiet ħafna nies intebħu li mpenn sħiħ fil-ħajja nisranija ifisser bidla sħiħa f'ħajjithom kollha. F'daqqa waħda jaraw li għandhom iħallu l-bniedem il-qadim imut fihom biex jitwieled il-bniedem il-gdid. Biex isseħħ bidla hekk kbira bħal din wieħed irid iħalli min imexxih u mhux li jmexxi hu. Alla spiss imexxina lejn waqtiet ta' taqbid u ta' dlamijiet, imma fl-istess waqt iwegħdna l-qawwa li neħtiegu u d-dawl tiegħu. Iżda ma jagħtihomlniex minn qabel, biex igħallimna nafdaw aktar fih milli fina nfusna. U għalhekk hu Alla li jmexxina fit-tħabrik tagħna għall-għaqda bejn l-insara.

**Ħsieb:** Nitolbu biex l-imħabba ta' Alla tissawwab fi qlubna u biex l-ispirtu qalbieni jwettqilna ħajjitna. Nitolbu għal dawk li jinsabu mjassrin mill-istrutturi tad-dnub fid-dinja ta' llum.

**It-Tielet Jum**
AĦNA, GĦALKEMM ĦAFNA, AĦNA ĠISEM WIEĦED FI KRISTU

Fil-ħajja tal-Ġisem ta' Kristu, kull wieħed minna għandu ħidma x'jagħmel.

*Lezzjoni I*
Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi — Ġen 12, 1-3

F'dak iż-żmien:
Il-Mulej qal lil Abram: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, imbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka.
Jien imbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek."

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 133

R. Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa
li l-aħwa jgħammru flimkien!

Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa,
li l-aħwa jgħammru flimkien. R.

Bħal żejt mill-aħjar imsawwab fuq ir-ras,
li jinżel mal-leħja tiegħu,
li jinżel mal-leħja ta' Sijon;
sa fuq il-għonq ta' ħwejġu. R.

Hu bħan-nida tal-Hermon,
li tinżel fuq il-għoljiet ta' Sijon;
għax hemm il-Mulej jagħti l-barka,
hemm jagħti l-ħajja għal dejjem. R.

*Lezzjoni II*

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin 1Kor 12, 12-27

Ħuti,

Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu. Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed.

Issa l-ġisem m'huwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri. Kieku s-sieq kellha tgħid: "Ladarba m'iniex l-id, jien m'iniex biċċa mill-ġisem," b'daqshekk m'hijiex parti mill-ġisem? U kieku l-widna kellha tgħid: "Ladarba m'iniex il-għajn, jien m'iniex biċċa mill-ġisem" ma jkunx ifisser b'daqshekk li hi m'hijiex bċċa mill-ġisem. Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn kien ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn kien ikun ix-xamm? Iżda Alla qiegħed il-membri fil-ġisem kull wieħed f'postu, kif għoġbu hu. "Kieku kollha kellhom ikunu membru wieħed, fejn hu l-ġisem? Imma ħafna, iva, huma l-membri, iżda wieħed hu l-ġisem. Il-għajn ma tistax tgħid lill-id: "Jiena ma għandix bżonnok", anqas ir-ras tgħid lis-saqajn: "Ma għandix bżonnok". Mhux hekk biss, imma l-membri tal-ġisem li jidhru l-aktar dgħajfa, huma l-aktar meħtieġa; u dawk li nqisu bl-inqas ġieħ fil-ġisem, 'il dawn l-aktar li nieħdu ħsiebhom; u 'l dawk li ma għandhomx ġmiel, illibsuhom b'aktar ġmiel; għax il-membri sbieħ ma għandhom bżonn xejn. Alla imma bena l-ġisem b'mod li żejjen b'aktar ġieħ lil dawk li jaħtiġuh l-aktar. B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin: jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jitfaħħar, jifirħu lkoll miegħu. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom biċċa minnu.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*
Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann Ġw 17, 21-23

F'dak iż-żmien Ġesù talab u qal:
"Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni. Il-glorja li int tajt lili jiena tajtha lilhom, biex ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda: jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għal kollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili."

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**
Storja rumana tal-qedem tgħid li darba l-membri tal-ġisem irvellaw kontra ż-żaqq. "Inti," qalu liż-żaqq, "tgħix fl-għażż u l-hena waqt li aħna rridu naqduk u nagħmlu x-xogħol kollu. Ma nistgħux inkomplu sejrin hekk; għall-quddiem aħseb għal rasek." U ħallew iż-żaqq bil-ġuħ, iżda malajr il-ġisem kollu beda jnin. Il-membri kollha tal-ġisem imbagħad intebħu kemm kienu boloh li ħallew iż-żaqq bil-ġuħ.
Jekk il-komunità nisranija trid li sseħħ it-talba ta' Kristu, ma tistax taċċetta l-firdiet li hemm bejn l-insara, qisu ma ġara xejn. Fis-sejħa tiegħu lill-insara ta' Korintu biex igħixu fl-għaqda bejniethom, San Pawl fisser aktar fil-fond ix-xbieha tal-ġisem, billi wera x'rabtiet hemm bejn il-membri kollha tal-ġisem: kemm bħala individwi u kemm bħala knejjes, aħna "lkoll ta' xulxin".
Jekk ngħixu għal rasna, mifrudin minn xulxin, naqbdu t-triq tal-mewt.

**Ħsieb:** Inroddu ħajr lil Alla għaliex, bħala nsara, aħna ta' xulxin. Nitolbu 'l Alla jurina kif nistgħu nsaħħu din ir-rabta ta' bejnietna u nieħdu aktar ħsieb xulxin fi ħdan il-Ġisem ta' Kristu.

**Ir-Raba' Jum**
NAGĦŻLU U NUŻAW ID-DONI TA' ALLA

Il-ħafna doni li għandha ġejjin mingħand Alla: jekk naqsmuhom bejnietna tistagħna l-komunità nisranija, u tistagħna wkoll is-soċjetà kollha tal-bnedmin u d-dinja kollha.

*Lezzjoni I*
Qari mill-Ktieb ta' l-Esodu Es. 4, 10-17

F'dawk il-jiem:
Mosé qal lill-Mulej: "Jaħasra, Sidi, ma ninqalax biex nitkellem jien, la qabel u lanqas issa li int kellimt lill-qaddej tiegħek; jien tqil f'fommi u f'ilsieni." Il-Mulej

wieġbu: "Min għamel fomm il-bniedem? Min għamel l-imbikkem, it-trux, u l-għama u 'l min jara? Mhux jien, il-Mulej? Mela issa mur, u jien nkun ma' fommok u ngħallmek x'għandek tgħid."
Imbagħad Mosé wieġeb: "Jaħasra, Mulej, ibgħat, nitolbok lil xi ħadd ieħor!" Il-Mulej xegħel bil-qilla kontra Mosé u qallu: "M'hemmx ħuk Aron, il-Levita? Naf li hu jitkellem tajjeb; u hu joħroġ jiltaqa' miegħek, u kif jarak qalbu timtela bil-ferħ. U int titkellem miegħu u tqegħidlu l-kliem f'fommu, u jien inkun ma' fommok u ma' fommu, u ngħallimkom x'għandkom tagħmlu. Hu jkellem għalik in-nies, ikun għalik ta' fomm u int tkun għalih ta' Alla. U int tieħu f'idejk dan il-ħatar, li bih tagħmel is-sinjali."

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 139

R. Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Inkun għadni anqas lissint il-kelma,
meta inti, Mulej, tkun ġa tafha kollha. R.

Dawramejt inti tħaddanni,
u tqegħidli idek fuqi.
Il-għerf tiegħek tal-għaġeb, ma nwassalx għalih;
għoli wisq, u ma nlaħħaqx miegħu.
Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek?
Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek? R.

Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int;
jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll.
Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ,
u mmur ngħammar fi truf il-baħar,
hemm ukoll tilħaqni idek,
u taqbadni l-leminija tiegħek.
Jekk ngħid: "Ħa jaħbini d-dlam,
ħa jkunli d-dawl lejl madwari",
anqas id-dlam ma hu mudlam;
għalik il-lejl jiddi bħan-nhar;
id-dlam bħad-dawl għalik. R.

Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Inroddlok ħajr, għax tal-għaġeb għamiltni:
tal-għaġeb huma l-egħmejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb. R.

Ma kienx moħbi għadmi minnek,
meta kont qiegħed insir fis-satra
u nintiseġ fil-qigħan ta' l-art.
Raw għajnejk l-egħmejjel tiegħi:
kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek;
u jiemi kienu ġa magħduda
meta ebda wieħed ma kien għad hemm. R.

Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, O Alla!
Kemm hu bla tarf il-għadd tagħhom!
Li kelli ngħoddhom, huma aktar mir-ramel;
x'ħin nasal fl-aħħar, inkun għadni fil-bidu miegħek. R.

Mhux li kont teqred il-ħżiena, O Alla!
Mhux li l-qattiela jitbiegħdu minni!
Nies li b'qerq kontrik jeħduha,
li għal xejn kontrik iqumu.
kemm nobgħodhom, Mulej, lil dawk li jobogħduk,
kemm nistmellhom lil dawk li jqumu kontrik!
B'mibegħda mill-akbar nobgħodhom
għalija huma egħdewwa tiegħi. R.

Għarbilni, O Alla, u agħraf qalbi;
iflini, u kun af ħsibijieti.
Ara iniex miexi fi triq ħażina,
u mexxini fit-triq ta' dejjem. R.

*Lezzjoni II*
Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin I Kor 3, 4-11

Ħuti,
Meta hemm fostkom min jgħid: 'Jiena ta' Pawlu' u ieħor: 'Jiena ta' Apollo'? M'intomx taħsbuha ta' bnedmin? U min hu Apollo? Min hu Pawlu? Huma l-ministri li permezz tagħhom intom emmintu u kull wieħed minnkom skond ma tah il-Mulej. Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar. Għalhekk, la min ħawwel ma hu xejn, u la min saqqa; imma Alla, li kabbar. Xorta waħda huma dak li ħawwel u dak li saqqa: kull wieħed jieħu l-ħlas li ħaqqu skond ma ħadem. Aħna ħaddiema ma' Alla; u intom il-għalqa ta' Alla, intom il-bini ta' Alla.

Skond il-grazzja li tani Alla, bħala bennej għaqli, jiena qegħidt il-pedament. Ħaddieħor jibni fuqu; imma jqis li jara kif jibni fuqu. Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*

Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew Mt 25, 14-30

F'dak iż-żmien:

Ġesù qal din il-parabbola lid-dixxipli tiegħu:

Wieħed li kien se jsiefer, sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u ħallielhom ġidu f'idejhom. Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed skond il-ħila tiegħu. U siefer. Dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra. Hekk ukoll, dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra. Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu. Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja reġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet magħhom. Resaq quddiemu dak li kien ħa l-ħames talenti u ġieblu ħames talenti oħra. "Sinjur", qallu, "ħames talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt ħamsa oħra." Qallu s-sinjur, "Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien sa nafdalek ħafna: idħol fil-hena ta' sidek." Resaq ukoll dak li kien ħa ż-żewġ talenti, u qallu, "Sinjur, żewġ talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt tnejn ohra." Qallu s-sinjur, "Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se nafdalek ħafna: idħol fil-hena ta' sidek." Iżda resaq ukoll dak li kien ħa t-talent wieħed, u qal, "Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx. Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art. Hawn, ara, għandek dak li hu tiegħek." Qabeż is-sinjur u qallu. "Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn ma żrajtx u niġbor fejn ma xerridtx. Mela kien imissek mort qegħedt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur niġborhom bl-imghax. Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti. Għax kull min għandu, jingħatalu, u jkollu żżejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu. U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħeżżiż tas-snien."

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**

Ġerrej biex jirnexxi mhux biss irid iħejji ruħu sewwa u jkun determinat li jirnexxi, imma jeħtieġ ukoll u qabel kollox jagħraf sewwa l-ħila atletika tiegħu. Alla ta lil kull membru tal-Knisja għadd ta' kwalitajiet u doni. Fost il-Korintin fi żmien San Pawl seħħet firda għaliex xi wħud ħasbu li d-doni tagħhom kienu aqwa minn dawk ta' ħuthom l-insara l-oħra, waqt li oħrajn ħasbu li ma kellhomx post fi ħdan il-komunità nisranija għax qisu li d-doni tagħhom ma kienu jiswew xejn jew ukoll li ma kellhom ebda doni mogħtijin lilhom.

Kull knisja, barra d-doni li għandha flimkien mal-knejjes l-oħra kollha, għandha wkoll id-doni proprji tagħha li bihom tista' tgħin għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu. Dawn id-doni proprji ta' kull knisja jistgħu dejjem aktar ikunu ta' għajnuna għal kulħadd, aktar ma tissaħħaħ l-għaqda bejn il-knejjes. Il-parabbola tat-talenti tfakkarna li Alla għad jiġġudikana jekk nonqsu li nagħmlu użu tajjeb mid-doni li Alla tana.

**Ħsieb:** Nitolbu biex kulħadd jasal biex jagħraf x'doni rċieva mill-Ispirtu s-Santu ħa jużahom għall-qadi tal-komunità kollha. Nitolbu b'mod speċjali għal dawk li msejħin jaqdu ħafna dmirijiet mill-aktar umli, imma meħtieġa fuq li meħtieġa għall-ħajja tal-komunità tal-bnedmin.

**Il-Ħames Jum**

INQISU LI L-IMĦABBA TAGĦNA MA TKUNX WIĊĊ B'IEĦOR

Il-vera mħabba tqis kull bniedem għal dak li hu u mhux għal dak li tista' tieħu minnu.

*Lezzjoni I*

Qari mill-Ktieb ta' Rut — Rut 1, 8-19a

U Nagħomi qalet liż-żewġ nisa: "Itilqu, kull waħda f'dar ommha, u jalla jagħmel ħniena magħkom il-Mulej, kif intom għamiltu mal-mejtin u miegħi. U jagħtikom il-Mulej li ssibu l-mistrieħ, kull waħda f'dar żewġha." U bisithom it-tnejn, u għollew leħinhom u bkew.
Iżda huma qalulha: "Aħna nerġgħu niġu miegħek għand niesek." U Nagħomi wieġbet: "Erġgħu lura, uliedi. Għala tridu tiġu miegħi? Għandi jien, jaqaw ulied f'ġufi biex ikunu żwieġkom? Erġgħu lura, uliedi. Jien xjeħt wisq biex nerġa' niżżewweġ u niled it-tfal, jaqaw se tistennewhom sakemm jikbru? Se toqogħdu intom mingħajr ma tiżżewġu? Le, uliedi, għax għandi mrar kbir minħabba fikom: tassew li laħqitni id il-Mulej." U huma għollew leħinhom u reġgħu bkew. Għofra bieset lil omm żewġha, imma Rut baqgħet imqabbda magħha. Nagħomi qaltilha: "Il-kunjata reġgħet lura għand niesha u l-allat tagħha. Mur lura mal-kunjata." U Rut wieġbet: "Iġġagħalniex nitilqek u nerġa' lura minnek; fejn tmur int, immur jien; fejn toqgħod int, noqgħod jien; u hemm nindifen. Dan jagħmilli, u aktar, il-Mulej, jekk ma tkunx il-mewt li tifridna." U Nagħomi rat kif webbset rasha biex tmur magħha, u ma kellmithiex iżjed. U telqu t-tnejn sakemm waslu Betlehem.

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 15

R. Il-bniedem ġust iweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej

Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek?
Min joqgħod fuq il-għolja mqaddsa tiegħek? R.

Min igħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb,
min jgħid is-sewwa f'qalbu;
min ma jqassasx bi lsienu,
ma jagħmilx deni lil ġar,
u ma jgħajjarx lil għajru;
min ma jqisx lill-bniedem ħażin,
imma jweġġah lil dawk li jibżgħu mill-Mulej;
min iwiegħed u jżomm kelmtu;
min jislef u ma jitlobx imgħax,
u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija.
Min jagħmel dan qatt ma jitħarrek. R.

*Lezzjoni II*
Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli — Atti 2, 42-27

F'dak iż-żmien, l-aħwa kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ma' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.
Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd, għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz ta' l-appostli. Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għall-ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*
Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa — Lq 10, 29-33

F'dak iż-żmien wieħed għaref fil-liġi staqsa lil Ġesù: "Il-proxxmu tiegħi min hu?" U Ġesù reġa' qabad igħidlu: 'Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet.
Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer. Hekk ukoll wieħed Levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer.
Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru. Resaq lejh, dewwielu l-grieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, u mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu. Il-għada ħareġ biċċtejn flus,

tahom lil tal-lukanda u qallu: 'Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi.' Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?" "Min ħenn għalih," wieġbu dak. "Mur", qallu Ġesù, " u agħmel hekk int ukoll."

**Kummentarju**

Ma nagħżlux aħna l-ġirien tagħna: jew nsibuhom hemm jew jiġu minn rajhom. Ma jieħdux parir minn għandna. Iżda l-ħbieb nagħżluhom aħna. Xi drabi nitħabtu ħafna biex insiru nafu sewwa lil xi ħadd, u nbatu ħafna wkoll biex ma jiġrilniex li nsiru nafu lil ħaddieħor minn floku. "Fejn tmur int, immur jien; fejn toqgħod int, noqgħod jien". Rut, barranija f'art Israel, wriet b'mod l-aktar ċar lil Naghomi li l-imħabba li kellhom għal xulxin; ir-rabta ta' mħabba li kien hemm bejniethom kienet rabta li ma tintemm qatt. Kemm aktar ma tintemm qatt ir-rabta li torbot komunità nisranija li tgħix fl-imħabba, f'għaqda fit-talb u fil-qsim ta-ħobż", fl-Ewkaristija! Jekk nistaqsu: "Min hu għajri?", irridu noqogħdu attenti għat-tweġiba li jagħtina Kristu: "Int trid tkun proxxmu ta' kulħadd". Aħna ma nagħżlux l-proxxmu tagħna."

Fil-laqgħat ekumeniċi, hu fundamentali "id-djalogu tal-imħabba", għax igħinna naraw 'l ħutna fl-oħrajn u napprezzaw il-valuri li qegħdin iwasslulna.

**Ħsieb:** Nitolbu biex ilkoll nagħarfu x'titlob minna l-vera mħabba li twassalna biex naqsmu bejnietna skond is-sewwa r-riżorsi kollha li għandna. Nitolbu b'mod speċjali għal dawk li, fil-lvant u l-punent, fit-tramuntana u nofs-in-nhar, qed jitħabtu għall-ġustizzja u għall-bini ta' dinja li tixraq aktar lill-bniedem.

**Is-Sitt Jum**

IFIRĦU BIT-TAMA

It-tama tagħtina l-ħila naghmlu dmirijietna b'fiduċja sħiħa fil-wegħdiet ta' Alla, minkejja l-biża' u d-diffikultajiet kollha taż-żmien ta' llum.

*Lezzjoni I*

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija Ġer. 29, 11-14

Dan igħid il-Mulej:

"Jien naf il-pjani li ħsibt għalikom – Oraklu tal-Mulej – pjani ta' ġid u mhux ta' ħsara, biex isseħħ it-tama tagħkom. Intom issejħuli u tiġu titolbuni u jien nismagħkom, tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha, issibuni – Oraklu tal-Mulej – u jiena nbiddel xortikom u niġborkom minn fost il-ġnus u mill-artijiet kollah li xerridtkom fihom – Oraklu tal-Mulej – u nreġġagħkom lura lejn il-post li itturrufnajtkom minnu."

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 129 (130)

R. Jistenna Israel lill-Mulej

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena. R.

Jekk tal-ħtijiet int tagħti każ, Mulej,
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek. R.

Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi,
aktar milli l-għassiesa s-sebħ. R.

Aktar milli l-għassiesa s-sebħ,
jistenna Israel lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba,
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu li jifdi lil Israel minn ħtijietu kollha. R.

*Lezzjoni II*

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani Rum 5, 1-15

Ħuti: Issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu: permezz tiegħu għandna d-dħul għal din il-grazzja li fiha qegħdin. Aħna niftaħru bit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla. Mhux biss dan, imma niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li s-sofferenza ġġib is-sabar, is-sabar iġib il-prova, u l-prova ġġib it-tama. U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*

+ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa Lq 10, 23-24

F'dak iż-żmien Ġesù dar lejn id-dixxipli u qal lilhom weħidhom: "Henjin il-għajnejn li jaraw dak li qegħdin taraw intom. Għax kif ngħidilkom jien, ħafna profeti u slaten riedu jaraw dak li qegħdin taraw intom u ma rawx, u jisimgħu dak li qegħdin tisimgħu intom u ma semgħuhx!"

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**
Qed ngħixu fejn ma hemmx ħlief problemi ekonomiċi, gwerer, ġuħ, u ġlied. X'nistgħu nagħmlu aħna? Mhux aħjar ma jkun jimpurtana xejn mid-dinja? L-Iskrittura għandha tweġiba għal din il-mistoqsija tagħna. Wara li s-saltna tal-Lhudija ġiet mirbuħa u l-poplu meħud fl-eżilju f'Babel, Ġeremija ħabbar lill-poplu li Alla kien qed iħejjilu ġejjieni ieħor. Kliem Ġesù lid-dixxipli: "Ħafna profeti u slaten xtaqu jaraw dak li qegħdin taraw intom," intqalilhom huma u sejrin lejn Ġerusalemm, mimlijin b'ferħ fl-Ispirtu. San Pawl iqis it-tama bħala l-aqwa mezz ta' għajnuna għalina fi żmien tiġrib u tbatija. Dan mhux ottimiżmu qarrieq imma fiduċja mibnija fuq l-imħabba li Alla għandu għalina.
L-insara, huma u jħabirku għar-rikonċiljazzjoni u għall-għaqda, xi drabi huma xi ftit pessimisti, iżda jmissna nintebħu b'dak li Alla qed jagħmel permezz tad-djalogu bejn il-knejjes, ta' ħidma flimkien, ta' talb u ta' xhieda flimkien. Bħat-tbexbix tas-sebħ għall-għassiesa, hekk it-tama twettaqna fil-mixi tagħna.
**Ħsieb:** B'tama sħiħa nitolbu biex l-ġnus kollha li qed iġarrbu moħqrija jiksbu l-ħelsien. Nitolbu b'mod speċjali għal dawk li mhux biss iridu jħabbtu wiċċhom man-nuqqsijiet tagħhom, imma wkoll ma' l-imġiba ħażina ta' dawk li jinsabu ma' dwarhom.

**Is-Seba' Jum**
ITOLBU BLA WAQFIEN

Aktar ma nsaħħu l-għaqda tagħna ma' Alla permezz tat-talb, aktar tinbena fuq pedamenti sodi l-għaqda ta' bejnietna.

*Lezzjoni I*
Qari mill-Ewwel Ktieb ta' Samwel 1 Sam 1, 9-20

Kien hemm raġel minn Ramatajmsofim mill-muntanji ta' Efraim, u kien jismu Elkana bin Ġeroham, bin Elihu, bin Tohu, bin Suf minn Efrajm. U kellu żewġ nisa, waħda jiimha Anna u l-oħra Peninna. Peninna kellha wlied, imma Anna ma kellhiex ulied. Minn sena għal oħra dan ir-raġel kien jitla' Silo biex jadura u joffri s-sagrifiċċju lill-Mulej, Alla ta' l-eżerċti. Kien hemm iż-żewġ ulied ta' Għeli, Hofni u Finehas, qassisin tal-Mulej.
Ġara li f'jum minnhom, Elkana offra s-sagrifiċċju u ta ħafna ishma lil martu Peninna u lis-subien u l-bniet tagħha lkoll; imma lil Anna, għalkemm kien iħobbha, taha sehem wieħed biss għax il-Mulej kien għalqilha ġufha. Hekk kien jiġri kull sena, kull meta kienu jitilgħu f'dar il-Mulej; hekk kienet tħobb tinkiha, u Anna kienet taqbad tibki u ma tikolx.
Darba żewġha Elkana qalilha: "Anna! Għala int qalbek sewda? M'iniex jien aħjar għalik minn ghaxar ulied?"
U wara li kielu u xorbu f'Silo, Anna qamet u marret quddiem il-Mulej, u l-qassis Għeli kien bilqieghda fuq is-siġġu ħdejn it-tarġa tal-bieb tat-tempju tal-Mulej.

Anna kellha qalbha kollha mrar, u bdiet titlob lil Alla, u tibki ħafna. Għamlet wegħda lill-Mulej u qalet: "Mulej ta' l-eżerċti, jekk inti tħares lejn il-hemm tal-qaddejja tiegħek u tiftakar fija, u ma twarrabx il-qaddejja tiegħek, u tagħtija tifel hija tagħtih lill-Mulej għal ħajtu kollha, u minn fuq rasu ma tgħaddix ix-xafra." Damet titlob ħafna quddiem il-Mulej, u Għeli kien qiegħed iħares lejn fommha. Anna kienet titkellem f'qalbha; xofftejha biss kienu jitħarrku, u leħinha ma jinstamax. Għalhekk Għeli ħasibha fis-sakra u qalilha: "Kemm se ddum fis-sakra? Eħles mill-inbid li għandek fuqek." Anna wieġbet: "Le, ja sidi, jiena mara b'qalbha miġugħa, u ma xrobt la nbid u lanqas xorb ieħor li jsakkar, imma qiegħda niftaħ qalbi quddiem il-Mulej. La tqisx il-qaddejja tiegħek b'mara ħażina: s'issa tkellimt mill-kotra ta' hemmi u n-niket tiegħi."
Għeli wieġeb: "Mur bis-sliem. Alla ta' Israel jisma' t-talba tiegħek, u jagħtik kull ma tlabtu." U hi wieġbet: "Jalla l-qaddejja tiegħek issib ħniena f'għajnejk."
Il-mara qabdet triqtha, kielet, u wiċċha ma baqax bħal qabel. Il-għada filgħodu bakkru u marru jaduraw il-Mulej, u telqu lura lejn darhom f'Rama. Imbagħad Elkana għaraf 'il martu, u l-Mulej ftakar fiha. U tqalet, u meta wasal żmienha, wildet iben u semmietu Samwel, "għaliex", kif qalet hi, "tlabtu lill-Mulej."

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* Salm 63, 1-9

R. Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex

Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik,
għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma. R.

Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek,
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja,
xofftejja jxandru t-tifħir tiegħek. R.

Għalhekk imbierkek tul ħajti kollha;
ngħolli jdejja u nsejjaħ ismek.
Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela,
u jgħannilek fommi b'xofftejn ferrieħa,
meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar,
u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl. R.

Għax int kont għajnuna għalija,
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.
Miegħek tingħaqad ruħi,
int tweżinni bil-leminija tiegħek. R.

*Lezzjoni II*
Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin Fl. 1, 3-11

Ħuti: Nizzi ħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom, u nitlob dejjem ferħan bit-talb tieghi għalikom, minħabba s-sehem li intom ħadtu fix-xandir ta' l-Evanġelju, mill-ewwel jiem sal-lum. Jiena żgur minn dan: li dak li beda din l-opra tajba fikom, iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-jum ta' Kristu Ġesù. Ħaġa sewwa li jiena naħseb hekk fikom ilkoll, għaliex jiena nġibkom f'qalbi, lilkom ilkoll, li qsamtu miegħi l-grazzja li għandi, kemm issa li jien marbut bil-ktajjen, kif ukoll meta kont niddefendi u nwettaq l-Evanġelju. Iva, jixhidli Alla kemm jien miġbud lejkom bil-qalb ta' Kristu Ġesù! U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bil-gherf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħarfu tagħzlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtieja fil-jum ta' Kristu, mimlijin bil-frott tal-ġustizzja li ġejja minn Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*
+ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa Lq 18, 1-8

F'dak iż-żmien, Ġesù qal din il-parabbola biex juri lin-nies li għandhom dejjem jitolbu bla ma jaqtgħu qalbhom. Qalilhom: "Kien hemm f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel rasu min ħadd. F'dik il-belt kien hemm waħda armla, u kienet tmur għandu u tgħidlu "Agħmilli ħaqq kontra l-għadu tiegħi". Hu ma riedx, u dam ħafna hekk: iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu, qal: "Mhux għax nibża' minn Alla jew għax se nħabbel rasi min-nies, imma għallinqas ghax din l-armla dejjqitni, ħa nagħmlilha ħaqq, biex ma tibqax ġejja u sejra sa ma tifnini." U l-Mulej qal: "Isimghu ftit x'igħid l-imħallef il-ħażin. Imbagħad Alla, lill-magħzulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom? Jiena ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq. Imma taħsbu intom li Bin il-Bniedem se jsib fidi fuq l-art meta jiġi?"

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**
It-talb ta' kull sena għall-għaqda tal-insara hu xi ħaġa aktar minn sempliċi formalità – it-talb hu l-qofol tal-moviment ekumeniku, għax dan mhuwiex biss struttura u organizzazzjoni imma hu fuq kollox realtà spiritwali.
Is-siltiet mill-Iskrittura llum huma dwar dak it-talb li joħroġ mill-fond tal-qalb tal-bniedem – Anna li tiftaħ qalbha fit-talb lil Alla biex ikollha iben, il-mara tal-parabbola li tinsisti biex tiġi mismugħa, San Pawl li jfakkar lill-Filippin li hu dejjem jiftakar fihom fit-talb tiegħu. Iżda San Pawl qatt ma kien ikun bil-geddum meta kien jitlob. It-talb tiegħu kien ikun mimli bil-ferħ u r-radd il-ħajr għal dak kollu li Alla jagħmel.

It-talb fost l-insara jġib rabta ta' għaqda u jmexxi lill-insara ħa jfittxu dik il-għaqda li tidher, li Kristu jrid u bil-mezzi li jrid. Aħna u nitolbu, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, u nagħmlu l-istess talba ta' Kristu ħalli lkoll inkunu ħaġa waħda fih, inkunu qed inħaffu l-jum li fih id-don tal-għaqda jingħata lilna fil-milja kollha tiegħu.

**Ħsieb:** Nitolbu biex jiżdied l-għadd tal-knejjes lokali li jiċċelebra l-Ottavarju għall-għaqda tal-insara, u biex ikollna fidi u kuraġġ biex ikomplu nitolbu dejjem bla ma naqtgħu qalbna.

**It-Tmien Jum**

GĦIXU FIL-PAĊI MA' KULĦADD: IRBAĦ IL-ĦAŻEN BIT-TAJJEB

Alla jrid dinja fejn il-bnedmin kollha jgħixu flimkien fis-sliem. Dan jurina b'liema sura ta' ġid nirbħu d-deni.

*Lezzjoni 1*

Qari mill-Ktieb ta' L-Esodu — Es 23, 1-9

F'dak iż-żmien, il-Mulej qal lil Mosé: "Dan jgħid lil ulied Israel: 'La taqlax xniegħa giddieba; la tagħtix idek lill-bniedem ħażin biex tixhed bil-qerq. La tmurx mal-kotra biex tagħmel id-deni; u f'tilwima tixhidx skond il-kotra, biex ma tgħawwiġx is-sewwa. U anqas ma għandek tħares lejn wiċċ il-fqir fit-tilwim tiegħu.
"Jekk int issib il-gendus jew il-ħmar mitluf ta' min jobogħdok, roddulu lura. Jekk tara l-ħmar ta' min jobogħdok, mixħut fl-art taħt it-tagħbija, tibqax għaddej bla ma tgħinu; imma għinu biex iqajmu.
"La tgħawwiġx il-ġustizzja li tmiss lill-fqir fil-kawża tiegħu. Żomm ruħek 'il bogħod minn kliem il-gideb; u la toqtolx lil min hu sewwa u bla ħtija; għax jien ma neħlishiex lill-ħati. La teħux rigali, għax ir-rigali jagħmu n-nies b'għajnejhom miftuħa, u jgħawwġu l-kawża tan-nies sewwa.
"Taħqarx il-barrani; int taf xi jħoss il-barrani; għax barrani int kont fl-art ta' l-Eġittu."

Il-Kelma tal-Mulej

*Salm Responsorjali* — Salm 122

R. Is-sliem għalik

Fraħt meta qaluli:
"Sejrin f'dar il-Mulej!"
Diġà qegħdin riġlejna
fi bwiebek, Ġerusalemm! R.

Ġerusalemm, mibnija bħal belt,
magħquda ħaġa waħda.
Lejha t-tribujiet jitilgħu,
it-tribujiet tal-Mulej,
biex, skond il-liġi ta' Israel,
ifaħħru isem il-Mulej.
Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq,
it-tronijiet tad-dar ta' David. R.

Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm:
"Ħa jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!
Ħa jkun hemm is-sliem ġewwa l-ħitan tiegħek,
u l-ġid fil-palazzi tiegħek!" R.

Minħabba ħuti u ħbiebi,
ħallini ngħidlek: "Is-sliem għalik!"
Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna,
nixtieq illi jkollok il-ġid. R.

*Lezzjoni II*
Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin Kol 2, 12-15

Ħuti, intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla.

Il-Kelma tal-Mulej

*Evanġelju*
+ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa Lq 6, 27-36

F'dak iż-żmien Ġesù qal lil dawk li kienu jisimgħu: "Ħobbu l-egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblahkom. Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa ma għandek tiċħadlu. Agħti lil kull min jitolbok; u min jeħodlok xi ħaġa tiegħek, titlobilux lura. Kif trid li l-bnedmin jagħmlu lilkom, hekk ukoll għamlu intom lilhom. Jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax il-midinbin ukoll iħobbu lil min iħobbhom. U jekk tagħmlu l-ġid lil min jagħmel il-ġid lilkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax dan jagħmluh saħansitra l-midinbin. U jekk tisilfu xi ħaġa lil min tistennewh iroddhielkom lura, xi ħlas jista' jkollkom? Il-midinbin ukoll jisilfu lill-midinbin, bil-

ħsieb li jieħdu lura daqshekk ieħor minn għandhom. Imma intom ħobbu l-egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid, isilfu bla ma tistennew xi ħaġa lura, u l-ħlas tagħkom ikun kbir, u tkunu wlied Alla l-għoli li hu tajjeb ma' l-ingrati u l-ħżiena. Ħennu bħalma hu ħanin Missierkom.

Il-Kelma tal-Mulej

**Kummentarju**

L-egħmil hu aqwa mill-kliem. In-nies juru li tassew iridu l-paċi, meta jieqfu mill-ġlied.

Għall-insara l-kelma "paċi", "sliem", bħall-kelma "ġustizzja" għandha tifsira li l-egħruq tagħha jinsabu fil-fidi. Għalina l-paċi u s-sliem huma don ta' Alla, don li jrid isaltan fi qlubna.

Iżda għalina, u għal kulħadd, is-sliem u l-paċi mhumiex xi ħaġa li dwarha noħolmu biss. Irridu nkunu nies li jġibu s-sliem u l-paċi. Dan ifisser mogħdrija u maħfra tal-ħtijiet tal-oħrajn. Ifisser tirbaħ il-ħażen bit-tajjeb li tagħmel.

Tul din il-ġimgħa nitolbu biex l-insara tal-knejjes kollha u ta' kull komunità jagħtu xhieda soda, b'mod li titwemmen, ta' paċi u sliem, u jħabirku għaliha f'dinja mifruda. Hekk ikunu jagħtu sehemhom għall-bini tas-saltna ta' Alla.

**Ħsieb:** Nitolbu biex id-dinja kollha tara fil-ħidma ekumenika tagħna sinjal tas-saltna ta' Alla fejn it-tajjeb jegħleb il-ħażin, u jsaltnu s-sliem u l-ġustizzja.

## ĊELEBRAZZJONI EKUMENIKA TAL-KELMA TA' ALLA

**Tislima tal-bidu:**

Il-grazzja u s-sliem ta' Alla l-Missier li jista' kollox, ta' Ibnu, Sidna Ġesù Kristu, u ta' l-Ispirtu s-Santu, tkun magħkom ilkoll.

R. U miegħek ukoll.

**Att penitenzjali**

Nagħmlu bħall-pubblikan li daħal jitlob fit-tempju, u nitolbu 'l Alla biex iħenn għalina għaliex aħna midinbin.

Alla ħanin, ħenn għal uliedek, għax tbegħdna mill-għaqda li Ibnek ried li jkun hemm fostna. Mulej, ħniena.

R. Mulej, ħniena.

Għall-mibgħeda li kellna għal xulxin u għall-firdiet li kabbarna fostna. Kristu, ħniena.

R. Kristu, ħniena.

Għax ma tlabniex biżżejjed għall-għaqda ta' bejnietna u għar-rebħa fuq l-iskandlu tal-firdiet fostna li begħdu ħafna mill-Knisja tiegħek. Mulej ħniena.

R. Mulej ħniena.

Ħenn għalina, Alla li jista' kollox, jaħfrilna ħtijietna, igħinna mmutu ma' Kristu għad-dnub biex mill-ġdid ngħixu miegħu għalik. Ibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħek fi qlubna biex imexxina fis-sewwa kollu u naqduk b'dak kollu li ngħidu, li nagħmlu u li aħna. Bi Kristu Sidna.

R. Amen.

**Innu ta' tifħir lill-Mulej**

Nerfgħu qlubna u ħsibijietna lejn il-Mulej
u nroddulu ħajr għall-ġid kollu li għamel magħna.

R. Imbierek int, Mulej Alla tagħna, minn issa u għal dejjem.

Mulej Alla tagħna, int beriktna bid-don tal-ħajja,
u tagħtina l-ħajja fil-milja kollha tagħha. R.

Tajtna lil Ibnek bħala Feddej tagħna
u għallimtna l-kliem tal-ħajja. R.

Tajtna l-Ispirtu qaddis tiegħek
u twettaqna fix-xirka tal-Knisja tiegħek. R.

Int għamiltna l-poplu qaddis tiegħek
u naddaftna minn dnubietna. R.

Int tistedinna nħobbuk billi nħobbu lill-oħrajn
u tgħaqqadna flimkien fl-imħabba. R.

Iżżejjinna b'ħafna talenti għall-glorja tiegħek
u tistedinna nħaddmuhom bl-umiltà kollha. R.

Tgħajjixna bil-ħobż tal-ħajja,
u tagħtina l-kalċi tas-salvazzjoni. R.

Twegħdna l-hena tas-saltna tiegħek
u ssejħilna biex inxandru t-tifħir tiegħek għal dejjem. R.

Mulej Alla tagħna, int l-istess imħabba,
int tajtna grazzja u ħajja
b'Ibnek Ġesù, il-Feddej tagħna.
Bih, imbierku Ismek, inroddulek ħajr
u nfaħħruk u nsebbħuk għal dejjem ta' dejjem. R. Amen.

**Qari**

Jintgħażel il-qari ta' waħda mill-ġranet tal-Ottavarju. Wara ssir l-Omelija fuq il-qari li jkun sar.

**Stqarrija tal-fidi**

Jingħad il-Kredu

**Talba tal-fidili**

Miġburin flimkien, bħala l-poplu qaddis ta' Alla, nitolbuh għall-Knisja ta' Kristu u għad-dinja kollha.
Nitolbu għall-paċi bejn in-nazzjoniijiet u għal-laqgħa fis-sliem tal-kulturi tal-ġnus u l-popli.

R. Mulej, isma' t-talba tagħna.

Nitolbu biex ikun hemm ġustizzja u mħabba għal kulħadd u l-aktar għal dawk li huma mċaħħdin mid-drittijiet tagħhom bħala bnedmin. R.

Nitolbu għall-għaqal fl-użu tal-ġid tad-dinja biex minnu jgawdi kulħadd, u l-aktar l-fqar u l-imsejknin tad-dinja. R.

Nitolbu għal dawk li huma ippersegwitati u abbandunati minn kulħadd; għall-morda, għal dawk li huma weħidhom, għall-batuti, għall-imnikktin u għall-moribondi. R.

Nitolbu għal dawk li jixbhu 'l Kristu fil-qadi tagħhom lejn il-bnedmin ħuthom fil-ħtiġijiet tagħhom u għal dawk li jgħinnu lil min qiegħed ibati, għal dawk li qed iħarbirku għall-paci u r-rikonċiljazzjoni. R.

Nitolbu għall-insara kollha biex kull wieħed u waħda minnhom jaqdi l-komunità tiegħu u jħabrek għall-għaqda tal-insara. R.

Nitolbu għal dawk kollha li huma mexxejja fil-knisja u fl-organizzazzjonijiet insara biex ifittxi l-għaqda bejn l-Insara u ma jħallux tradizzjonijiet u sistemi tal-bnedmin jfixkluhom. R.

Nitolbu l-grazzja li noffru ġisimna sagrifiċċju ħaj lil Alla billi ma ngħixux skond id-drawwa tad-dinja imma nfittxu li nagħmlu dejjem ir-rieda ta' Alla. R.

Fis-skiet ta' qalbna nitolbu għall-fehmiet partikulari tagħna.
*(ftit mumenti ta' talb fis-skiet).*

U issa niġbru flimkien il-fehmiet kollha tagħna billi b'leħen wieħed intennu t-talba li l-Mulej għallimna għas-salvazzjoni tagħna:
MISSIERNA ...

**Talba ta' l-aħħar**

Mulej Alla tagħna, int tbierek lil min ifaħħrek u tqaddes lil kull min jafda fik; salva l-poplu tiegħek u bierek il-wirt tiegħek. Ħares il-ġisem kollu tal-Knisja; qaddes lil dawk li jħobbu l-ġmiel ta' darek, sebbaħhom bil-qawwa tiegħek, u titlaqx lil dawk li jittamaw fik.
Agħti s-sliem tiegħek lid-dinja, lill-knejjes kollha, l-awtoritajiet ċivili u l-popli kollha.
Għaliex kull għotja tajba u kull don perfett jiġu minn għandek, Mulej Alla li tista' kollox, lilek nagħtu glorja, tifħir, qima u radd il-ħajr lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Barka ta' l-aħħar**

Intom li Alla sejjħilkom għall-bini tax-xirka tal-insara, ħa tkunu dawl għad-dinja u bi kliemkom u egħmilkom twasslu lill-oħrajn l-imħabba ta' Kristu. R. Amen.

Ħa tkunu qaddejja ta' ħutkom u twasslulhom dak li jeħtieġu u żżuruhom fil-hemm tagħhom. R. Amen.

Ħa tkunu ħaġa waħda fi Kristu, biex meta n-nies tad-dinja jiltaqgħu magħkom, jagħarfu x'inhi l-imħabba ta' Alla għad-dinja. R. Amen.

Il-barka ta' Alla, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu tinżel fuqkom u tibqa' magħkom għal dejjem. R. Amen.

Il-Papa lill-Isqfijiet Amerikani

## IS-SISIEN TAS-SERVIZZ PASTORALI TAL-KNISJA

Dear brothers in our Lord Jesus Christ,

1. With deep fraternal affection I welcome all of you, the Bishops of Regions XII and XIII. Our meeting today is meant to be not only an experience in ecclesial communion for us as Pastors of God's people, but also a renewed committment of all the Dioceses in the Provinces of Anchorage, Portland, Seattle, Denver and Santa Fe to that unity which Christ wills between the particular Churches and the universal Church.

At this moment our programm calls us to reflect together on our ministry and on the profound pastoral solciitude that we as bishops must have for humanity and for every human being. To be authentic, our episcopal ministry must truly be centered on man. At the same time, it must be centered on God, whose absolute primacy and supremacy we must constantly proclaim and urge our people to recognize it in their lives.

The Vatican Council has invited us to adopt both of these approaches – anthropocentrism and theocentrism – and to emphasisze them together, linking them in the only satisfactory way possible, that is, in the Divine Person of Christ, true God and true man. This task for us is both formidable and exhilarating. The effect it can have on the local Churches is profound. In my Encylclical on God's Mercy I stated that the deep and organic linking of anthropocentrism and theocentrism, Jesus Christ is perhaps the most important principle of the Second Vatican Council (*Dives in Misericordia, 1*). The basic reason for this is the pastoral effectiveness of this principle.

2. In concentrating on Christ, the Church is able to exalt human nature and human dignity, for Jesus Christ is the ultimate confirmation of all human dignity. The Church is also able to concentrate on humanity and on the well-being of each human being because of the fact that in the Incarnation Jesus Christ united all humanity to himself. In Christ, God the Father has placed the blueprint of humanity. At the same time in concentrating on Christ, the Church emphasizes the centrality of God in the world, for in Christ – through the hypostatic union – God has taken possession of man to the greatest possible degree.

To proclaim Christ to the full extent willed by the Second Vatican Council is to exalt man supremely and to exalt God supremely. To proclaim Christ fully is to proclaim him in the Father's plan of the Incarnation, which expresses man's greatest glory and God's greatest accomplishment in the world. Anthorpocentrism and theocentrism truly linked in Christ open the way for the Church to a proper understanding of her pastoral service to humanity, for the glory of God.

3. As the Lawgiver of the New Testament, Christ links in his own person the two commandments of love of God and love of neighbour. While maintaining for the Church the priority

of love of God, Saint Augustine clarifies its order of fulfillment: "Loving God comes first as a commandment, but loving one's neighbour comes first as a deed" (*Dei dilectio prior est ordine præcipiendi, proximi autem dilectio prior est ordine faciendi) (In Ioann. Tract., 17)*. In this sense Saint John's words remain a lasting challenge to the Church: "One who has no love for the brother he has seen cannot love the God he has not seen" (1 Jn 4:20).

In Christ – in his person and in his word – the Church discovers the principle of her solicitude for humanity *(cf. Redemptor Hominis, 15)*. Her inspiration and her strength in all dimensions of her pastoral service are found in Christ. With a view to serving man, the Church will always reflect on him in relationship to Christ and she will endeavor to approach God only through Christ. From this viewpoint it is possible to hold that "man is the primary route that the Church must travel in fulfilling her mission; he is the primary and fundamental way for the Church" *(ibid., 14)*. At the same time, without contradiction we proclaim that "Jesus Christ is the chief way for the Church" (ibid., 13). This is so because Christ is the fullness of humanity. Christ is God's expression of what humanity is meant to be, how humanity is meant to be transformed, how humanity is meant to be introduced into the communion of the Blessed Trinity, namely: "through him, with him, and in him".

4. In speaking here of anthropocentrism, that is, in emphasizing the dignity of humanity in relation to Christ and to the Church's mission, it is necessary to make reference to the immutable basis of all Christian anthropology, which is creation in the image and likeness of God *(cf. Gen 1:26-27)* This God is the God who reveals himself as a communion of persons, a saving God, a God of love and mercy.

In the Church's solicitude for man and for human dignity, which finds expression in every social programme initiated by her, the Church must proclaim the reality of creation as it is renewed by the redemption and by the uplifting – effected in Baptism - of each individual person. In her inner being the Church feels impelled to proclaim human dignity: the dignity of man raised to the level of Christ, to the level of divine adoption. Hence, with the proclamation of natural human dignity, the Church also proclaims full Christian dignity: the dignity of the children of God called to a supernatural dignity, called to worship the Father with Christ.

In speaking to the American Bishops five years ago, I made reference to "the pastoral service of making God's people ever more conscious of their dignity as a people of worship" *(Address of July 9, 1983, No. 8)*. In particular I noted "that we can render a great pastoral service to the people by emphasizing their liturgical dignity and by directing their thoughts to the purposes of worship. When our people... realize that they are called... to adore and thank the Father in union with Jesus Christ, an immense power is unleashed in their Christian lives" *(ibid., 3)*.

With regard to rights within the Church, Pope John Paul I, ten years ago, on the occasion of one of the two *ad Limina* visits of his short Pontificate

– on the very day he died – spoke by these terms. "Among the rights of the faithful, one of the greatest is the right to receive God's word in all its entirety and purity, with all its exigencies and Power". *(September 28, 1978)*. Under every aspect the Church is irrevocably committed to the vigorous defense of all human and Christian rights, both in themselves and especially when these rights are threatened. With the realization that she lives in anticipation of the fullness of the Kingdom of God, she must pursue constantly the work of the Messiah, of whom the Psalmist says: "He shall have pity on the lowly and the poor: the lives of the poor he shall save. From fraud and violence he shall redeem them" *(Ps 72: 13-14)*. The Church must then always be at home among the poor, vigilant in the defense of all their rights.

5. In giving us the basis for the defense of human rights, Christ proclaims a whole structure, of human relationships. He teaches us that to save our life we must lose it *(cf. Lk 17:33)*. Indeed, the human being cannot fully find himself without first making a sincere gift of self *(cf. Gaudium et Spes, 24)*. This is so because to be a person in the image and likeness of God is to exist in relation to another and to others. What Christ and his Church advocate is not the mere external defense of human rights, nor the mere defense of human rights by the organisms and structures at the disposal of the community – however providential and useful these may be – but the total commitment of giving on the part of each individual in the community so that the rights of all may be ensured through the great structure of proper human and Christian relationships in which the charity of Christ reigns supreme and in which justice is "corrected" by love *(cf. Dives in Misericordia, 14)*. This structure of personal relationships – the only one conducive to the full defense of human and Christian rights – must view the human being as created in the image and likeness of God as God exists: a communion of persons.

6. A phenomenon which militates against this whole structure of personal relationships and therefore against human rights, a phenomenon which I have brought to the attention of the whole Church is "the decline of many fundamental values, values which constitute an unquestionable good not only for Christian morality but simply for human morality, for moral culture: these values include respect for human life from the moment of conception, respect for marriage in its indissoluble unity, and respect for the stability of the family. ...Hand in hand, with this go the crisis of truth in human relationships, lack of responsibility for what one says, the purely utilitarian relationship between individual and individual, the loss of a sense of the authentic common good and the ease with which this good is alienated" *(ibid., 12)*. Each one of these areas would merit to be developed at length. In the past I have spoken to you in some detail on some of these topics. I am profoundly grateful to you for your persevering efforts in so many pastoral challenges, one of the greatest being the defense and support of human life.

7. A major area of human rights in need of constant defence is that concerned with the family and its members, both parents and children. The Charter of the Rights of the Family presented five years ago by the Holy See has spelled out these rights and deserves renewed attention at this time. One of the fundamental principles enunciated in this document is "the original, primary and inalienable right" of parents to educate their children *(Art. 5)* according to their moral and religious convictions, and to supervise closely and to control their sex education.

The Church must continue to present human sexuality as linked to God's plan of creation and constantly proclaim the finality and dignity of sex.

Ways by which the human family is greatly wounded include the unsolved problems of immensly lucrative drug trafficking and pornography. Both of these plague society, debase human life and human love and violate human rights.

8. In dealing with the specific rights of women as women, it is necessary to return again and again to the immutable basis of Christian anthropology as it is foreshadowed in the Scriptural account of the creation of man – as male and female – in the image and likeness of God. Both man and woman are created in the image of the personhood of God, with alienable personal dignity, and in complementarity – one with the other.

Whatever violates the complementarity of women and men, whatever impedes the true communion of persons according to the complementarity of the sexes offends the dignity of both women and men.

Through the first draft of your proposed document on the concerns of women for the Church and society, I know that you are making real efforts to respond with sensitivity to these greatly varying concerns, by presenting women as partners in the mystery of the Redemption as this mystery is lived out in our day. You are rightly striving to help eliminate discrimination based on sex. You are also rightly presenting Mary the Mother of God as a model of discipleship and a sign of hope to all, and at the same time as a special symbol and model for women in their partnership with God in the ministry of the Church.

Throughout the whole Church a great prayerful reflection still remains to be made on the teaching of the Church about women and about their dignity and vocation. I have already announced my own intention to publish a document on this subject, and this document will come out shortly. The Church is determined to place her full teaching, with all the power with which divine truth is invested, at the service of the cause of women in the modern world – to help clarify their correlative rights and duties, while defending their feminine dignity and vocation. The importance of true Christian feminism is so great that every effort must be made to present the principles on which this cause is based, and according to which it can be effectively defended and promoted for the good of all humanity. The seriousness of this commitment requires the collaboration not only of the entire College of Bishops but also of the whole Church.

9. The status of all human dignity and all human rights is immeasurably enhanced by the supernatural condition and destiny of humanity, which are found only in relation to Christ. Paul VI, in his powerful social Encyclical, *Populorum Progressio,* wanted to present these elements together. He wanted the Church to follow a course of social action that would be solidly secure. In other words, he wanted to link human rights and dignity – indeed the whole of humanism – to God, in Christ. In a word, he wanted to insist that the Church can and must be both anthropocentric and theocentric at the same time, by being Christocentric, by concentrating on Christ, the Redeemer of man, the Redeemer of all humanity. This message of his is more important now than ever before for our people, namely that "by union with Christ man attains to new fulfillment of himself, to a transcendent humanism that give him his greatest possible perfection" (No. 16). And again: "There is no true humanism but that which is open to the Absolute and is conscious of a vocation which gives human life its true meaning" (ibid, 42). For all of us this vocation is the Christian vocation – essentially linked to the Incarnation and to the cause of human dignity and human rights as they are incomparably spelt out by the Incarnate Word.

And when human justice is not only practised but "corrected" by love, the cause of all humanity is immeasurably enriched. Through the charity of Christ the Incarnate Word, the horizons of service – exercised in the name of the Gospel and of the mission of the Church – are vastly extended.

As Pastors of God's people, dear Brothers, we have known from experience how relevant all these principles are at every level of the Church, in every community of the faithful, no matter how small or how large. There is no other direction in which to point him than to God. There is no other way to arrive than through Christ. In building up the Kingdom of God, there is no other cause than the cause of humanity understood in the light of Christ, who says: "As often as you did it for one of my least brothers, you did it for me" (Mt 25:40).

With these reflections, dear Brothers, I assure you of my prayers that all your local Churches will ever increasingly find in Christ the everlasting link between the cause of humanity and the Kingdom of God, and that in Christ they will experience inspiration and strength for their lives.

May God reward you for your own zeal and generosity and for all the pastoral love with which you serve his holy people. With my Apostolic Blessing.

# KONĊELEBRAZZJONI FL-OKKAŻJONI TA' L-14-IL ANNIVERSARJU TAL-KONSAGRAZZJONI EPISKOPALI TA' MONS. ARĊISQOF

## Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

### Il-Ħadd 25 ta' Settembru 1988

Id-29 ta' dan ix-xahar jaħbat l-14-il anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħi. Din it-tifkira ssir fil-parroċċi kollha ta' Malta. Fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann din it-tifkira qegħda ssir illum bis-sehem tagħkom: numru sabiħ ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi li nġbartu madwar l-isqof tagħkom biex ilkoll flimkien fir-radd il-ħajr u talb 'l Alla, kif ukoll f'kull ħidma pastorali tagħna, inkunu tassew sinjal u strument ta' l-għaqda li Alla jrid fil-Knisja, fil-poplu ta' Alla fi gżiritna, Malta.

Barra l-għaqda tagħna lkoll ma' Alla, barra l-għaqda tagħna lkoll mal-Papa, hija meħtieġa wkoll l-għaqda tagħkom – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – ma' l-Isqof tagħkom. Din l-għaqda ma' l-Isqof tad-djoċesi hija essenzjali biex kull ħidma ta' l-appostolat li twettqu tkun tassew ġenwina, awtentika u tkun tista' tgħin biex tinbena komunità li tkun sinjal u strument ta' l-għaqda vera li jrid Alla.

Fl-okkażjoni ta' llum irrid inkellimkom fuq l-għaqda miegħi bħala Isqof tagħkom. Din l-għaqda nistennieha mingħand kulħadd; inkluż minn kull nisrani li jrid, bil-kitba jew bil-kliem, jikkontribwixxi għall-gid tal-Knisja f'Malta.

Il-Knisja f'Malta titlob, tistenna u tapprezza kull kontribut siewi mingħand kull Kattoliku Malti li għandu d-don tal-kelma jew tal-kitba. Meta ngħid kontribut nifhem kemm apprezzament u nkuraġġiment għal kull ħaġa tajba li nagħmlu jew nilmħu fost il-poplu ta' Alla, kif ukoll kull osservazzjoni u kritika kostruttiva quddiem nuqqasijiet u difetti tagħna. Il-Papa, fid-diskors li għamel lill-Isqfijiet tagħkom fiż-żjara tagħhom *ad limina*, qallhom li l-Knisja f'Malta hija msejħa wkoll għal "konverżjoni kontinwa".

Il-Knisja f'Malta titlob, tistenna u tapprezza dan il-kontribut u huma bosta l-Maltin – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – li kemm fl-imgħoddi kif ukoll issa, bil-kelma u bil-kitba ħabirku u qed iħabirku ħafna biex iġibu 'l quddiem il-ħajja tal-Knisja f'Malta.

Sar u għadu qed isir ġid kbir u rrid nieħu din l-okkażjoni biex lil dawk kollha li jħabirku għal dan il-ġid fi ħdan il-Knisja f'Malta nurihom lil oħrajn biex b'imħabba vera lejn il-Knisja f'Malta jimxu wara l-passi tagħhom.

Iżda ma nistax naħbi minnkom id-dispjaċir kbir u l-għafsa ta' qalb li nħoss quddiem id-deni u l-ħsara li saru u għadhom isiru f'dan il-qasam lill-Knisja f'Malta, minn xi wħud minna li jistqarru li huma Kattoliċi. Ma rridx u ma nistax niġġudika l-intenzjoni tagħhom; anzi rrid nifhem li l-intenzjoni tagħhom hija tajba. Madankollu, quddiem il-ħsara li qed issir lill-Knisja f'Malta, inħoss li

għandi niddiżapprova u niddeplora l-imġiba tagħhom.

Nixtieq li ninftiehem tajjeb. Meta qed niddiżapprova u niddeplora l-imġiba tagħhom, jien qed niddiżapprova u niddeplora mhux il-fatt li huma jikkritikaw dak li f'għajnejhom jidher ħażin. Kulħadd għandu d-dritt li jesprimi ruħu kif iħoss u l-Knisja tisħaq fuq il-libertà ta' l-espressjoni. Iżda s-sens ta' għaqda mal-Knisja jrid li min jikteb jew jitħaddet dwar il-Knisja josserva wkoll ir-rispett għall-verità, għall-ispirtu sinċier tad-djalogu u fuq kollox u qabel kollox l-imħabba lejn il-Knisja. Inħoss li dawn il-ħtiġiet mhux dejjem narahom fil-ktiba jew kliem ta' xi wħud.

Meta jonqsu dawn il-kundizzjonijiet, il-kelliem jew il-kittieb fil-fatt ma jkunx f'għaqda ma' l-Isqof tiegħu u l-ħidma tiegħu spiss tisfa dannuża għall-Knisja u ngusta għall-qarrejja jew semmiegħa.

Ir-rispett għall-verità jitlob li aħna l-ewwel inkunu nafu l-verità u l-verità sħiħa; u mhux nikkuntentaw ruħna li nwasslu interpretazzjonijiet li aħna ħafna drabi nfasslu fuq dak li jidher minn barra, interpretazzjonijiet miftumin mill-oġġettività tal-fatti.

Jiddispjaċini ħafna li din l-imġiba ħażina kultant twassal lil xi wħud mis-semmiegħa jew mill-qarrejja li saħansitra jdallmu d-duttrina li għandhom fuq ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja lokali u s-Santa Sede u jifhmu l-fatti b'mod falz.

Kif itenni l-Konċilju Vatikan II, il-Papa għandu setgħa fuq il-Knisja Kattolika kollha. Fl-istess ħin hu wkoll missier tagħna lkoll u jrid ikun ta' għajnuna u servizz għall-Isqfijiet. L-Isqfijiet huma marbutin mal-Papa bħala r-Ras tagħhom, iżda huma jmexxu d-djoċesi u dan jagħmluh mhux bħala rappreżentanti tal-Papa, iżda f'isem Kristu, bħal vigarji u delegati tiegħu.

Ir-rappreżentanti tal-Papa, jiġifieri n-Nunzji, joffru għajnuna u servizz lill-Isqfijiet lokali. Huma l-Isqfijiet li jmexxu. In-Nunzju ma jiħux post l-Isqof tal-post, iżda huwa ta' għajnuna kbira għalih. Permezz tal-missjoni proprja tiegħu, in-Nunzju jgħin biex tinħass il-kariżma ta' fidi, ta' karità, ta' għaqda u ta' esperjenza tal-Papa. In-Nunzju hu ta' appoġġ u inkuraġġiment kbir għall-Isqof lokali, kif hu l-kaz tan-Nunzju tagħna f'pajjiżna. Fil-fatt, aħna l-Isqfijiet qed ngħixu man-Nunzju esperjenza ta' kollaborazzjoni siewja u fraterna. Ta' dan aħna nirringrazzjawh u permezz tiegħu nirringrazzjaw ukoll lill-Papa.

Ir-rispett għad-djalogu sinċier fi ħdan il-Knisja jitlob li anke l-Knisja f'Malta fejn hi possibbli tħares ir-rispett għall-pluralità ta' opinjonijiet u veduti diversi. Semmejt fejn hu possibbli għaliex hemm każi ta' natura teoloġika jew ta' natura oħra li għall-Kattoliku dawn ma jistgħux ikunu opinjonijiet, iżda huma tagħlim ta' fidi jew morali li l-maġisteru tal-Knisja jgħidilna li rridu nemmnu u nħaddnu.

Barra minn hekk, meta wieħed juri fehmtu, dan irid jagħmlu mingħajr ma wieħed jippretendi li jimponi l-veduti tiegħu fuq ħaddieħor, bħallikieku l-veduta tiegħu tkun bilfors il-veduta t-tajba li trid titwassal lill-oħrajn.

Dan kollu juri kemm f'dan il-qasam wieħed ririd jimxi b'sens kbir ta' rispett u responsabbiltà; rispett u responsabbiltà li wieħed jagħraf ir-responsabbiltà u l-kompetenza tiegħu waqt li jkollu rispett ukoll lejn ir-responsab-

biltà u l-kompetenza ta' ħaddieħor li mhux dejjem ikunu fl-istess livell.

Jeħtieġ li fuq kollox u qabel kollox ikun hemm imħabba vera lejn il-Knisja. Jiġri ta' spiss, f'pajjiżna, li xi wħud li jistqarru li huma Kattoliċi, fil-fatt jiktbu jew jitħaddtu b'mod fejn ħwejjeġ oħrajn, interessi oħrajn, jidhru kunsidrati qabel il-ġid tal-Knisja. Dan jidher l-iktar fl-imġiba tagħhom, fil-mod li jiktbu jew jitħaddtu, dwar ir-relazzjonijiet bejn Knisja u Stat.

Każi fejn wieħed jasal li jikteb jew jitħaddet fuq il-Knisja b'mod negattiv jiġru wkoll meta l-Knisja, hi u twettaq id-dmir tagħha, mogħti minn Alla nnifsu, li tgħallem u twissi, tagħmel xi osservazzjonijiet ta' kritika lil dak il-partit li wieħed ikun jappoġġja sew jekk ikun fil-gvern kif ukoll jekk ikun fl-oppożizzjoni. Dan qed iġib ħsara kbira kemm fil-ħajja tal-Knisja f'Malta kif ukoll fil-ħajja f'Malta. Hija l-verità li trid tmexxina, li aħna rridu nfittxu, mingħajr ma nkunu mxekklin mill-ispirtu partiġġjan.

Meta l-Knisja tagħmel l-osservazzjonijiet li tkun tħoss li għandha tagħmel tkun taqdi d-dover tagħha, bla ma ħadd ikun jista' jakkużaha li qed tidħol fil-politka partiġġjana.

Naf li l-okkażjoni ta' llum hi għalkom ilkoll, għeżież uliedi, okkazjoni ta' ferħ. Jien ħadt din l-okkażjoni ta' ferħ biex naqsam magħkom ukoll dak li qed iħassibni dwar il-qasam li tkellimt dwaru, għax għandi fiduċja li permezz tar-rieda tajba li teżisti fikom u l-imħabba tagħna lkoll għall-Knisja, intom tifhmu u tilqgħu dan li wassaltilkom jien, bħala missier u Ragħaj Spiritwali tagħkom. B'hekk inkunu dejjem iżjed sinjal u strument ta' għaqda fostna, kif irid Alla.

## ACCORDO TRA LA SANTA SEDE E IL GOVERNO DELLA REPUBBLICA DI MALTA SULL'INCORPORAZIONE DELLA FACOLTÀ DI TEOLOGIA NELL'UNIVERSITÀ DI MALTA

La Santa Sede e il Governo della Repubblica di Malta, avendo presente lo sviluppo storico degli studi universitari a Malta ed avendo soprattutto considerato i vantaggi di carattere scientifico, culturale e sociale che potranno derivare da un più stretto collegamento della Facoltà di Teologia con l'Università di Malta, stabiliscono di comune intesa quanto segue:

1. La Facoltà di Teologia è incorporata nell'Università di Malta.

Tale incorporazione e le funzioni della Facoltà di Teologia sono regolate, in primo luogo dalle disposizioni del presente Accordo e, in secondo luogo, dalle Leggi di Malta e dagli Statuti della stessa Università.

2. I gradi accademici e i diplomi conferiti dalla Facoltà di Teologia avranno valore canonico e civile.

3. Per quel che concerne la struttura, l'organizzazione interna, il corpo accademico e quello studentesco, la Facoltà di Teologija è incorporata nell'Università di Malta nello stato di fatto in cui essa si trova alla data del presente Accordo e come risulta dall'Allegato, salvo restando alla stessa Facoltà, per un suo ragionev-

ole ed adeguato sviluppo, il diritto di variare il numero degli studenti e dei docenti, nonchè il diritto di provvedere altri corsi di teologia e di qulunque altra disciplina connessa, se ciò sarà ritenuto necessario per la congrua preparazione dei suoi studenti.

4. L'Università di Malta, in tutto ciò che riguarda l'ordinamento degli studi ed i requisiti accademici e canonici dei docenti della Facoltà di Teologia, procederà in conformità con quanto prescritto dalla Costituzione Apostolica *Sapientia Christiana* del 15 aprile 1979 e dalle *Ordinationes* emanate dalla Congregazione per l'Educazione Cattolica il 29 aprile 1979 e con eventuali norme canoniche che in futuro dovessero integrare o sostituire quelle contenute in tali documenti della Santa Sede.

I concorrenti ad un posto di docenti nella Facoltà di Teologia dovranno munirsi previamente di un attestato dell'Arcivescovo di Malta che non vi è alcuna obiezione canonica contro di essi.

Per le discipline concernenti la fede e la morale, l'Università di Malta comunicherà tempestivamente allo stesso Arcivescovo il nome del candidato vincitore del concorso, il quale riceverà la nomina di docente dopo che avrà emesso la professione di fede presso il medesimo Ordinario e da questi avrà ricevuto la "missione canonica".

Qualora lo stesso Arcivescovo, per ragioni attinenti alla fede, alla condotta morale o alla disciplina ecclesiastica, dovesse revocare il "nulla osta" o la "missione canonica" a un docente, questi cesserà di far parte della Facoltà di Teologia e immediatamente si procederà per la nomina di un nuovo docente.

5. Il Governo di Malta e, tramite la "Foundation for Theological Studies", l'arcidocesi di Malta forniranno i mezzi economici necessari per il conveniente funzionamento della Facoltà di Teologia, nella msiura e nei modi che saranno stabiliti di comune intesa.

6. Il Presidente della "Foundation for Theological Studies" o un suo delegato farà parte del Consiglio dell'Università. Due rappresentanti della stessa "Foundation for Theological Studies" faranno parte del Consiglio della Facoltà di Teologia.

7. Se in avvenire sorgessero difficoltà di interpretazione o di applicazione delle precedenti disposizioni, la Santa Sede e il Governo della Repubblica di Malta affideranno la ricerca di un'amichevole soluzione ad una Commissione Paritetica che sarà composta, per parte della Sante Sede, dal Nunzio Apostolico a Malta e dall'Arcivescovo di Malta o da loro delegati, e, per parte del Governo Maltese, dal Ministro dell'Educazione e dal Rettore dell'Università o da loro delegati.

26 settembre 1988

Per il Governo di Malta
*Ugo Mifsud Bonnici*
Ministro dell'Educazione

Per la Santa Sede
*+ Pier Luigi Celata*
Arcivescovo tit. di Doclea
Nunzio Apostolico

## STQARRIJA TA' L-ARĊISQOF DWAR IL-FAKULTÀ TAT-TEOLOĠIJA

Inħoss li hu dmir tiegħi ngħarraf personalment lill-Kattoliċi u wkoll lill-opinjoni pubblika tal-gżejjer tagħna, li dalgħodu ġie ffirmat ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biex il-Fakultà tat-Teoloġija tiġi nkorporata fl-Università ta' Malta.

Nixtieq l-ewwelnett nuri, pubblikament ukoll, l-apprezzament ħaj tiegħi u l-ħajr għall-ħidma, ħerqa u kompetenza liema bħalhom, tan-Nunzju Appostoliku. Il-ħajr tiegħi hu wkoll għall-membri tas-Sotto-Kummissjoni li ħadmu flimkien miegħu bil-qalb kollha. Nixtieq ukoll inrodd ħajr lill-awtoritajiet ċivili li għenu biex iseħħ dan il-ftehim.

Din hi aħbar li dwarha kulħadd forsi sema' jew qara kliem li ġej minn fehmiet diversi. Nixtieq għalhekk ngħidilkom kelma vera u kalma dwar x'kien li mexxa l-Knisja għal din id-deċiżjoni.

Il-ftehim li ġie ffirmat illum hu frott ta' għaqda sħiħa fil-fehmiet u f'dak li kellu jsir bejn is-Santa Sede, li tagħha hi l-Fakultà tat-Teoloġija, u l-Arċisqof, li hu responsabbli tal-Knisja tal-post.

Id-deċiżjoni seħħet b'responsabbiltà ekkleżjali awtonoma, waqt li tqiesu sewwa l-aspetti kollha ta' ħaġa li forsi mhux kollha kienu dejjem ċari għal kulħadd.

Ma kenitx kwistjoni ta' tfittix ta' xi privileġġi imma ta' ksib ta' ftehim, bi spritu ta' ħidma flimkien, dwar ħaġa li tinteressa kemm lill-Knisja u kemm lis-soċjetà ċivili Maltija.

Jidhirli li s-sens ta' responsabbiltà tal-Knisja f'dan il-ftehim jidher ukoll fl-impenn li ħadet li tgħin finanzjarajment biex il-Fakultà tat-Teoloġija tkun tista' taħdem.

Jidhirli li l-presenza tat-Teoloġija fl-Università hi l-ewwelnett ta' vantaġġ għall-istess Università għax, fi djalogu kollu rispett max-xjenzi l-oħra, toffri sintesi aktar għolja tal-ħafna aspetti tat-tagħlim kollu, li hu wieħed u jsir wieħed fil-bniedem, meta jitqies dak li l-aktar jeħtieġ, li fl-aħħar mill-aħħar iseħħ meta l-bniedem jinfetaħ għal Alla. Jidhirli dan jaqbel ħafna mal-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna, u li juri ruħu wkoll fil-ħafna esperjenzi kulturali li naraw fl-Ewropa u fl-Amerika.

Ħsieb ieħor li wassal għal dan il-ftehim hu l-ħsieb pastorali; il-fatt li żgħażagħ, immexxijin biex jagħtu ħajjithom lil Alla u lil ħuthom, se jaqsmu għal xi snin ma' żgħażagħ oħra t-tbatija u l-qtigħ il-qalb biex jilħqu l-ħafna vokazzjonijiet personali u soċjali tagħhom, hu żgur vantaġġ għal kulħadd, u għal dawk u għal dawn. L-istudenti tat-Teoloġija, b'mod speċjali, bil-ministeru pastorali li qed jagħmlu, ikunu jistgħu jaqdu liċ-ċittadini sħabhom b'mod aħjar għax ikunu jafu aħjar x'qegħdin jistennew.

Fl-aħħarnett naħseb li kull ċittadin Malti hu kuntent li l-istudenti tat-Teoloġija, li qed iħejju ruħhom biex jagħtu ħajjithom bħala saċerdoti għall-ġid spiritwali tal-poplu tagħna, ikollhom l-istess trattament bħall-ulied l-oħra ta' ġensna, bla ebda diskriminazzjoni. Huma wkoll qed jaħdmu biex iħejju ruħhom ħalli għada jaqdu s-soċjetà. Dak li se jirċievu jkun ta' għajnuna għalihom għall-ispejjeż qawwija ta' l-istudji tagħhom u jħallihom ukoll jieħdu sehem f'inizjattivi konkreti ta' solidarjetà.

+ Ġużeppi Mercieca

Arċisqof ta' Malta
6 ta' Settembru 1988

# EŻORTAZZJONI TA' L-ARĊISQOF F'JUM IT-TAGĦLIM NISRANI 1988

Fl-okkażjoni ta' Jum it-Tagħlim Nisrani ta' din is-sena, nixtieq naqsam magħkom ftit ħsibijiet dwar is-sehem fejjiedi li eluf ta' katekisti u għalliema Maltin qegħdin jagħtu fil-qasam tat-tagħlim nisrani u fuq ir-rabta li kull wieħed u waħda minna għandu f'din il-ħidma.

Nixtieq ngħidilkom mill-bidu, li kull nisrani, min-natura tiegħu, huwa katekista. Dan għaliex, bis-saħħa tal-magħmudija u tal-griżma, kull wieħed u waħda minna ssieħeb fil-ħajja u fil-ħidma ta' Ġesù u beda jagħmel sehem mill-Knisja li fiha u biha Ġesù jrid ikompli jgħallem, iqaddes u jiġbor il-bnedmin flimkien bħala l-familja ta' Alla. Il-Knisja hija aħna lkoll. Għalhekk il-ħidma kollha tal-Knisja, għalkemm fi gradi differenti hija responsabbiltà tagħna lkoll.

F'dan is-sens wiesgħa, kull wieħed minna għandu l-ħidma ta' katekista; kull wieħed minna jrid jagħti s-sehem tiegħu fl-edukazzjoni tal-fidi ta' ħutna u ta' wliedna. Dan is-sehem nagħtuh l-aktar billi b'dak kollu li ngħidu u li nagħmlu noħolqu ambjent nisrani fil-familja u fis-soċjetà tagħna, fejn il-fidi tagħna u ta' ħutna tista' tikber, tissaħħaħ u timmatura. B'dak li ngħidu u b'dak li nagħmlu, jew insaħħu l-fidi tagħna u ta' ħaddieħor jew indagħajfuha. Il-fidi tagħna u ta' wliedna, ftit għandha possibilità li tikber u timmatura, jekk ma ssibx komunità ta' nies li jemmnu u li jgħixu dak li jemmnu. Kull wieħed minna jrid ikun xhud ta' Ġesù fl-ambjenti kollha li jgħix fihom. Din ir-responsabbiltà tagħna ma nistgħux nitfgħuha fuq ħaddieħor.

Imma biex il-fidi tagħna u ta' wliedna tista' tikber u tiżviluppa għandna bżonn ukoll ta' katekeżi sistematika, katekeżi li tingħata fi gruppi fuq programm maħsub. Il-Knisja tagħna għalhekk, trid taħseb biex ikollha katekisti iffurmati u mħejjija sewwa biex iwettqu din il-ħidma hekk deċiżiva għall-istess ħajja tagħna.

Il-katekist irid ikun **Għalliem** tal-messaġġ ta' Alla li jsib il-qofol tiegħu fil-Persuna u fit-tagħlim ta' Ġesù, kif imwassal lilna fil-Knisja tiegħu. Irid għalhekk jistudja u jirrifletti biex ikun jaf dejjem aktar dan il-messaġġ u kif jolqot il-ħajja tagħna ta' llum. Il-katekist irid ikun ukoll **Edukatur** fil-fidi. Irid għalhekk jgħin lill-oħrajn biex fil-laqgħa tagħhom ma' Ġesù u mat-tagħlim tiegħu, jibnu personalità msejsa fuq il-fidi u l-imħabba nisranija b'mod li l-esperjenzi kollha tal-ħajja jarawhom u jgħixuhom fid-dawl ta' Ġesù. Fuq kollox, il-katekist irid ikun **Xhud** ta' dak li jgħallem. Irid ikollu ħajja spiritwali li toħroġ mill-esperjenza li jagħmel ta' Ġesù u li tidher f'egħmilu. Dak li jgħallem bil-kliem, irid l-ewwel ikun ġarrbu f'ħajtu u jkun qiegħed jgħallmu b'egħmilu.

Biex iwettaq din il-ħidma hekk nobbli, il-katekisti u l-għalliema tar-Reliġjon iridu tħejjija serja, mhux biss fit-tagħlim li jridu jwasslu, imma wkoll fil-mod kif iwassluh lin-nies ta' etajiet u ambjenti differenti. Mingħajr metodu tajjeb u mezzi adegwati, it-tagħlim li nagħtu ftit li xejn jista' jħalli frott. Il-futur tal-fidi f'Malta, jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu, minn kemm ikollna edukaturi tal-fidi imħejjija tajjeb.

Nixtieq għalhekk nappella lill-għalliema u lill-katekisti kollha biex iżommu lilhom infushom imħejjija u aġġornati bl-akbar impenn ħalli nkunu strumenti adatti f'idejn il-Mulej. Id-djoċesi tagħna qiegħda tipprovdi diversi korsijiet ta' formazzjoni u ta' aġġornament għal dan il-għan.

Malta ġiet imbierka minn Alla b'numru kbir ta' katekisti u għalliema li jaqdu b'dedikazzjoni kbira il-missjoni tagħhom. Irrid, f'isem il-Knisja ta' Malta nirringrazzja 'l Alla għal din il-grazzja hekk kbira u nirringrazzja lilkom għall-ħidma tagħkom. Irrid nagħmlilkom kuraġġ u nurikom l-istima sinċiera tiegħi għall-ħidma ġeneruża tagħkom. J'Alla jkollna aktar katekisti bħal dawn, kif ukoll katekisti oħra, li barra x-xogħol fil-familja tagħhom jagħtu sehem fl-edukazzjoni reliġjuża taż-żgħar tagħna, l-aktar fiż-żoni u fl-*estates* ġodda ta' pajjiżna.

Nixtieq fl-aħħarnett nappella lilkom ilkoll egħżież uliedi, li flimkien miegħi, niffurmaw il-Knisja ta' Ġesù li qed tgħix f'Malta. Il-katekisti u l-għalliema tar-Reliġjon qegħdin iwettqu l-ħidma tagħhom f'isimna, għax qegħdin iwettquha f'isem il-komunità tagħna. Irridu għalhekk nagħtuhom kull appoġġ u kull għajnuna. Irridu ngħinuhom iħossu li aħna qegħdin magħhom fl-istima li nuru għall-ħidma tagħhom, fil-kollaborazzjoni li nagħtuhom u fit-talb li nagħmlu għalihom. Irid nappella b'mod speċjali lill-ġenituri kollha biex jaħdmu id f'id mal-katekisti u jaraw li uliedhom jattendu regolarment għad-duttrina li ssir fl-għaqdiet tal-parroċċa.

Ġesù l-Imgħallem waħdien tagħna, ikun il-mudell u l-qawwa tagħna, fl-edukazzjoni reliġjuża ta' ħutna.

Nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

+ Ġużeppi
Arċisqof ta' Malta

## Is-sittin anniversarju ta' *LEĦEN IS-SEWWA*
## MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF

Nixtieq nissieħeb fil-ferħ ma' l-Editur, ma' l-amministrazzjoni u mal-ħafna abbonati ta' LEĦEN IS-SEWWA f'egħluq is-sittin sena li ilu joħroġ dan il-ġurnal.

Kien l-Arċisqof Mauro Caruana O.S.B. li xtaq li l-Knisja jkollha l-ġurnal tagħha biex twassal leħenha wkoll permezz ta' l-aqwa mezz ta' komunikazzjoni soċjali li kien hawn f'pajjiżna dak iż-żmien.

Tul dawn is-sittin sena l-ġurnal baqa' dejjem fidil għall-motto li kien għażel fil-bidu tiegħu: Reliġjon u Patrija, konvint li l-imħabba għal pajjiżna, bħala pajjiż Kattoliku, ma tista' qatt tinfatam mill-imħabba u l-fedeltà lejn ir-reliġjon nisranija.

Mhux se noqgħod insemmi l-ġrajjiet kollha li minnhom għadda l-ġurnal tul dawn is-sittin sena – dan għamlu u qed jagħmlu ħaddieħor. Imma rrid biss inrodd ħajr lil Alla għall-ħidma ta' tant nies li tul dawn is-sittin sena taw il-ħin tagħhom u l-enerġija kollha tagħhom biex iwasslu, permezz ta' LEĦEN IS-SEWWA, leħen il-Knisja lill-poplu Malti.

Ilkoll ħaqqhom ir-rikonoxxenza tal-Knisja ta' Malta għall-ħidma bla serħan fil-kamp tal-ġurnaliżmu Kattoliku. B'mod speċjali r-rikonoxxenza tal-Knisja Maltija

tmur għal dawk il-lajċi li jew bħala edituri jew bħala kollaboraturi tal-ġurnal, xandru l-fehmiet tagħhom fuq il-ġrajjiet tad-dinja u ta' pajjiżna fid-dawl tat-tagħlim tal-Knisja: ma kienux jitkellmu uffiċjalment f'isem il-Knisja, imma l-kitba tagħhom kienet tfittex li tkun dejjem imdawla mit-tagħlim tal-Knisja u dejjem urew fedeltà sħiħa lejn it-tagħlim tal-Maġisteru.

Bħala Ragħaj tal-poplu ta' Alla li jinsab f'din l-art ħelwa li tatna isimha, inħoss li għandi mill-fond ta' qalbi nrodd ħajr lil Alla għall-ħidma kollha li saret minn LEĦEN IS-SEWWA tul dawn is-sittin sena u nitolbu jkompli jwettaq bil-grazzja tiegħu l-ħidma ta' dawk li llum u fil-ġejjieni se jkomplu jagħtu sehemhom biex LEĦEN IS-SEWWA jkompli l-missjoni li għaliha twaqqaf 60 sena ilu.

B'rahan ta' dan minn qalbi nagħti lil kulħadd il-barka pastorali tiegħi.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta
19 ta' Awissu 1988

***Diskors ta' l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca, fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-Kumitat Malti-Għarbi għal Solidarjetà mal-Kawża Palestinjana, l-1 ta' Ottubru 1988, fil-lukanda Corinthia Palace***

Huwa ta' pjaċir għalija li nkun hawn il-lejla, biex nagħti xhieda tal-preżenza tal-Knisja Kattolika, kulfejn hemm it-tbatija. Hija kawża ġusta li turi solidarjetà mal-poplu Palestinjan u li twessa' l-għarfien tal-Maltin dwar il-qagħda ta' qsim il-qalb ta' dawk li qegħdin ibatu inġustament. Il-Knisja tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha lill-attivitajiet ta' dan il-Kumitat ġdid bil-għan li jtaffi l-oppressjoni tal-Palestinjani.

Matul id-diskors tiegħu ta' kull sena, lill-Korp Diplomatiku nhar is-Sibt, 9 ta' Jannar 1988, il-Papa Ġwanni Pawlu II, semma tliet kundizzjonijiet għall-paċi, jiġifieri d-diżarm, il-ġustizzja u l-iżvilupp. F'dak id-diskors, huwa semma' l-art tal-Palestina b'isimha: "Lanqas ma nistgħu ninsew il-Lvant Qarib kollu: il-popolazzjonijiet li jgħixu fl-art tal-Palestina, imdawwra minn ambjent politiku u soċjali li huwa dejjem perikoluż".

Ippermettuli nfakkarkom li s-Santa Sede tmexxi ħidma assistenzjali għar-Rifuġjati Palestinjani, permezz tal-Missjoni Pontifiċja għall-Palestina, imwaqqfa mill-1949 biex tieħu ħsieb il-Palestinjani fil-bżonn, hu x'inhu twemminhom. Din il-missjoni pontifiċja għall-Palestinjani, tamministra u żżomm proġetti u istituzzjonijiet tagħha stess, waqt li fl-istess ħin tikkoordina l-għajnuna, provduta għar-rifuġjati Palestinjani minn aġenziji Kattoliċi oħra fl-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq, bħalma huma l-Misereor, il-Caritas u l-Catholic Relief Services. Fost dawk li jgawdu l-għajnuna permezz ta' l-erba' uffiċċji li għandha f'Ruma, Bejrut, Amman u Ġerusalemm hemm eluf ta' tfal fil-bżonn.

Il-Knisja Kattolika ma taqbilx u ma tistax taqbel li wieħed jirrikorri għall-vjolenza bħala mezz biex jikseb id-drittijiet tiegħu, anzi aġir bħal dan

tikkundannah. Imma l-Knisja tagħraf kemm sitwazzjonijiet anormali bħal dawn jistgħu jsiru ta' tentazzjoni wiċċ imb'wiċċ ma' inġustizzji bla heda. Il-Papa Pawlu VI, fl-1974, fl-anniversarju tat-twaqqif tal-Missjoni Pontifiċja għall-Palestina, qal: "Din is-sitwazzjoni kienet il-bidu ta' sens ta' frustrazzjoni f'ħafna Palestinjani, u f'xi wħud minnhom kienet ukoll ta' dieqa kbira u disperazzjoni, li wassluhom għal atti ta' protesta vjolenti li aħna kellna niddeploraw". Għaldaqstant aħna nieħdu din l-okkażjoni biex inġeddu s-sejħa tagħna għal soluzzjoni li tasal għall-egħruq tal-poplu Palestinjan, jiġifieri għat-twaqqif ta' arthom.

Jiena nawgura li dan il-Kumitat ikun pont ta' appoġġ u paċi permezz tal-ġustizzja.

Misilmin, Lhud u Nsara, jeħtieġ li lkoll naħdmu u nitolbu sakemm f'dak ir-reġjun tinkiseb il-paċi ġusta, sħiħa u dejjiema. Sakemm tinstab din is-soluzzjoni, huwa d-dmir tagħna li ntaffu t-tbatijiet ta' dawk li jsofru nġustament.

## L-ANNIVERSARJU TA' L-ARĊISQOF

Ċirkulari Nru. 204

Fid-29 ta' dan, il-Knisja tfakkar l-erbatax-il anniversarju tal-Konsagrazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arcisqof.

Dawn l-erbatax-il sena kienu snin ta' taħbit liema bħalu għar-Ragħaj Spiritwali tagħna. Il-bidla li ġab miegħu l-Konċilju Vatikan II, it-tiġdid fil-metodi ta' l-attivitajiet pastorali tal-Knisja, il-problemi maħluqa mill-mentalità ġdida tal-ġenerazzjoni ta' żmienna ħolqu lir-Ragħaj tad-Djoċesi tagħna diffikultajiet li qatt ma eżistew qabel.

Minn hawn jimbet id-dover li nżidu fit-talb tagħna għal Monsinjur Arċisqof: kull Malti ghandu jħossu fid-dover li ma jħallix ġurnata tgħaddi mingħajr ma jitlob għall-Knisja f'pajjiżu u għall-mexxej spiritwali tagħha biex il-Mulej ikompli jtih id-dehen u l-għajnuna biex ikompli jaqdi l-missjoni qaddisa tiegħu bl-almu u bl-enerġija meħtieġa.

Biex, bħal fis-snin ta' l-imgħoddi, jkollna l-opportunità li niltaqgħu f'kotra kbira ma' Monsinjur Arċisqof waqt li hu jkun qiegħed irodd ħajr lill-Mulej għal kull ma għamel miegħu matul dawn l-aħħar erbatax-il sena ta' Episkopat, ħsibna li nistaqsuh jekk iridx li l-Quddiesa ta' ringrazzjament, li soltu jiċċelebra fil-Knisja Konkatidrali ta' San Ġwann tiġi trasferita għall-Ħadd, 25 ta' Settembru. Monsinjur Arċisqof ra li jkun aktar faċli għal Maltin li jattendu f'ġurnata tal-Ħadd u għalhekk għażilna l-Ħadd li ġej, 25 ta' dan, bħala jum għaċ-ċelebrazzjoni ta' din il-Quddiesa. Il-Quddiesa tkun fis-6.00 p.m. u warajha jitkanta t-*Te Deum.*

Nistennew li l-laqgħa tagħna madwar l-E.T. Monsinjur Arċisqof tkun mill-aktar kbira u li kulħadd jersaq lejn it-Tqarbin Imqaddes.

Irridu nżidu ngħidu li nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru, fil-knejjes kollha, f'ħin adatt għan-nies, għandha ssir il-Quddiesa ta' l-Anniversarju paġna 876 tas-Sagramentarju, bil-Glorja u bil-qari mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin Lez. 1 paġ. 95

nr. 13, salm responsorjali paġna 86; Hallelujah u Evanġelju p. 100 nr. 7; Fit-Talba tal-Fidili, għandha tingħad l-aħħar invokazzjoni li tinsab fil-ktieb "Talbiet tal-Fidili" p. 153.

Ninqdew b'din iċ-Ċirkulari biex ngħarrfu bl-appell tal-Qdusija Tiegħu l-Papa a favur tal-miljuni ta' tfal bil-ġuħ li jinsabu fid-dinja.

Il-Caritas Malta fetħet fond għal dan il-għan. Min għandu offerti x'jagħmel għal dan il-Fond hu mitlub jibgħathom lill-Caritas Malta, 5 Triq l-Iljun, Floriana.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 14 ta' Settembru 1988.

Can. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Can. Philip Calleja
Kanċellier

## IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

Ċirkolari Nru. 205

Illum, l-ewwel ta' Ottubru, jibda wieħed mix-xhur tas-sena li l-Knisja tikkonsagra lill-Verġni Mbierka.

Matul dan ix-xahar Monsinjur Arċisqof qatt ma naqas jagħmlilna rakkomandazzjoni biex nuru qima speċjali lejn il-Madonna u nqimuha kemm bil-ħajja tajba kif ukoll bit-talb tagħna.

Fost it-talb lill-Marija Santissima l-Knisja dejjem uriet preferenza lejn ir-Rużarju Mqaddes.

Il-Knisja tqis ir-Rużarju bħala katina ħelwa li tgħaqqadna ma' Alla; qawwa għal ħelsien meta jaħbat għalina x-xitan bit-tentazzjonijiet tiegħu, port żgur fil-mumenti diffiċli tal-ħajja u hena tagħna waqt l-agunija. Il-Papa Pawlu VI sejjaħ ir-Rużarju talba li tgħallimna nħarsu lejn Kristu bħala l-bidu u t-tmiem ta' kull devozzjoni lejn il-Madonna. Il-Papa Gwanni Pawlu II iqis ir-Rużarju bħala talba preferita tiegħu.

Imqanqal mill-importanza li l-Knisja tagħti lir-Rużarju Mqaddes, Monsinjur Arċisqof jagħmlilna appell biex matul dan ix-xahar ta' Ottubru ma jkunx hemm familja Maltija li ma tirreċitax ir-Rużarju, possibilment fil-Knisja, jew miġbura flimkien bejn il-ħitan tad-dar.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 28 ta' Settembru 1988.

Can. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Can. Philip Calleja,
Kanċellier

## IL-FESTA TAL-PAPA – TALB GĦALL-PAĊI

## IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

Ċirkolari Nru. 206

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru, fil-Knisja Konkatidrali ta' San Ġwann sejjer jiġi mfakkar l-anniversarju ta' l-għażla tal-Papa Ġwanni Pawlu II bħala l-mitejn u sittin suċċessur ta' San Pietru.

L-Eċċellenzi tagħhom Monsinjur Pier Luigi Celata, Nunzju Apostoliku u Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, sejrin jikkonċelebraw flimkien mal-membri tal-Kapitlu tal-Katidral u mas-saċerdoti kollha djoċesani u regolari li jkunu liberi minn ħidmiet oħra pastorali.

Il-Quddiesa tibda fil-5.30 p.m. u wara jitkanta t-Te Deum.

Din is-sena dan l-anniversarju għandu tifsira speċjali. Għaliex kien proprju għaxar snin ilu, fis-16 ta' Ottubru 1978, li Karol Wojtyla, Kardinal ta' Krakov, fil-Polonja, ġie elett Papa bl-isem ta' Ġwanni Pawlu II.

Matul dawn l-għaxar snin ta' pontifikat, Papa Wojtyla ta ruħu għal ħidma pastorali bla waqfien. Minħabba l-għadd kbir ta' vjaġġi madwar id-dinja jxandar lil Kristu u jippriedka l-Vanġelu, Ġwanni Pawlu II ġie msejjaħ 'Katekista Pellegrin'! Minħabba l-qawwa li biha ddefenda l-prinċipji fundamentali tat-tagħlim nisrani, fi żmien li fih qegħdin jinbtu tant ideat qarrieqa, ġie mogħti l-isem ta' 'Ragħaj u Mexxej ta' kuraġġ staordinarju'.

Hu dmir tagħna lkoll li, filwaqt li nroddu ħajr lil Alla għaliex tana Papa mżejjen b'talenti straordinarji, ma nonqsux li ninġabru flimkien f'San Ġwann għall-Quddiesa ta' nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru, ħalli nitolbu lil Mulej biex ikompli jagħtih il-qawwa, id-dehen u l-qdusija meħtieġa fil-ħidma tiegħu.

Is-Sibt, 22 ta' Ottubru, għandha tiġi mħabbra ċ-ċelebrazzjoni li sejra ssir f'San Ġwann b'mota ta' kwarta u mixgħela tal-faċċati tal-Knejjes kollha ta' Malta. Fil-Knejjes Parrokkjali kollha u f'dawk tar-Reliġjużi matul il-ġimgħa bejn is-16 u t-22 ta' Ottubru għandu jiġi reċitat ir-Ružarju għall-bżonnijiet tal-Qdusija Tiegħu l-Papa u għandha ssir siegħa ta' adorazzjoni bl-istess għan.

Barra minn dan fil-Knejjes kollha, is-Sibt 22 ta' Ottubru, għandha titqaddes il-Quddiesa ta' l-anniversarju ta' l-għażla tal-Papa (Sagramentarju Malti p.791) bil-qari mil-lezzjonarju għall-festi tal-Qaddisin u għall-Quddies ritwali u votiv (Lezzjoni I p.499 n.2); salm responsorjali p.498; Hallelujah u Evanġelju p.103; fil-Quddies kollu tingħad it-Talba tal-Fidili p.222 tal-Vol.I tat-Talbiet tal-Fidili. Jixraq li fit-22 u 23 ta' Ottubru jinxtegħlu l-faċċati tal-Knejjes u titla' l-bandiera tal-Papa.

Nieħdu din l-okkażjoni biex infakkrukom li fl-istess jum li fih sejra tiġi ċelebrata l-Festa tal-Papa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fit-23 ta' Ottubru, taħbat ukoll il-Ġurnata Missjunarja.

Il-Missjonijiet ma jistgħux ma jkunux għal qalb ta' kull nisrani: miljuni ta' erwieħ għad qatt ma semgħu bi Kristu u bit-tagħlim tiegħu. Fost dawn hemm

numru kbir minnhom li huma neqsin minn affarijiet essenzjali bħal djar, mediċini, ikel u tagħlim.

Din il-Kurja tagħmlilkom appell biex tgħinuhom kemm bit-talb kif ukoll bl-offerti ġenerużi tagħkom.

Dakinhar, il-Ħadd 23 ta' dan, fil-Knejjes kollha tista' ssir il-Quddiesa għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli (Sagramentarju Malti p.896, bil-qari mil-Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin, ritwali u votiv p.532), u għandha ssir ġabra għall-Opri Missjunarji Pontifiċji.

---

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi qed torganizza Jum ta' Talb għall-Paċi.

Qabel kollox f'dil-ġurnata għandna nitolbu lill-Mulej biex jagħti l-paċi lil Pajjiżna billi jżid fostna l-ispirtu ta' tolleranza u ta' rispett lejn l-ideat ta' xulxin.

Dak il-jum għandu wkoll iġagħalna naħsbu fil-għadd kbir ta' pajjiżi li huma maħkuma mill-gwerer u mill-ġlied. Alla għamel lill-bnedmin aħwa bejniethom u ħadd ma jista' jibqa' ndifferenti quddiem is-sofferenzi ta' għajru. F'kull ħidma ta' apostolat tal-paċi l-għodda ewlenija hi t-talb lill-Mulej. Iżda t-talb ma huwiex biżżejjed. Ilkoll għandna nagħtu s-sehem tagħna fil-bini tal-paċi dewwiema billi nedukaw lil uliedna għall-imħabba ta' bejn xulxin u biex iħossu għal dawk kollha li huma l-vittmi innoċenti ta' kull forma ta' vjolenza.

Monsinjur Arċisqof jixtieq li dakinhar fil-Knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi ssir velja ta' talb għall-Paċi. Għalhekk fis-27 ta' Ottubru, il-Quddiesa ta' fil-għaxija tkun il-Quddiesa Votiva għall-Paċi u l-Ġustizzja (Sagramentarju p.905) bil-qari mil-Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin ecc. (Lez. I u Salm p.558, Hallelujah u Evanġelju p.565); wara l-Quddiesa, fejn jista' jsir, titkompla l-adorazzjoni ta' l-Ewkaristija għal xi siegħa jew aktar skond iċ-ċirkostanzi.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, Malta, illum 12 ta' Ottubru 1988.

Can. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Can. Philip Calleja
Kanċellier

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TA' L-GĦAXAR ANNIVERSARJU TAL-PONTIFIKAT TA' ĠWANNI PAWLU II

**Il-Ħadd, 23 ta' Ottubru 1988**

Qegħdin infakkru llum, fil-Kon Kattidral ta' San Ġwann, l-għaxar anniversarju mill-elezzjoni tal-Kardinal Karol Wojtyla bħala Papa. Kien is-16 ta' Ottubru 1978. Qegħdin nagħmlu din it-tifkira b'Konċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Reverendissima Mons. Pier Luigi Celata, Nunzju Appostoliku għal Malta. Hawn jikkonċelebraw ma' l-E.T. in-Nunzju Appostoliku, numru sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi; hawn il-preżenza wkoll ta' numru sabiħ ta' lajċi, adulti u żgħażagħ.

X'irridu nfissru b'din il-konċelebrazzjoni għal din l-okkażjoni hekk kbira u sabiħa? Irridu li l-Knisja f'Malta turi l-ferħ u l-gratitudni tagħha lejn Alla u l-Papa. Nixtiequ li nieħdu wkoll l-opportunità li nagħmlu riflessjoni fuq il-ħidma tal-Papa u nwegħdu li nkomplu ngħożżu u nsaħħu dejjem aktar l-għaqda tagħna miegħu, kemm bit-talb kif ukoll bil-fedeltà lejn il-maġisteru tal-Knisja.

Meta nsemmu l-Papa Ġwanni Pawlu II, x'aktarx li l-ewwel ħaġa li tiġi quddiem għajnejna hija l-ħidma bla serħan u wiesgħa tiegħu li qed iwettaq bil-ħafna vjaġġi u l-messaġġi tiegħu. Għamel erbgħin vjaġġ barra mill-Italja.

Ta' min isemmi wkoll, fost ħwejjeġ oħrajn, is-Sinodi ta' l-Isqfijiet li huwa jsejjaħ, kif ukoll ix-xmara ta' diskorsi, priedki u taħditiet oħrajn tiegħu; hawn ta' min isemmi b'mod speċjali t-tagħlim li kull nhar ta' Erbgħa l-Papa jagħti lil ħafna pellegrini f'Ruma u s-seba' Enċikliki li huwa ħareġ sa llum. Hija ħidma li tolqtok u timpressjonak. Ta' dan kollu huwa xieraq li aħna nroddu ħajr lil Alla, li minnu ġej kull ġid, u nuru anke l-gratitudni tagħna lejn il-Papa.

Aktarx li d-dinja, meta tara din il-ħidma tal-Papa, mifruxa ma' kullimkien, tħares lejn il-Papa bħala bniedem kbir, li rnexxielu jiġbed lejh u jkollu l-ammirazzjoni ta' l-akbar numru ta' nies li qatt kellu s'issa bniedem wieħed. Mandankollu, il-kobor tal-Papa mhux il-firxa tal-ħidma tiegħu, iżda l-ħajja intima tiegħu ma' Alla. Jista' jwettaq dan kollu għax huwa bniedem li jitlob kuljum u jitlob ħafna. Huwa t-talb li jagħmel mill-Papa Ġwanni Pawlu II il-Vigarju fidil ta' Kristu fuq l-art, il-messaġġier fidil tiegħu fost il-bniedem.

Nistgħu ngħidu li l-ġurnata tal-Papa hija ġurnata ta' talb. Dan ma jfissirx li huwa jgħid ir-Rużarju l-ħin kollu. Ir-Rużarju l-Papa jgħidu, imma bħal kull bniedem ieħor huwa jaħdem, jitkellem ma' ta' madwaru, jikteb, jivvjaġġa, iħobb jaqsam esperjenzi ma' oħrajn – f'kelma waħda jgħix il-ġurnata bħal kull bniedem ieħor. Iżda l-qawwa tiegħu tiġi mill-preżenza ta' Alla li hi dejjem quddiemu.

Per eżempju jekk fil-Liturġija tal-Kelma, il-Papa jħossu ħaġa waħda man-nies li għandu quddiemu, fl-istess waqt, bħal fil-ħin tal-Liturġija ta' l-Ewkaristija, huwa jkun dejjem fil-

preżenza ta' Alla. Id-dinja, in-nies ta' madwaru, ma jifirduhx mill-preżenza ta' Alla.

Imsaħħaħ u mwieżen minn din il-preżenza ta' Alla, l-Papa jħoss li huwa dejjem il-qaddej ta' Ġesù, mingħajr qatt ma jissostitwih. Jara n-nies madwaru, iżda jħobb jarahom biex jgħinhom jinġibdu mhux lejh iżda lejn Ġesù. Bħala qaddej ta' Ġesù ifittex il-glorja ta' Ġesù u qatt tiegħu nnifsu. Għalhekk insibuh igħallem u jwissi, jikkundanna d-dnub u l-ħażin, filwaqt li jtenni l-imħabba tiegħu lejn kull min jidneb jew jonqos. Fuq l-eżempju ta' Ġesù, għannaq miegħu u bies bħala ħuh lil dak li ġie akkużat li pprova jneħħilu ħajtu.

Il-Papa jgħix dejjem fil-preżenza ta' Ġesù u nistgħu ngħidu li n-nies ta' kull nazzjon, kulur u twemmin, jiġru wara l-Papa u jħossuhom ferħanin meta jarawh, mhux għall-popolarità tiegħu imma għax jaraw u jħossu fih il-preżenza ta' Alla. Huwa jikkomunika lil kull min jarah u jisimgħu preżenza li mhix tiegħu iżda ta' Alla. Hija din il-preżenza, li n-nies trid tfittex u tieħu pjaċir tħoss meta tkun ħdejh u madwaru; hija l-preżenza ta' Alla li tgħaxxaq u timla l-bniedem hu min hu.

Din il-preżenza ta' Alla, li naraw fil-Papa, hija wisq akbar mill-istess ħidma, vjaġġi u diskorsi tiegħu. Nirringrazzjaw 'l Alla għax permezz tal-Papa qed nilmħu l-istess fenomenu li kien jiġri fi żmien Ġesù. Il-folla kienet tiġri mġenna wara Ġesù, ħafna drabi mingħajr ma tifhmu. Bl-istess mod, nistgħu ngħidu li l-preżenza ta' Ġesù li l-Papa qed jgħix fiha l-ħin kollu u li l-Papa jikkomunika lil ħaddieħor, tispjega l-imħabba ta' kulħadd lejn il-Papa.

Dan kollu jurina kemm għandna nroddu ħajr 'l Alla u lill-Madonna li hu tant iħobb u hi tgħinu. Jurina wkoll li għandna nuru l-gratitudni tagħna lejn il-Papa għax-xhieda ta' ħajja tassew eżemplari, li qed jagħti lid-dinja kollha bħala Vigarju ta' Kristu. Din il-gratitudni aħna nuruha bit-talb tagħna, bil-fedeltà tagħna lejn il-maġisteru tal-Knisja u billi għal darb'oħra ngħidu lill-Papa li lkoll kemm aħna nixtiequ narawh f'pajjiżna.

Biex iż-żjara tal-Papa f'pajjiżna tkun togħġob tassew lill-Papa, jeħtieġ nitolbu dejjem u nħabirku biex din tkun żjara appostolika, żjara pastorali, għall-ġid sħiħ tal-poplu tagħna. Aħna l-Isqfijiet irridu li tkun żjara tassew pastorali mingħajr ħadd ma jtebbagħha b'xi dell politiku. Hekk iż-żjara tal-Papa fostna tkun stedina oħra għalina lkoll biex magħqudin ma' Alla, nuru li aħna aħwa bejnietna u naħdmu tassew għall-ġid komuni ta' pajjiżna.

S'issa, aħna l-Isqfijiet għadna ma ffinalizzajniex mal-Papa ż-żmien meta se jiġi jżurna. Meta d-dati jiġu stabbiliti u aċċettati, ikun pjaċir għalina li ngħarrfukom dwarhom fil-ħin.

***Diskors ta' Mons. Pier Luigi Celata, Nunzju Appostoliku f'Malta wara l-Pontifikal f'San Ġwann fl-għaxar anniversarju tal-bidu tal-Pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II.***

Your Excellency; Most Reverend Members of the Cathedral Metropolitan Chapter; Reverend Brethren in the Priesthood; Reverend Members of Religious Orders and Congregations; Dearest Brothers and Sisters in the Faith:

Towards the end of this solemn rite I wish to share with you in brief the feeling of my heart at this moment;

I am so grateful to the Lord and to you all for this eucharistic celebration during which we have given a living witness of profound unity, in which unity we have been strengthened by the redeeming power of Christ's sacrifice. This, indeed, is the wonderful work of faith and charity when they are lived in an authentic manner and in generous response to God's gifts. In this way, we succeed in living up to our true identity of members of the one Church of Jesus, who calls us to be, to think and to work in the sign of unity, namely in the sign of truth and love.

In order to be able to perform this, the Risen Lord changes our hearts through the efficacious work of His Spirit and entrusts to the bishops the gift, a duty at the same time, to enlighten the path of faith and to promote relations inspired by charity.

The Pope by means of his teaching and also by the actions he carries out together with and in support of the bishops, invigorates all of us in true faith and presides in the service of charity. The same thing happens precisely also in this particular Church of Malta and Gozo: as Apostolic Nuncio I am witness and means of this complete and constructive communion with your bishops, and through them, with you all. We build up the Church by striving to remain united, deep down in our heart, with the Bishops, with the Pope, in the research and the affirmation of truth, in carrying out the responsibilities assigned to each one of us, while respecting those assigned to others, in trust, mutual esteem and in love, which is unique to build up. On my part, I shall inform the Holy Father how we have prayed for him together in this superb Co-Cathedral of St. John and also in the other beautiful churches of Malta and Gozo, rendering vivid thanks to God Almighty for the ten years of his glorious Pontificate and imploring that through the intercession of the Most Holy Mary, the Lord will assist with abundant graces his Vicar on earth in the unceasing efforts of self-giving to the good of the Church and the entire world.

As a sign of his love for you all, I impart wholeheartedly to you his special Apostolic Blessing.

## TELEGRAMM LILL-PAPA

NEL CAMMINO DELLA FEDE SEGUENDO LA VERGINE IMMACOLATA POPOLO MALTESE RACCOLTO NELLE PROPRIE CHIESE PARROCCHIALI ET INTORNO AL NUNZIO APOSTOLICO ET ARCIVESCOVO NELLA CONCATTEDRALE OFFRE PREGHIERE PERCHE SANTO PADRE SIA PRINCIPIO ET FONDAMENTO UNITA' FEDE ET COMMUNIONE STOP PROMETTE OBEDIENZA INCONDIZIONATA INSEGNAMENTI MAGISTERO CHIEDONO APOSTOLICA BENEDIZIONE PEGNO CELESTI FAVORI.

## DIGRIET DWAR
## IS-SEGRETARJAT GĦALL-EMIGRAZZJONI U T-TURIŻMU

L-emigrazzjoni u t-turiżmu f'pajjiżna huma żewġ realtajiet ta' mportanza kbira mhux biss mil-lat soċjali u ekonomiku, iżda wkoll minn dak pastorali.

Sa minn żmien ilu l-Knisja f'Malta ħadet ħsieb l-emigranti Maltin billi tipprovdilhom mezzi u għajnuna pastorali permezz ta' saċerdoti u reliġjużi fil-pajjiżi li fihom marru jgħixu. Wara l-aħħar gwerra dinjija, meta l-għadd ta' emigranti beda dejjem joktor, fl-1950 l-Azzjoni Kattolika Maltija waqqfet il-Kummissjoni Emigranti li fl-1958 ġiet elevata għal Kummissjoni Djoċesana. Il-President tagħha hu d-Direttur ta' l-Opri ta' l-Emigrazzjoni. Il-Kummissjoni ħadet ħsieb it-tħejjija ta' l-emigranti qabel it-tluq tagħhom minn artna, tipprovdilhom il-kura spiritwali meħtieġa u tgħin fis-suriet ta' problemi li l-emigranti u l-familji tagħhom bdew jiltaqgħu magħhom. Din il-Kummissjoni għarfet iżżomm l-aħjar kuntatti magħhom u ma' qrabathom.

Meta t-turiżmu ħa l-importanza tiegħu f'pajjiżna, fl-1964 il-Knisja Maltija ħadet ħsieb twaqqaf il-"Catholic Tourist Council" u aktar tard il-Parroċċi Nazzjonali u l-Hotel Chaplains, bil-ħsieb li tagħti l-kura spiritwali xierqa lir-residenti barranin u lit-turisti li jżuru artna.

Fl-istess żmien il-Knisja fittxet li ssaħħaħ l-Appostolat tal-Baħar, li nbeda fl-1944, u li tagħti bidu għall-Appostolat ta' l-Avjazzjoni.

Minħabba l-fatt li l-parti l-kbira tal-barranin residenti f'pajjiżna u tat-turisti u viżitaturi li jiġu jżuru Malta ma humiex Kattoliċi, u li din il-Kummissjoni jkollha diversi kuntatti mal-Ministri ta' denominazzjonijiet oħrajn, ma' din il-Kummissjoni ntrabtu l-ħidmiet għall-Għaqda tal-Knejjes (Ekumeniżmu) u għan-Non-Kristjani.

L-istess, minħabba l-fatt li l-għadd ta' saċerdoti Maltin jaħdmu fl-artijiet ta' l-emigrazzjoni kotor u kiber il-kuntatt tal-Kummissjoni Emigranti mas-saċerdoti Maltin li jmorru jaħdmu barra minn Malta minħabba s-servizzi li setgħet toffrilhom, bl-inizjattiva tal-Kummisjoni Emigranti u Turisti twaqqaf għal Malta s-Segretarjat għas-Saċerdoti Maltin barra mid-Djoċesi.

Din il-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva, imbagħad, biex twaqqaf il-"Catholic Enquiry Centre" u hekk tagħti tagħrif dwar il-Knisja, tħejji lil dawk li juru nteress li jitgħammdu jew li jingħaqdu mal-Knisja, u torganizza l-pre-nuptial talks għall-barranin li jiżżewġu ma' Maltin.

Din il-Kummissjoni, skond it-tifsila tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-Emigrazzjoni u Turiżmu, hi nkarigata wkoll mill-pellegrinaġġi li joħorġu lill-insara mill-parroċċa jew djoċesi tagħhom, għal xi post ta' devozzjoni.

Dawn il-ħidmiet ġew magħqudin f'Segretarjat wieħed fl-1970.

Minħabba l-importanza ta' dan is-Segretarjat fil-ħajja u l-ħidma pastorali tad-Djoċesi tagħna, il-Pjan Pastorali 1986-1991 ippreveda li jinkorpora dan is-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u Turiżmu flimkien mas-Segretarjati l-oħrajn li jiena ħadt ħsieb li nwaqqaf b'digriet tiegħi tat-3 ta' Diċembru 1986. Bl-istess Digriet jiena kkonfermajt ukoll bħala Delegat tiegħi f'dan is-Segretarjat lir-

Reverendu Monsinjur Philip Calleja, u rriservajt id-dritt li 'l quddiem nagħti direttivi u regoli dwar l-istruttura u l-komposizzjoni tal-Kunsilli tas-Segretarjati u dwar materji oħrajn meħtieġa jew utli għall-ħajja u ħidma tagħhom.

Għalhekk, b'dan id-digriet, qed nagħti regoli u direttivi dwar il-kompetenza tas-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u t-Turiżmu, dwar id-Delegat tiegħi fih u dwar il-Kunsill tiegħu, biex is-Segretarjat ikun jista' jilħaq dejjem aħjar l-għanijiet tiegħu għall-akbar ġid pastorali f'dan il-qasam importanti.

## 1. Il-kompetenza tas-Segretarjat

1.1. Is-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u Turiżmu huwa l-organu ewlieni ta' l-Arcidjoċesi responsabbli għall-ħidmiet pastorali u soċjali tal-Knisja:

(1) ma' l-emigranti Maltin f'pajjiżi oħrajn;
(2) mal-barranin residenti fl-Arċidjoċesi tagħna;
(3) mat-turisti, viżitaturi u refuġjati li jżuru l-gżira tagħna;
(4) mal-personnel ta' l-ajru u l-ajruport;
(5) mal-baħħara u mal-personnel tal-portijiet u yacht marinas; u
(6) mal-ħidmiet l-oħrajn annessi, jiġifieri l-Ekumeniżmu, Non-Kristjani u Segretarjat għas-Saċerdoti Maltin barra mid-Djoċesi.

1.2 Is-Segretarjat għalhekk għandu:

(i) jikkollabora mad-Djoċesijiet li jilqgħu lill-emigranti tagħna; jagħti lill-emigranti prospettivi l-formazzjoni reliġjuża u soċjali meħtieġa; u jżomm kuntatt kemm ma' l-emigranti Maltin fid-dinja kif ukoll mal-familji tagħhom f'Malta.

(ii) jieħu ħsieb jipprovdi s-servizzi reliġjużi meħtieġa lit-turisti Kattoliċi li jiġu Malta u jagħti tagħrif dwar il-ħajja reliġjuża f'pajjiżna lit-turisti kollha. Għal dan il-għan għandu jaħdem permezz tas-St. Paul's Tourist Council, tal-Kappillani Nazzjonali tal-lingwi barranin u l-Christian Information Centre.

(iii) jassigura li l-Maltin li jkunu villeġġjatura jkollhom is-servizz liturġiku meħtieġ. Għal dan il-għan, kif ukoll għas-servizz ta' Quddies fil-lukandi, għandu jaħdem id f'id mas-Segretarjat għal-Liturġija u jagħti dawk id-direttivi li jidhirlu opportuni.

(iv) jieħu ħsieb tal-ħidma missjunarja, speċjalment fost l-emigranti u ħaddiema Maltin f'pajjiżi oħra, permezz tas-Segretarjat għas-Saċerdoti Maltin barra mid-Djoċesi.

(v) f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Kleru Djoċesan u Membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata u mas-Segretarjat għal-Lajċi, jara kif saċerdoti, membri ta' dawn l-istituti u missjunarji lajċi, jistgħu jimpenjaw ruħhom fil-qasam missjunarju u jagħtihom l-għajnuna meħtieġa.

(vi) jieħu ħsieb l-Appostolat tal-Baħar u l-Appostolat ta' l-Avjazzjoni u jorganizza pellegrinaġġi jew jara li l-pellegrinaġġi li jiġu organizzati minn entijiet ekklesjastiċi fid-Djoċesi jżommu l-ispirtu nisrani xieraq.

(vii) iġib 'il quddiem il-ħidma ekumenika u l-kuntatti ma' reliġjonijiet mhux insara, u jieħu ħsieb ukoll it-tħejjija ta' adulti għall-Magħmudija jew biex jidħlu f'komunjoni sħiħa mal-Knisja Kattolika.

(viii) iżomm kuntatti mas-Segretarjati konċernati biex iżommhom infurmati dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom il-Maltin li jmorru jaħdmu f'pajjiżi oħra jew jiżżewġu persuni mhux kattoliċi u biex jagħmlilhom suġġerimenti dwar il-mod kif għandu jitwassal lill-Poplu ta' Alla t-tagħlim dwar il-missjoni evanġelizzatriċi tal-Knisja fid-dinja kollha.

1.3 Is-Segretarjat ikun immexxi minn Delegat ta' l-Arċisqof mgħejjun mill-Kunsill tas-Segretarjat.

**2. Id-Delegat ta' l-Arċisqof**

2.1 Il-Kap tas-Segretarjat huwa d-Delegat ta' l-Arċisqof.

2.2 Bħala Delegat ta' l-Arċisqof, id-Delegat janima u jikkoordina l-ħidma ta' l-entijiet attivi fil-qasam tas-Segretarjat u, waqt li jirrispetta l-awtonomija xierqa tagħhom, jara li din il-ħidma tiġi dejjem 'il quddiem u li fil-kuntatti tagħhom ma' organizzazzjonijiet barranin jirrappreżentaw denjament lill-Arċidjoċesi.

2.3 Għal dawn ir-raġunijiet, barra l-fakultajiet u d-dmirijiet komuni għad-Delegati tas-Segretarjati, id-Delegat ikollu wkoll dawk speċifiċi għalih, li jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Arċisqof ta' Malta "pro tempore".

**3 Il-Kunsill tas-Segretarjat**

3.1 Biex ikun jista' jagħmel sewwa l-ħidma tiegħu, is-Segretarjat ikollu Kunsill li fuqu jkunu rappreżentati l-entijiet fl-Arċidjoċesi li jaħdmu fil-qasam tas-Segretarjat.

3.2 Il-funzjonijiet prinċipali tal-Kunsill huma li:

1. igħin lid-Delegat fit-tħaddim tal-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi.
2. igħin lid-Delegat fit-tfassil tal-*policies* ta' l-Arċidjoċesi fil-qasam ta' dan is-Segretarjat qabel dawn jitressqu, permezz tas-Segreterija Pastorali, għall-approvazzjoni definittiva ta' l-Arċisqof.
3. igħin lid-Delegat fl-ippjanar, fl-organizzazzjoni u fil-promozzjoni tal-ħidma tas-Segretarjat stess u fil-koordinament ta' l-entijiet u persuni attivi f'dan il-qasam, skond il-*policies* ta' l-Arċidjoċesi.

3.3 Il-Kunsill jaqdi dawn il-funzjonijiet bil-pariri u s-suġġerimenti li jagħti lid-Delegat fil-laqgħat tal-Kunsill, kif ukoll b'forom oħra ta' ħidma u kollaborazzjoni skond il-possibilitajiet tal-membri.

3.4 Il-Kunsill tas-Segretarjat ikun kompost minn:

1. id-Delegat
2. id-Direttur tal-Kummissjoni Emigranti (Malta)
3. iċ-Chairman tat-Taqsima Assistenza Soċjali
4. Iċ-Chairman tas-"St. Paul's Tourist Council"

5. Iċ-Chairman tat-Turiżmu Intern
6. Iċ-Chairman ta' l-Appostolat tal-Baħar
7. Iċ-Chairman ta' l-Appostolat ta' l-Avjazzjoni
8. Iċ-Chairman tal-Kummissjoni Djoċesana dwar l-Ekumeniżmu
9. Iċ-Chairman tal-Kummissjoni dwar dawk li mhumiex insara.
10. Is-Segretarju tas-Segretarjat Saċerdoti Maltin barra mid-Djoċesi
11. Rappreżentant tal-Kappillani Nazzjonali
12. Iċ-Chairman tal-Kummissjoni Pellegrinaġġi
13. Rappreżentant tal-Ħidmiet Missjunarji
14. Iċ-Chairman tal-Catholic Enquiry Centre
15. Il-Manager ta' Dar l-Emigrant
16. L-inkarigat mir-Research Centre

3.5 Il-membri tal-Kunsill jiġu nominati mill-Arċisqof għal perijodu ta' ħames snin. Iżda jispiċċaw ukoll qabel dan iż-żmien jekk ma jibqgħux jirrappreżentaw dik l-enti jew dik il-kategorija li jkunu ġew magħżulin jew nominati biex jirrappreżentaw.

3.6 Il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' wkoll jekk xi wieħed jew aktar mill-membri tiegħu jkunu għadhom ma nħatrux, basta aktar minn nofs il-membri jkunu ġew nominati.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 16 ta' Settembru 1988.

† Ġużeppi
Arċisqof ta' Malta

Philip Calleja
Kanċellier

## DIGRIET DWAR IS-SEGRETARJAT GĦALL-EDUKAZZJONI NISRANIJA U L-KULTURA

B'digriet tiegħi tat-23 ta' Lulju 1984, jiena kont waqqaft Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika u l-Kultura li ħa post is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija li jiena kont waqqaft qabel kif kont ħabbart fl-ewwel Ittra Pastorali tiegħi tas-6 ta' Jannar 1977.

Bid-digriet tiegħi tal-1984 hawn fuq imsemmi, jiena kont stabbilejt li dan is-Segretarjat ikun responsabbli, taħt l-awtorità tiegħi u tas-Suċċessuri tiegħi, għall-Istituzzjonijiet edukattivi kollha kattoliċi fl-Arċidjoċesi u għall-promozzjoni tal-kultura ta' ispirazzjoni kattolika. Fl-istess digriet kont stabbilejt id-dmirijiet ta' dan is-Segretarjat, kif ukoll li jkollu żewġ Taqsimiet ewlenin, waħda għall-Iskejjel tal-Knisja u l-oħra għall-Istituzzjonijiet u attivitajiet Kulturali. Kont ukoll ħtart Delegat tiegħi għal dan is-Segretarjat, kif ukoll żewġ Assistenti tiegħu.

Wara l-pubblikazzjoni tal-Pjan Pastorali ta' Arċidjoċesi (1986-1991), b'digriet ieħor tiegħu tat-3 ta' Diċembru 1986, jiena kont ikkonfermajt dan is-Segretarjat,

flimkien ma' Segretarjati oħra li jiena kont waqqaft jew ikkonfermajt. Fl-istess digriet jiena kont semmejt li 'l quddiem kelli nagħti regoli u direttivi dwar l-istruttura u l-komposizzjoni tal-Kunsilli tas-Segretarjati u dwar materji oħra meħtieġa jew utli għall-ħajja u għall-ħidma tagħhom.

Fid-dawl ta' l-esperjenza u tal-ħidma kbira mwettqa minn dan is-Segretarjat, qiegħed issa b'dan id-digriet nagħti direttivi u regoli ġodda dwar il-kompetenza u l-istruttura ta' dan is-Segretarjat, dwar id-Delegat tiegħi fih u dwar il-Kunsill tiegħu, biex is-Segretarjat ikun jista' jaqdi dejjem aħjar id-dmirijiet tiegħu.

## 1. Kompetenza tas-Segretarjat

1.1 Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika u l-Kultura jkun responsabbli għall-istituzzjonijiet edukattivi kattoliċi kollha fl-Arċidjoċesi u għall-promozzjoni tal-kultura ta' ispirazzjoni kattolika.

1.2 Is-Segretarjat għandu għalhekk:

(1) iżomm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa li għandha x'taqsam ma' l-edukazzjoni u l-kultura f'Malta, speċjalment dik ta' ispirazzjoni kattolika.

(2) iżomm taħt għajnejh l-edukazzjoni kattolika fl-Arċidjoċesi u jara li qed tingħata edukazzjoni kattolika xierqa fl-iskejjel tal-Knisja.

(3) iżomm kuntatt mas-Superjuri Maġġuri ta' l-Ordnijiet u Kongregazzjonijiet Reliġjużi u ma' awtoritajiet oħra li għandhom skejjel jew istituzzjonijiet tal-Knisja ta' natura edukattiva jew kulturali, kif ukoll mal-kapijiet ta' dawn l-iskejjel jew istituzzjonijiet tagħhom.

(4) iżomm kuntatt mal-ġenituri li jibagħtu lill-uliedhom fi skejjel u istituzzjonijiet oħra kattoliċi ta' edukazzjoni u kultura.

(5) jippromwovi l-kooperazzjoni fost l-iskejjel u l-istituzzjonijiet l-oħra ta' edukazzjoni u kultura, u jservi bħala strument ta' koordinament bejniethom biex, waqt li jibqgħu mħarsa l-individwalità ta' kull skola w istituzzjoni, isegwu 'policy' ġenerali waħda.

(6) iżomm kuntatt mal-mexxejja u l-għalliema ta' l-iskejjel u jara li jkollhom laqgħat ta' studji, aġġornament u tiġdid spiritwali għall-formazzjoni permanenti tagħhom.

(7) iżomm kuntatti u djalogu ma' l-għaqdiet u l-istituzzjonijiet mhux ekklesjastiċi li jaħdmu fil-qasam ta' l-edukazzjoni u kultura.

(8) flimkien mas-Segretarjat għat-Tħabbir tal-Kelma u Katekeżi, u bi ftehim mas-Segretarjat għall-Kleru u Membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata, jorganizza laqgħat regolari għall-membri tal-Kleru li għandhom f'idejhom id-direzzjoni spiritwali fl-iskejjel.

(9) iġib 'il quddiem il-ħidma fost l-intellettwali u mill-intellettwali kemm biex jissaħħu fil-Fidi tagħhom kif ukoll biex fis-soċjetà Maltija tinbena kultura li dejjem aktar taqbel mal-valuri evanġeliċi.

## 2. Id-Delegat ta' l-Arċisqof

2.1 Il-Kap tas-Segretarjat huwa d-Delegat ta' l-Arċisqof.

2.2 Bħala rappreżentant ta' l-Arċisqof, id-Delegat janima u jikkoordina l-iskejjel tal-Knisja u l-istituzzjonijiet oħra edukattivi u kulturali ta' ispirazzjoni kattolika li jeżistu fl-Arċidjoċesi, u jara li l-ħidma tagħhom tiġi dejjem 'il quddiem.

2.3 Għal dan il-għan, id-Delegat ikollu fakoltajiet u dmirijiet, kemm dawk komuni għad-Delegati tas-Segretarjati, kif ukoll dawk speċifiċi għad-Delegat ta' dan is-Segretarjat, li jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien minni u mis-Suċċessuri tiegħi.

## 3. Taqsima "Kultura"

3.1 Fi ħdan dan is-Segretarjat ikun hemm Taqsima għall-Kultura.

3.2 Din it-Taqsima tkun immexxija, taħt id-direzzjoni tad-Delegat għal dan is-Segretarjat, minn persuna maħtura minni jew mis-Suċċessuri tiegħi bħala kap ta' din it-Taqsima. Il-persuna hekk maħtura tibqa' taqdi d-dmirijiet marbutin ma' dan l-uffiċċju a beneplaċitu tiegħi u tas-Suċċessuri tiegħi.

3.3 Il-Kap ta' din it-Taqsima jkun partikolarment responsabbli li jġib 'il quddiem il-kultura ta' ispirazzjoni kattolika f'Malta u r-rabta bejn Fidi u Kultura f'pajjiżna b'mod li l-kultura ta' żminijietna wkoll tkun imnebbħa kemm jista' jkun minn valuri evanġeliċi; u għal dan il-għan igħin ukoll sa fejn jista' l-istituzzjonijiet kulturali ta' ispirazzjoni kattolika fl-Arċidjoċesi u jġib 'il quddiem il-kooperazzjoni bejniethom.

## 4. Il-Kunsill tas-Segretarjat

4.1 Biex ikun jista' jaqdi sewwa dmirijietu, is-Segretarjat ikollu Kunsill, b'rappreżentanza ta' entijiet li jaħdmu fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u tal-kultura kattolika fl-Arċidjoċesi flimkien ma' xi persuni attivi f'dawn l-oqsma.

4.2 Il-funzjonijiet prinċipali tal-Kunsill huma li:

1. jgħin lid-Delegat u lill-Kap tat-Taqsima 'Kultura' fit-tħaddim tal-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi.
2. jgħin lid-Delegat u lill-Kap tat-Taqsima 'Kultura' fit-tfassil tal-*policies* ta' l-Arċidjoċesi fil-qasam ta' dan is-Segretarjat qabel dawn jitressqu, permezz tas-Segreterija Pastorali, għall-approvazzjoni definitiva ta' l-Arċisqof.
3. jgħin lid-Delegat u lill-Kap tat-Taqsima 'Kultura' fl-ippjanar, fl-organizzazzjoni u fil-promozzjoni tal-ħidma tas-Segretarjat stess u fil-koordinament ta' l-entijiet u persuni attivi fl-oqsma tiegħu, skond il-policies ta' l-Arċidjoċesi.

4.3 Il-Kunsill jaqdi dawn il-funzjonijiet bil-pariri u bis-suġġerimenti li jagħti lid-Delegat fil-laqgħat tal-Kunsill, kif ukoll b'forom oħra ta' ħidma u kollaborazzjoni skond il-possibiltajiet tal-membri.

4.4 Il-Kunsill tas-Segretarjat ikun kompost minn:

1. Id-Delegat
2. l-Kap tat-Taqsima 'Kultura'
3. Rappresentant tal-Kunsill tal-provinċjali
4. Rappresentanta tal-Konferenza tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi Nisa
5. Mexxej ta' Skola tal-Knisja
6. Membru li jkollu jew ikollha tfal fi skejjel tal-Knisja
7. Għalliem jew għalliema fi Skola tal-Knisja
8. Għalliem jew għalliema minn Skola Statali
9. Student jew studentessa mill-Università ta' Malta
10. Id-Direttur ta' l-Istitut Kattoliku
11. Rappresentant mill-Fakultà tat-Teoloġija
12. Espert fl-Edukazzjoni
13. Espert fil-Kultura

4.5 Il-membri tal-Kunsill jiġu maħtura mill-Arċisqof għal perijodu ta' ħames snin. Iżda jispiċċaw ukoll qabel dan iż-żmien jekk ma jibqgħux jirrappreżentaw dak l-enti jew dik il-kategorija li jkunu ġew magħżulin jew nominati biex jirrapreżentaw.

4.6 Il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' wkoll jekk xi wieħed jew aktar mill-membri jkunu għadhom ma nħatrux, basta aktar minn nofs il-membri jkunu ġew nominati.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 16 ta' Settembru 1988.

† Ġużeppi
Arċisqof ta' Malta

Philip Calleja
Kanċellier

## L-EWKARISTIJA: SAGRIFIĊĊJU TA' TIFĦIR U RADD IL-ĦAJR – IL-*"MAGNIFICAT"* PERMANENTI TAL-KNISJA FL-ISTORJA

Kienet id-drawwa ta' Ġesù li joqgħod fuq il-mejda għall-ikel ma' kull xorta ta' nies. Min-naħa ta' Gesù, li kien il-Verb tal-Missier li sar bniedem bħalna, dan kien ġest ta' ħbiberija; kien juri x-xewqa ta' Alla li jwaqqaf komunjoni mal-bnedmin. Dawn il-ħafna ikliet, l-aktar li fihom Ġesù ta ħobż mirakoluż lin-nies li mxew warajh, ħejjew bil-mod il-mod l-aħħar ikla, dik li kienet fis-sens sħiħ l-ikla messjanika. Din l-ikla – li f'ċertu sens kienet ukoll ikla ta' *addio* – Ġesù għamilha mad-dixxipli tiegħu awl il-lejl qabel ma bata. L-Evanġelisti sinottiċi jippreżentawha bħala l-ikla li kull sena l-Lhud kienu jieklu fuq kollox b'tifkira tal-ħelsien tagħhom mill-jasar ta' l-Eġittu fi żmien Mosé. Il-kuntest ta' l-ikla – il-post li għażel Ġesù (Ġerusalem, il-belt qaddisa); iż-żmien liturġiku (l-Għid tal-Lhud); il-mument preċiż fil-ħajja ta' Gesù (lejlet il-mewt) – kien kuntest speċjali ta' l-akbar sinifikat reliġjuż.

F'dan il-kuntest dens fl-emozzjoni u fit-tifkira tal-ġrajjiet tal-ħelsien ta' l-imgħoddi, Ġesù waqqaf istituzzjoni ġdida, li kellha tkun **memorjal tal-persuna u ta' l-opra salvifika tiegħu.**

Il-kotba tat-Testment il-Ġdid jagħtuna erba' rakkonti ta' din l-istituzzjoni (Mt 26, 26-29; Mk 14, 22-25; Lq 22, 19-20; 1 Kor 11, 23-25).

Għall-Memorjal tiegħu Ġesù ma nqediex bil-ħaruf, li kien l-element speċifiku u essenzjali ta' l-ikla ritwali tal-Għid tal-Lhud.

Minflok, Ġesù inqeda bil-ħobż u bl-inbid, u fuqhom qal talba (*berakah*) li fiha ta t-tifsira ġdida li ried jagħti lil dawk l-elementi.

Mt 26, 26 u Mk 14, 22 jesprimu l-barka ta' Ġesù fuq il-ħobż bil-verb *eulogeò,* li jfisser "tfaħħar", "tbierek", Lq 22,19 u 1 Kor 11,24 jużaw il-verb *eucharisteò,* li jfisser "turi gratitudni", "trodd ħajr". L-istess kelma jużawha wkoll Mt 26,27 u Mk 14,23 b'riferenza għat-talba ta' Ġesù fuq il-kalċi. – Il-ħsieb ta' Ġesù li dak li għamel ikun istituzzjoni permanenti huwa impliċitu fil-kuntest u minħabba s-sinifikat proprju tiegħu; imma San Luqa jagħmlu espliċitu permezz tal-kliem ta' Ġesù: "Agħmlu dan b'memorjal tiegħi: *eis ten emen anamnesin.* (Lq 22,19) minnufih wara l-barka fuq il-ħobż; waqt li San Pawl jittraskrivi dan il-mandat istituttiv darbtejn, jiġifieri b'riferenza kemm għall-barka tal-ħobż kif ukoll għall-barka tal-kalċi (1 Kor 11, 24-25).

Jidher li l-ewwel insara, meta kienu jridu jsemmu l-Memorjal ta' Ġesù, kienu jsejħulu l-"qsim tal-ħobż" jew "l-Ikla tal-Mulej". Però ma damux ma bdew isejħulu sempliċement **Ewkaristija**. Dan jirriżulta ċar mill-kitbiet ta' l-ewwel nofs tat-tieni seklu (Didache, S. Injazju ta' Antjokja, S. Ġustinu martri).

Ġa minnha nfisha l-kelma 'Ewkaristija' kienet tesprimi l-ferħ tal-gratitudni kif ukoll it-tifħir. Fl-ambjent nisrani, skond it-tradizzjoni biblika, kellha wkoll tifsira sagrifikali, għax it-tifħir lil Alla huwa għamla *(species)* ta' sagrifiċċju. Infatti fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija mill-bidunett l-insara kienu jxandru, jfaħħru u jroddu ħajr lil Alla l-Missier għall-ħniena tiegħu għalina u għall-fedeltà li wera lejna fil-misteru tal-Għid ta' Kristu.

Minħabba f'hekk, dak li l-Ewkaristija kienet tesprimi min-naħa ta' l-insara b'riferenza għall-misteru tal-Għid ta' Kristu, f'ċertu sens huwa parallel ma' dak li, fil-bidunett tal-era Kristjana, esprimiet l-imqaddsa Verġni Marija b'riferenza għall-misteru ta' l-Inkarnazzjoni tal-Verb. Marija wkoll, infatti, meta żaret lil Eliżabetta, faħħret u raddet ħajr lil Alla bil-kantiku li jibda bil-kelma *"Magnificat"* (Lq 1, 46-55).

L-intenzjoni tagħna (fis-Sena Marjana 1987-88 u fil-Ġublew tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913) hija li nirriflettu ftit aktar fil-fond fuq dan il-paralleliżmu. Prinċipalment però nixtiequ nqisu l-Memorjal tal-persuna u l-opra ta' Kristu (għax dawn it-tnejn ma tistax tifridhom) u **dak li tagħmel il-Knisja** meta bl-Ewkaristija ġġedded dan il-Memorjal.

Ġesù Sidna huwa l-Iben t'Alla li, bl-ubbidjenza tiegħu lejn il-Missier, kiseb is-salvazzjoni għall-bnedmin. L-Evanġelju ta' Ġesù huwa l-Aħbar it-Tajba dwar Ġesù.

Fuq il-misteru ta' Ġesù d-dixxiplu favorit tiegħu jgħid: "Alla (Missier) hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni" (Ġw. 3,16). L-Iben il-waħdieni huwa l-Verb "li hu fi ħdan il-Missier" (Ġw 1, 1-18) u li l-Missier "jitgħaxxaq bih" (Mk 1,11). "Bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lill-Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu" (Ġw 5,26). Għax iħobbna, l-Missier bagħathulna biex "ikollna l-ħajja bil-kotra" (Ġw 10,10); jiġifieri biex "mill-milja tiegħu" aħna stajna nieħdu "grazzja fuq grazzja" (Ġw 1,16), għax "hu kien mimli bil-grazzja u l-verità" (Ġw 1,14). Għalhekk "il-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1,14). "Twieled minn mara" (Gal 4,4); "sar bħalna f'kollox barra mid-dnub" (Lh 4,15). Bil-miġja tiegħu, jgħid il-Konċilju Vatikan II, "in-natura tagħna tgħolliet għal dinjità liema bħalha" (GS 22). Il-Missier għamel minn Ibnu magħmul bniedem, Sidna Ġesù Kristu, "l-iskop ta' l-istorja tal-bnedmin" (GS 45). Hu infatti "l-Alfa u l-Omega, l-Ewwel u l-Aħħar, il-Bidu u t-Tmiem" (Apok 22,12-13). "Bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tieghu mxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art" (Kol 1,20).

Skond l-Ittra lil-Lhud, hu u dieħel fid-dinja l-Verb li sar Ġesù qal lill-Missier: "Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija; vittma maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien imbagħad għedt: Hawn jien, **ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek**, O Alla" (Lh 10, 5-7). Aktar tard Ġesù stqarr dan l-iskop tal-miġja tiegħu u qal: "Min bagħatni huwa miegħi... għax jien dejjem nagħmel dak li jogħġob lilu" (Ġw 8.29). "Għalhekk iħobbni l-Missier, għax **jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha... din hi l-ordni** li ħadt mingħand Missieri" (Ġw. 10,18). Kien biex jobdi l-Missier li Ġesù "bata taħt Ponzju Pilatu, miet u difnuh, u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet". X'kiseb Ġesù b'dan kollu?

"Magħdud mal-midimbin... hu neħħa l-ħtijiet tal-kotra" (Is 53,12). "Meta kien igħix fuq din l-art Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien l-Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U billi laħaq il-perfezzjoni *(teleioun)*, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu, wara li Alla

għamlu l-qassis l-kbir skond l-ordni ta' Melkisedek (Lh 5, 7-10).

Dan kollu però b'ebda mod ma fehmuh il-bnedmin waqt li kien qiegħed iseħħ. Huma la għarfu li Ġesù kien Saċerdot u lanqas qatt ħolmu li l-mewt tiegħu kienet sagrifiċċju. F'għajnejn il-Lhud, infatti, Ġesù la kien, anqas seta' jkun, saċerdot – kif kienu jifhmuh huma. Għax is-saċerdoti tat-Testment il-Qadim kellhom ikunu mit-tribù ta' Levi, filwaqt li Ġesù kien mit-tribù ta' Ġuda. Hu stess la qatt qal li kien saċerdot u anqas qatt għamel is-servizz ritwali li kien jagħmel kull saċerdot fit-Tempju. Mhux biss: il-figura u l-immaġini ta' Ġesù kienu l-oppost ta' dak li kienu l-figura u l-immaġini tal-Qassis il-Kbir tal-Lhud. Għax ir-riti elaborati tat-Testment il-Qadim kienu jagħmlu minn kollox biex il-figura tal-Qassis il-Kbir tkun maqtugħa mill-bqija tal-bnedmin u kemm jista' jkun imqegħda 'l fuq minnhom, u l-Kult tat-Tempju kien bażat fuq sistema grandjuża ta' separazzjoni. Għall-kuntrarju Ġesù għex dejjem f'nofs il-poplu u dejjem fittex l-akbar kuntatt magħhom. Fuq kollox, dak li ġara fuq il-Kalvarju f'għajnejn in-nies kien l-antitesi ta' att kultwali: il-mewt ta' Ġesù, mhux biss barra t-Tempju imma saħansitra barra l-belt, kienet tidher bħala l-esekuzzjoni ta' bniedem kriminali, jiġifieri l-aktar ħaġa bogħod minn rit sagru li wieħed seta' jimmaġina.

Imma Alla ma jaħsibhiex bħall-bnedmin. F'għajnejn Alla, l-mewt ta' Ġesù kienet att ta' l-ikbar solidarjetà mal-bnedmin fl-akbar umiljazzjoni tagħhom – il-mewt – solidarjetà li kienet essenzjali biex il-bnedmin setgħu jieħdu ġid minn dak il-mewt. Ġesù infatti, li waħdu kien bla ħtija, "tgħabba bil-ħażen tagħhom" (Is 53,11); hu "kien miġruħ minħabba fi dnubietna" (Is 53,5). Forsi aktar importanti minn hekk, Ġesù aċċetta l-mewt "għax għamel lilu nnifsu Bin Alla" (Ġw 19,7) biex ikun koerenti mal-verità; għax il-ħidma li tah il-Missier (Ġw 17,4) kienet li, billi jgħarraf lilu nnifsu bħala l-Iben, jirrivela "isem il-Missier" (Ġw 17,6). Aċċetta l-mewt, mogħtija mill-bnedmin u mhux minn Alla, biex jobdi lill-Missier.

Minn fost il-bnedmin, – ilkoll midinbin – Ġesù biss seta' jagħmel dan l-att erojku ta' ubbidjenza f'imħabba perfetta fl-istess ħin lejn Alla u lejn il-bnedmin; għax hu kien "qaddis, bla ħtija, bla tebgħa" (Lh 7, 26). U seta' jagħmel dak l-att bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li kien jaħdem fih. Infatti, kif bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu Ġesù kien tnissel fil-ġuf safi ta' Marija; kif l-Ispirtu s-Santu (li, bħala Alla, qatt ma kien mifrud minn Ġesù mqar bħala bniedem) kien tah l-investitura messjanika wara l-magħmudija fil-Ġordan, u mexxieh f'kull ma qal u għamel fil-ministeru pubbliku tiegħu; hekk l-istess Spirtu s-Santu wassal lil Ġesù bħala bniedem biex fil-Ġetsemani jagħmel l-att suprem ta' mħabba u jgħid lill-Missier: "Ħa jgħaddi mingħalija dan il-kalċi; imma mhux kif irrid jien, imma kif trid int" (Mt 26,39).

L-att ta' ubbidjenza perfetta li għamel Ġesù, u li hu biss seta' jagħmel, kien il-qima tassew li kien jistħoqqlu (imma li qatt ma kien ingħata) l-Missier; u kien fl-istess ħin l-offerta fl-imħabba perfetta li Ġesù għamel tiegħu nnifsu lill-Missier **minn ħdan, u għall-ġid, tal-bnedmin.**

L-offerta perfetta ta' Ġesù ma setgħetx ma togħġobx lill-Missier, u

għalhekk il-Missier ma setax ma jilqagħhiex. Imma x'ifisser li l-Missier aċċetta l-offerta ta' Ġesù? Ifisser li, malli Ġesù fuq is-Salib qal: "Kollox huwa mitmum... Missier f'idejk jien nerħi ruħi" (Ġw 19,30; Lk 23,46), il-Missier **ħa tassew dik l-offerta**, għamilha tiegħu biss: l-offerta saret proprjetà t'Alla, sagra għalih: fi kliem ieħor, **l-offerta saret sagrifiċċju.** Dan ifisser li, minn ħdan il-bnedmin, għall-ewwel darba ġiet stabbilita tassew **komunjoni vera ma' Alla** – komunjoni fl-aqwa grad.

Kien sagrifiċċju li bih, fl-istess ħin: (i) Ġesù ġie kkonsagrat Qassis il-Kbir; (ii) daħal tassew fis-Santwarju ta' Alla, jiġifieri effettivament waqqaf komunjoni vera ma' Alla; u (iii) b'hekk sar il-Medjatur ta' Patt ġdid, li fih jinħafru d-dnubiet, u l-bnedmin jistgħu jaslu sa għand il-Missier.

Meta l-offerta ta' Ġesù ġiet aċċettata mill-Missier u b'hekk saret sagrifiċċju, Ġesù fl-umanità tiegħu "sar perfett" (*teleiotheis egenito*, Lh 5,9). Fit-Testment il-Qadim bil-Grieg (LXX) *teleioun* u *teleiosis* huma termini tekniċi li jittraduċu l-kliem Lhudi *mille'jad* u *millu'im*, u jintużaw biss biex jindikaw il-konsagrazzjoni saċerdotali. Il-kliem ta' l-Ittra lil-Lhud li Ġesù "sar perfett", għalhekk, ifissru li bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu fuq is-salib Ġesù ġie kkonsagrat Qassis il-Kbir. Din il-Konsagrazzjoni kienet ikbar u aqwa minn dik tal-qassisin tat-tribù ta' Levi; l-Ittra lil-Lhud, infatti, tispjega li lil Ġesù "Alla għamlu Qassis il-Kbir skond l-ordni ta' Melkisedek:" (Lh 5,10).

Il-Qassis il-Kbir tat-Testment il-Qadim kien jidħol darba fis-sena fis-santwarju mibni mill-bnedmin biex joffri d-demm tal-bhejjem, li bih ma jitnaddfux id-dnubiet. B'dan ma setax jasal għal komunikazzjoni vera ma' Alla li, fuq kollox, ma jgħammarx f'kamra tal-ġebel. Imma Ġesù, li kien qaddis u mhux midneb bħall-bnedmin kollha; li offra lilu nnifsu u mhux xi ħaġa oħra minfloku; u li ta ħajtu bit-tixrid ta' demm u mhux id-demm ta' bhejjem mingħajr raġuni; u għamel dan minn rajh u f'ubbidjenza lejn il-Missier: "daħal darba għal dejjem fis-Santwarju" (Lh 9,12) – mhux f'dak tal-ġebel li kien biss "xbieha u dell ta' dak tas-sema" (Lh 8,5), "imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla" (Lh 9,24). Jiġifieri Ġesù għamel bil-fatt dak li l-Qassis il-Kbir tat-Testment il-Qadim kien jagħmel biss simbolikament, bħala figura ta' dak li kellu jseħħ permezz ta' Ġesù.

Hekk Ġesù sebaq is-saċerdozju l-qadim u ssostitwieh b'saċerdozju ġdid li, kif ngħidu aktar tard, seta' jiġi wkoll komunikat.

Fl-istess ħin tal-konsagrazzjoni saċerdotali tiegħu, Ġesù "offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet ta' kulħadd" (Lh 9,28). B'dak is-sagrifiċċju, magħmul "darba għal dejjem" (Lh 7,27), hu "kiseb fidwa għal dejjem" (Lh 9,12) u "sar awtur ta' salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu" (Lh 5,9). "Għalhekk hu **medjatur ta' patt ġdid,** biex, bil-mewt li ndaħlet għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien l-ewwel patt, dawk li huma msejħin (minn Alla) jieħdu l-wirt ta' dejjem li kien imwiegħed" (Lh 10,15). Is-sagrifiċċju tal-patt li sar fi żmien Mosé ma kienx sagrifiċċju "għad-dnubiet". Għalhekk il-profeta Ġeremija (31,31-34) ħabbar patt ġdid li fih Alla ried jaħfer il-ħażen u jinsa l-ħtijiet tal-bnedmin. Il-mewt sagrifikali ta' Ġesù

issiġillat dan **il-patt definittiv ta' maħfra**, u għal dawk li bil-fidi jingħaqdu ma' Kristu fetħet it-triq li twassal għand il-Missier.

"Din hi issa l-aqwa ħaġa li rridu ngħidu," jistqarr l-Awtur tal-Ittra tal-Lhud: "li aħna għandna qassis hekk kbir li qagħad fuq il-lemin tat-tron tal-kobor ta' Alla fis-sema, ministru tas-smewwiet u tat-tabernaklu veru li hu magħmul mill-Mulej u mhux mill-bnedmin" (Lh 8,1-2). "Hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju *(ta hagia)*" (Lh 9,12): "daħal minn tinda *(skene)* aqwa u aktar perfetta li m'hijiex maħduma b'idejn il-bnedmin, jiġifieri m'hijiex ħolqien ta' din l-art" (Lh 9,11). "Billi Ġesù jibqa' għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt... Hu jibqa' dejjem ħaj biex jidħol għalihom (għal dawk li bih jersqu lejn Alla)" (Lh 7,24-25). Fi kliem ieħor, **Kristu glorjuż** fuq il-lemin tal-Missier huwa **Saċerdot etern** u **Medjatur permanenti.** Huwa "l-Qassis il-Kbir **imqiegħed fuq il-familja ta' Alla**" (Lh 10,21).

X'kienet sewwa sew "it-tinda mhix maħduma b'idejn il-bnedmin" li minnha daħal Ġesù, u ta' xiex **illum** Kristu Saċerdot huwa Medjatur?

"It-tinda "aqwa u aktar perfetta" kienet dik li fuqha darba Ġesù, b'riferenza għal ġismu, qal lill-Lhud: "Ħottu dan it-Tempju" (Ġw 2,19). Dak inhar Ġesù wiegħed li jerġa' jibni "dan it-Tempju" fi tlett ijiem (Ġw 2, 19-21), ħaġa li żgur ma setgħetx issir "b'idejn il-bnedmin" imma li seta' jagħmel biss Alla, kif fil-fatt għamel meta qajjem lil Ibnu mill-imwiet. L-umanità ta' Ġesù, meta ġiet aċċettata – u għalhekk igglorifikata – mill-Missier wara s-sagrifiċċju tal-Golgota, kienet it-tinda aqwa u mhux maħduma b'idejn il-bnedmin. L-umanità glorjuża ta' Kristu rxoxt hija t-tinda *(skene)* li twasal tassew fis-Santwarju *(Ta hagia)*, għax din l-umanità, għal kollox kompenetrata mill-Ispirtu qaddis ta' Alla meta l-Missier aċċetta l-offerta tagħha, tista' – u hi biss tista' – tikkomunika perfettament mal-Missier. It-*teleiosis* li biha ġie kkonsagrat Saċerdot, għalhekk, wasslet lil Ġesù biex isir il-medjatur waħdieni li fih u bih aħna għandna aċċess għal għand il-Missier. Bir-raġun mela tgħid l-Ittra lil-Lhud: "Għandna l-fiduċja li nidħlu fis-Santwarju bis-saħħa taddemm ta' Ġesù, **billi ngħaddu mit-triq, ġdida u ħajja, li hu fetħilna 'l ġewwa mill-velu, li hu l-ġisem tiegħu stess"** (Lh 10, 19-20).

Kristu rxoxt huwa l-mogħdija obbligatorja għal għand il-Missier, fost l-oħrajn, għal raġuni partikolarment importanti: jiġifieri, għax **fl-umanità glorjuża tiegħu Kristu huwa l-Medjatur permanenti ta' l-Ispirtu s-Santu.**

X'uħud mill-profeti tat-Testment il-Qadim kienu qalu li t-tiswib ta' l-Ispirtu kellu jkun karatteristika taż-żmien messjaniku. Fil-fatt l-għotja ta' l-Ispritu s-Santu kienet l-ewwel u l-aqwa don ta' Kristu rxoxt. Għax hu dan l-Ispritu li jwassal biex wieħed jistqarr l-isem ta' Ġesù", jiġifieri jemmen fih bħala Kristu u Mulej. Huwa l-istess Spirtu li jaħfer u jqaddes, għax hu l-"Mulej li jagħti l-ħajja". Dan l-Ispirtu, li l-Iben jibgħat mingħandu il-Missier, jgħaqqad flimkien lil dawk li jemmnu bħal friegħi fid-dielja li hi Ġesù", jinkorporahom fil-Ġisem li tiegħu Kristu huwa r-Ras, biex il-Qassis il-Kbir tagħna jitqiegħed tassew fuq il-familja ta' Alla (Lh 10 21), u hekk **il-familja kollha** tissieħeb fil-konsagrazzjoni saċerdotali tal-Qassis

il-Kbir, biex issir **"saċerdozju rjali"** (1Pt 2,9) u tkun tista' tagħti lil Alla l-qima li tixraqlu.

Kif is-saċerdozju ta' Kristu huwa ta' ordni differenti u aqwa mill-ordni tal-qassisin Levitiċi, hekk ukoll il-qima li fi Kristu l-Insara jagħtu lill-Missier bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu hija wkoll differenti u ogħla. Bi Kristu infatti aħna noffru qima li mhix marbuta ma' post jew ħin partikolari, imma naduraw lill-Missier "fl-ispritu u l-verità" (Ġw 4, 24). Jekk il-qassisin tar-Rabta l-qadima kienu joffru sagrifiċċji ritwali, vigarji u esterni, mhux hekk għamel il-Qassis il-Kbir tagħna. Hu "bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma sajfa lil Alla" (Lh 9,14): jiġifieri s-sagrifiċċju tiegħu ma kienx ġest ritwali imma att eżistenzjali fil-ħajja; ma kienx offerta esterna għal min għamilha, jew offerta ta' xi ħaġa sostitutiva u vigarja (bħal annimal flok min joffrih), imma kienet offerta strettament personali, interna u spiritwali (fir-rieda libera u ubbidjenti). Bl-istess mod il-qima l-ġdida ta' dawk li permezz ta' l-Ispirtu s-Santu jissieħbu fis-Saċerdozju uniku ta' Kristu jeħtieġ li tkun fl-Ispirtu s-Santu li jgħammar fihom bħal f'tempju, fil-verità tal-ħajja reali kif kienet fil-każ ta' Ġesù". Fi kliem ieħor, il-kult il-ġdid inawgurat minn Kristu jrid ikun eżistenzjali, personali u spiritwali. Għalhekk, kif jgħid San Irinew, permezz ta' Kristu Alla "ma neħħiex il-ġeneru tal-offerti imma biddel l-ispeċi tagħhom". Fuq dan San Pietru jgħid li aħna sirna "saċerdozju qaddis biex noffru sagrifiċċju spiritwali li jogħġbu lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu" (1 Pt 2,5). Jissekondah San Pawl, li jirrikmanda lir-Rumani: "Offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla: **il-kult spiritwali tagħkom"** (Rum 12,1). L-Awtur ta' l-Ittra lil-Lhud jikkonkludi: "B'Ġesù mela, noffru f'kull ħin lil Alla **sagrifiċċju ta' tifħir**, jiġifieri l-kelma ta' xofftejna li tistqarr ismu: (Lh 13,15).

Dik li San Irinew sejħilha l-"ispeċi" ġdida ta' sagrifiċċji li jsiru lil Alla permezz ta' Kristu tħaddan is-sagrifiċċji **kollha** ta' l-insara, u għalhekk anke dak li nsejħulu s-sagrifiċċju Ewkaristiku.

Kif wieħed hu l-Medjatur ta' Alla u l-bnedmin, Kristu Ġesù (1 Tim 2,5), hekk ukoll wieħed hu s-sagrifiċċju tal-Patt il-ġdid, dak li Ġesù offra fuq il-Kalvarju. Is-sagrifiċċji ta' l-insara huma sagrifiċċji veri u sagrifiċċji tagħhom, imma m'humiex sagrifiċċji awtonomi: huma dipendenti minn dak ta' Kristu, marbutin miegħu u jieħdu l-valur tagħhom minnu.

Mad-daħla ta' Kristu b'demmu fis-Santwarju ta' Alla, s-sagrifiċċju tiegħu – bħas-Saċerdozju tiegħu – sar etern, u għalhekk huwa kontemporanju ma' kull żmien. Imma billi l-bniedem jinħtieġ l-għajnuna ta' dak li jidher biex jifhem dak li ma jidhrix, Ġesù tana s-sagrifiċċju tiegħu taħt għamla sagramentali. Huwa waqqaf memorjal tal-persuna u ta' l-opra salvifika tiegħu.

Għal dan Ġesù għażel l-ikla ta' kull sena tal-Għid tal-Lhud. Dik l-ikla ritwali u sagrifikali – il-ħaruf li kien jittiekel fiha, infatti, kien jinqatel fuq l-artal fit-Tempju – kienet memorjal li jattwalizża għal min jiċċelebrah il-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu. Imma l-ikla ritwali kienet tiċċelebra wkoll il-ħolqien, il-patt u t-tama messjanika, u fl-istess ħin kienet tħares lejn il-futur u tesprimi t-tama tat-tmiem eskatoloġiku. Dan kollu kien "dell tal-gid li kellu jiġi" (Kol 2,17) u li kellu jseħħ f'Ġesù. Meta kien wasal il-

waqt li għażel Alla biex dan iseħħ, fuq l-isfond ritwali u simboiku tal-Ikla tal-Għid tal-Lhud, Ġesù qiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru tal-istorja tas-salvazzjoni, u wera kif kollox kien qiegħed iseħħ fih. Bħal missier li qabel imut jiġbor l-enerġija tiegħu biex b'barka effikaċi jgħaddi lill-werriet tiegħu dak li kien ifisser hu u s-sens ta' hajtu (ara e.g. Ġen. 27), hekk Ġesù awl il-lejl qabel ma bata għamel att testamentali. B'dak li għamel u b'dak li qal huwa ħabbar il-mewt tiegħu fil-qrib u s-sens tagħha, u iddedika lilu nnifsu bħala vittma sagrifikali offerta lil Alla "għall-maħfra tad-dnubiet". Biex il-ħajja li kienet fih mingħand il-Missier tgħaddi fid-dixxipli tiegħu u dawn jiġu assimilati miegħu, bis-setgħa divina tiegħu – tal-Verb li bih sar kollox (Ġw 1,13) – bidel il-ħobż f'laħmu u l-imbid f'demmu u, taħt għamla sagramentali, tahom bħala ikel u xorb spiritwali lid-dixxipli tiegħu, u ried li huma jibqgħu jagħmlu dak li għamel hu b'tifkira tiegħu.

Id-dedikazzjoni tiegħu nnifsu bħala vittma li Ġesù għamel fiċ-ċenaklu ġiet attwata fuq il-Kalvarju, u ntemmet bl-eżaltazzjoni ta' Ġesù bħala Kristu u Mulej. Wara li għal ħafna drabi kienu raw il-Mulej imqajjem minn bejn l-imwiet, u wara li kienu rċevew minn għandu l-Ispritu li kien wegħdhom id-dixxipli mill-bidu nett baqgħu jħarsu kull ġimgħa il-jum li fih Ġesù rxoxta bħala Jum il-Mulej. Kienu jħarsuh billi jiċċelebraw il-memorjal li kien ħalliel-hom, u f'din iċ-ċelebrazzjoni kienu konvinti li kienu jiltaqgħu tassew mal-Mulej, għalkemm ma jarawhx, u li kienu jikkomunikaw tassew fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu (1 Kor 10,16).

Minn żmien l-appostli sal-lum l-Ikla tal-Mulej kienet dejjem iċ-ċentru tal-qima li l-Poplu tal-Patt il-Ġdid ta lil Alla. Il-ġemgħa li tiltaqa' biex tattwa l-kmand tal-Mulej issejjaħ l-Ispirtu ta' Kristu *(epiklesis)* biex iqaddes l-offerti tal-ħobż u l-imbid, ħalli Alla jibdilhom fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-kittieba tal-Knisja li kitbu bil-Grieg min-nofs it-tieni seklu 'l quddiem xebbhu l-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-offerti li aħna nqegħdu fuq l-altar ma' l-azzjoni ta' l-Ispritu s-Santu meta hu "niżel" fuq il-Verġni Marija fl-Inkarnazzjoni. Kif il-Verb ingħatalna bħala bniedem bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, hekk bl-istess Spirtu s-Santu jingħatalna l-misteru tal-Ħaruf tal-Għid tagħna. Il-Memorjal tal-Patt il-ġdid huwa "simbolu", jiġifieri sinjal sagramentali mimli bir-realtà li jfisser. Permezz tiegħu jitqiegħed preżenti għal kull ġenerazzjoni dak li sar darba għal dejjem fuq il-kalvarju. Hekk aħna, li ma konniex hemm dak inhar; aħna li, mqar kieku konna hemm, ma konna nifhmu xejn u ma konna noffru xejn, illum, permezz tas-sagrament ta' dak is-sagrifiċċju, nistgħu bil-fidi u bl-imħabba nissieħbu personalment fis-sagrifiċċju tal-Patt. Nistgħu ukoll noffru l-istess Vittma (ġa aċċettata minn Alla) u magħha noffru lilna nfusna.

Dan iżda nistgħu nagħmluh għaliex il-Qassis il-Kbir tagħna jseħibna fis-saċerdozju tiegħu.

Skond l-Ittra lil-Lhud, kif bl-offerta tiegħu fuq is-salib Ġesù "sar perfett" (Lh 5,9) – jiġifieri ġie kkonsagrat saċerdot – hekk bl-istess "offerta waħda hu **għamel perfetti** għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes" (Lh 10,14). Frott ta' dan, skond San Pietru, aħna "bħal ġebel ħaj" ninbnew "f'dar spiritwali" u nsiru "organiżmu saċerdotali" *(hierateuma)* "biex noffru sagrifiċċji

spiritwali li jogħġbu lil Alla" (1 Pt 2,5).

F'dan l-organiżmu saċerdotali l-Knisja tissieħeb fis-saċerdozju ta' Kristu b'żewġ modi differenti, skond iż-żewġ aspetti distinti tiegħu.

Ġesù kiseb il-konsagrazzjoni saċerdotali tiegħu mingħajr l-għajnuna ta' ħadd, u ta qima lill-Missier direttament. Aħna nistgħu nqimu lill-Missier biss permezz ta' Kristu. Kristu jagħti sehem fis-saċerdozju tiegħu, in kwantu dan hu ordinat għall-qima t'Alla, lil kull min jemmen u jitwieled mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu. Hekk bażikament l-insara kollha għandhom l-istess dinjità saċerdotali quddiem il-Missier. Imma l-aspett tas-saċerdozju oriġinarju ta' Kristu inkwantu medjazzjoni tas-salvazzjoni huwa riservat għal Kristu biss (Lh 8,6; 9,15; 1 Tim 2,5). Għalhekk ħadd ma jista' jasal għand il-Missier jekk mhux bi Kristu bħala Medjatur (Lh 7,25; 10,19-21; Ġw 14,6).

Fl-istess ħin, il-komunità tal-fidili, magħmula minn bnedmin u unita fl-ordni, tinħtieġ sinjal li jidher tal-medjazzjoni attwali ta' Kristu. Fl-ekonomija sagramentali ta' l-inkarnazzjoni, dan is-sinjal jeżisti: jeżisti, bid-dispożizzjoni ta' Kristu stess, fil-persuna ta' dawk li hu, ir-Ragħaj tagħna, iqiegħed fil-komunità bħala ragħajja f'ismu. Bit-tqegħid ta' l-idejn u d-don ta' l-Ispirtu li jirċievu fl-Ordni Sagri, dawn isiru ministri ta' Kristu Medjatur – mhxu medjaturi – biex Kristu, li ma narawhx, jaġixxi personalment fil-ministeru tagħhom, li narawh.

Bil-ministeru taċ-ċelebrant, għalhekk, Ġesù jkompli jagħmel illum dak li għamel darba fiċ-ċenaklu. Kif hu laqqa' d-dixxipli madwaru għall-Aħħar Ċena u tahom Ġismu u Demmu, hekk Ġesù għadu jagħmel magħna. Fl-Ikla tal-Mulej Ġesù huwa l-"host", u aħna l-"guests". Il-presenza ta' Ġesù li jippresiedi, li jikkonsagra, u li jitmagħna l-Ħobż ħaj li niżel mis-sema, hija sagramentalizzata fiċ-ċelebrant. Iċ-ċelebrant leġittimu jaġixxi *in persona Christi*: huwa ministru li fih u bih jaġixxi Kristu nnifsu. Għalhekk l-Ikla tal-Mulej hi eminentement **att ta' Kristu** fl-Ispirtu s-Santu.

Fl-istess ħin però ċ-ċelebrazzjoni tal-Memorjal hi wkoll **att tal-Knisja**: *actus Christi et Ecclesiæ* (Pawlu VI, Enċ. *Mysterium Fidei.* Cfr. Vat. II, *Presbyterorum Ordinis 2,5)*. Il-kliem, "Agħmlu dan," infatti, Ġesù qalu lill-appostli, u għalhekk lill-Knisja. Il-Knisja, mela, taġixxi wkoll; taġixxi mqar bil-fatt stess li tobdi l-Kmand ta' Ġesù u tiċċelebra l-Memorjal tiegħu. Anzi l-istess ċelebrant, hu u jagixxi *in persona Christi,* jirrappreżenta **wkoll** il-Knisja, li tagħmel dak li ried Ġesù. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-memorjal, għalhekk, flimkien ma' l-att ta' Kristu hemm ukoll *l-opus operantis Ecclesiae*.

Billi l-Ikla tal-Mulej hija fuq kollox *anamnesis*, jew tifkira, tas-sagrifiċċju ta' Kristu, **l-istess ċelebrazzjoni** tal-Memorjal **hija sagramentali**, u titlob min-naħa tal-Knisja attitudni sagrifikali. Anzi, għandna ngħidu li **hi sagrifiċċju**. Il-presbiteri, jgħid il-Konċilju Vatikan II, "biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa joffru b'mod sagramentali s-sagrifiċċju ta' Kristu" (PO 5). B'idejn iċ-ċelebrant awtorizzat il-Knisja tagħmel *"oblatio oblationis Christi"* ("offerta ta' l-offerta ta' Kristu"). L-offerta sagrifikali ssir **f'isem il-Knisja**. Imma, waqt li ċ-ċelebrant biss, fil-konsagrazzjoni, jaġixxi f'isem Kristu, l-komunità tissieħeb miegħu fl-offerta tal-Vittma, u tingħaqad magħha. Il-Konċilju Vati-

kan Il jgħid: "Dawk kollha li huma membri ta' dan il-poplu, mqaddsin mill-Ispirtu s-Santu, joffru lilhom infushom bħala 'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla'. Dan is-sagrifiċċju spiritwali tal-fidili mbagħad isir perfett għax permezz tal-ministeru tal-presbiteri jingħaqad ħaġa waħda mas-sagrifiċċju ta' Kristu, il-medjatur waħdieni; minn idejn il-presbiteri, f'isem il-Knisja kollha, ikun offert sagramentalment u bla tixrid ta' demm fil-misteru ta' l-Ewkaristija sa ma jiġi l-Mulej innifsu" (PO 2). Billi aħna lkoll midinbin, l-offerta tal-Knisja hija wkoll **sagrifiċċju ta' riparazzjoni**, u dan is-sagrifiċċju huwa fl-istess ħin **supplika** sew għall-ħajjin u sew għall-mejtin.

Is-sagrifiċċju tal-Knisja ma jżid xejn mal-valur sovrabbondanti tas-sagrifiċċju ta' Kristu, li miegħu jintrabat. Iżid biss xi ħaġa bħal dik li kellu f'moħħu San Pawl meta qal: "Jien intemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu..." (Kol 1,24). Ir-raġuni fondamentali ta' dan hija l-fatt li l-Vittma li toffri l-Knisja m'hijiex tagħha jekk mhux għaliex, fil-kobor ta' mħabbtu, jagħtihielha l-Missier. Jekk fil-Memorjal tal-Mulej il-Knisja tiftakar fi Kristu, dan hu possibbli biss għax "qabel" (biex nitkellmu ta' bnedmin) il-Missier "jiftakar" fiha. Dak li tagħmel il-Knisja ma jkunx il-Memorjal ta' Kristu, u l-knisja ma jkollhiex x'toffri lill-Missier, jekk ma jkunx il-**Missier stess li jipprovdi l-Vittma**. U jekk dan isir, ir-raġuni hi li, fi Kristu, Alla qaleb ta' taħt fuq l-ordni tal-Kult. Qabel kien ikun il-bniedem – sew Lhudi sew pagan – li jfittex xi ħaġa x'joffri b'sagrifiċċju lil Alla. Imma l-bniedem ma seta' joffri xejn li jogħġob tassew lil Alla u li jista' jasal sa għandu. Għalhekk il-Missier tana lil Ibnu li bih jitgħaxxaq, u għadu jagħtihulna sagramentalment fil-misteru tal-Għid tiegħu f'kull Quddiesa biex ikollna x'noffrulu.

Fl-Ikla tal-Mulej, għalhekk, **il-Knisja** primarjament **tirċievi d-don t'Alla**. Hija d-destinatarja tal-grazzja. U l-"barka" li permezz ta' Ibnu jagħti l-Missier hija l-ġid tal-Patt definittiv li jwassal għas-salvazzjoni.

Quddiem il-kobor ta' l-imħabba t'Alla **l-Knisja fil-fidi tilqa' d-don tal-grazzja t'Alla.** Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Memorjal tal-Mulej, l-attitudni fondamentali tal-Knisja, għalhekk, hija **attitudni ta' akkoljenza** fil-ferħ, imsieħba mat-tifħir u r-radd il-hajr,. **Il-Memorjal, in kwantu att tal-Knisja, hu primarjament Ewkaristija,** jiġifieri **sagrifiċċju ta' radd il-ħajr.** Għalhekk minn kmieni ħafna l-Ikla tal-Mulej bdiet tissejjaħ Ewkaristija. Għalhekk ukoll it-tifħir u r-radd il-ħajr, mill-"Prefazju" 'l quddiem huwa tema kostanti tal-liturġija ewkaristika. Kif naqraw fl-Istruzzjoni *Eucharisticum Mysterium:* "Il-Knisja, speċjalment fit-Talba Ewkaristika l-kbira, flimkien ma' Kristu trodd ħajr lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu għall-ġid li hu jagħti lill-bnedmin fil-ħolqien, u speċjalment fil-Misteru tal-Għid, u titolbu biex tiġi saltnatu" (*Euch. Myst.* 1967, 3c). Fir-**rit Latin** kull Talba Ewkaristika tintemm b'mod solenni bil-kliem: "Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, kull ġieh u glorja, għal dejjem ta' dejjem. Amen."

Il-liturġiji ta' **rit Grieg** iqisu l-liturġija tagħna fuq l-art bħala rifless, imitazzjoni jew replika tal-liturġija tal-ġenna. Għandna ħjiel tal-liturġija tal-ġenna fid-dehriet profetiċi ta' l-Apokalissi.

Hemmhekk il-qaddisin ikantaw u jgħidu:

*"Jistħoqqlok, Mulej Alla tagħna, li tirċievi l-glorja u l-ġieħ u s-setgħa,*
*għax int ħlaqt il-ħlejjaq kollha*
*u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek" (4,11).*
*"Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna*
*li qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf." (7,10).*
*"Jistħoqqlu l-Ħaruf li kien maqtul*
*li jirċievi l-qawwa u l-għana u l-gherf u s-saħħa*
*u l-ġieħ u t-tifħir" (5,12).*
*"Lil Dak li qiegħed fuq it-tron u lill-Ħaruf*
*jingħata t-tifħir u l-ġieħ u l-glorja u l-ħakma*
*għal dejjem ta' dejjem" (6,13).*

Ewlenija fost dawk li jkantaw hekk hija Omm il-Ħaruf, li qabilhom ilkoll, u aktar minnhom, ġarrbet is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. Mimlija bl-Ispirtu s-Santu, hi sebbħet lill-Mulej u radditlu ħajr, u qalet:

*"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej*
*u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi...*
*Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar. Qaddis hu Ismu.*
*Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien*
*fuq dawk li jibżgħu minnu" (Lq 1, 46.49).*

Bħalma fit-Tħabbira tal-Mulej il-Verġni Marija bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu laqgħet fi ħdanha l-Iben t'Alla magħmul bniedem, hekk Ommna l-Knisja mqaddsa, bil-qawwa ta' l-istess Spirtu li jqaddes l-offerti tagħna, tilqa' bħala don il-*corpus natum de Maria Virgine* (il-ġisem li twieled minn Marija Verġni).

U kif, meta żaret lil Eliżabetta, Marija, mimlija bl-Ispirtu s-Santu, faħħret lil Alla u radditlu ħajr għall-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, hekk ukoll il-Knisja, fl-ambitu ta' l-Ispirtu li jqaddisha, tfaħħar u trodd ħajr lil Alla għall-misteru tal-Għid ta' Kristu preżenti fil-Memorjal sagramentali tal-altar.

Il-Knisja ma tieqaf qatt toffri dan is-sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr. Minn nisel għal nisel l-Ewkarisitja hija l-*Magnificat* permanenti tal-Knisja, hi u tistenna l-Mulej sa ma jiġi.

**Rev. Mons. Carmelo Cassar**

## L-1 Ħadd ta' l-Avvent
# IL-MIĠJA TAL-MULEJ FOSTNA

**It-tliet miġjiet tal-Mulej**

Fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent il-Knisja tħabbrilna l-miġja tal-Mulej fostna u tistedinna nħejju ruħna għaliha. Dwar liema miġja tal-Mulej qed tkellimna l-Knisja f'dan l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent? Ġesù ġie fostna bħala bniedem għall-ewwel darba f'Betlem dsatax-il mitt sena ilu, ġie fqir u umli u twieled f'għar għax San Ġużepp u ommu Marija ma sabux post fil-lukanda. Għad jerġa' jiġi fl-aħħar tad-dinja b'setgħa u glorja kbira biex jagħmel ħaqq mid-dinja u jagħti l-premju tal-ħajja ta' dejjem lit-tajbin u jibgħat fin-nar ta' l-infern il-ħziena.

Xbieha ta' din it-tieni miġja tal-Mulej fl-aħħar tad-dinja, il-Knisja taraha fit-tifkira li tagħmel kull sena ta' l-ewwel miġja tal-Mulej fil-ġranet tal-Milied, tifkira li m'hijiex tifkira u xejn aktar, għax waqt li tfakkar din l-ewwel miġja ta' Ġesù, il-Knisja ġġiegħlna ngħixuha magħha f'misteru.

**It-tħejjija tagħna għalihom**

It-tħabbira tat-tieni miġja ta' Kristu b'setgħa u glorja kbira l-Knisja tagħtihielna bi kliem Kristu stess fl-Evanġelju ta' llum, u ttenni dak li qaltilna l-Ħadd li għadda, l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika, hija u tistedinna biex inkunu dejjem imħejjija għaliha. Din it-tħejjija ma għandha tieqaf qatt tul ħajjitna kollha, iżda jiġu mumenti fil-ħajja ta' kull sena, li fihom l-istedina tal-Knisja tkun aktar ħerqana. Wieħed minn dawn il-mumenti hu żmien l-Avvent, iż-żmien li fih il-Knisja tħejjijna għall-festi sbieħ tal-Milied.

Kliem il-profeta Ġeremija huwa tħabbira tal-ġid li kellha tikseb id-dinja bil-miġja tal-Feddej: Ġeremija kien qiegħed iħabbar it-tmiem taż-żmien ta' l-eżilju f'Babel, kien qed iħabbar li s-saltna ta' David se tqum mill-gdid, u Israel u Ġuda jkollhom sultan min-nisel ta' David, li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż, mhux kif ġabu ruħhom is-slaten ta' qabel l-eżilju. Imma kliem Ġeremija għandu tifsir aktar għoli: fi kliemu l-Knisja tara tħabbira tas-saltna ta' Kristu, saltna ta' verità u ta' ġustizzja, ta' qdusija, imħabba u sliem. Din is-saltna ma narawhiex fil-milja kollha tagħha f'din id-dinja li għadha tinsab taħt il-jasar tat-taħsir tad-dnub; il-milja tagħha din is-saltna tiksibha meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja, u jkun hemm art ġdida u smewwiet ġodda.

U għal din is-saltna li rridu nħejju ruħna tul ħajjitna kollha, bl-istess mod kif se nħejju ruħna għall-festi tal-Milied li ġejjin. Kif se nħejju ruħna? Igħidulna Ġesù stess fl-Evanġelju; igħidulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum. Nisimgħuhom. "Oqogħdu għassa tagħkom infuskom," igħidilna Ġesù, "tħallux qlubkom jitqalulkom b'ikel u xorb żejjed, jew b'sokor, jew b'ħafna tħassib għall-ħtiġijiet tal-ħajja". Hi twissija li tgħodd ħafna għalina fil-ġranet tal-Milied li biex nuru l-ferħ tagħna kemm-il darba ningħataw għal xalar u nfiq addoċċ, u l-Milied flok festa nisranija kollha ferħ fil-Mulej, nagħmluha festa pagana: għandna nkunu ferħanin fil-ġranet tal-Milied, imma nżommu l-qjies f'kollox, u niftakru wkoll f'dawk li huma

inqas ixxurtjati minna, u minħabba l-faqar tagħhom ma jistgħux igawdu l-ferħ tal-Milied. Hu dmir tagħna li nuru mħabbitna għal dawn ħutna: u għal dan iħeġġiġna San Pawl: "Jalla l-Mulej ikattar u jfawwar fikom l-imħabba tagħkom għal xulxin u lejn kulħadd, biex hekk ikollkom qdusija bla għajb quddiem Alla u Missierna." Jalla aħna lkoll kemm aħna qegħdin inġibu ruħna b'dan il-mod; iżda, jkompli jgħidilna San Pawl, dan ma għandux ikun biżżejjed għalina: tkun ħaġa sabiħa jekk nagħmlu xi ħaġa iżjed biex żgur naraw fuqna t-tjieba tal-Mulej u niksbu s-salvazzjoni tiegħu meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja.

### It-2 Ħadd ta' l-Avvent

## FERĦ FIL-MULEJ

**Il-ferħ imħabbar mill-profeti**

Illum il-Knisja trid tfakkarna fil-ferħ li ġarrbet id-dinja bl-ewwel miġja ta' Ġesù fostna, ferħ imħabbar minn San Ġwann Battista bil-priedki tiegħu f'xatt ix-xmara Ġordan.

L-Evanġelju, fil-ħidma ta' San Ġwann Battista f'xatt ix-xmara Ġordan, ra jseħħ tassew kull ma ħabbar il-profeta Isaija fi żmien l-eżilju tal-poplu f'Babel. Imnebbaħ minn Alla, Isaija għaraf li kien wasal it-tmiem ta' l-eżilju, u sinjal ta' dan għalih kienet it-triq li s-slaten ta' Babel kienu qed jibnu biex minn Babel twassal sal-baħar il-kbir, il-Mediterran. "Alla ordna li jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet ta' dejjem", ħabbar il-profeta, "Alla ordna li jimtlew il-widien u titwitta l-art, ħalli Iżrael jimxi bla xkiel taħt is-sebħ ta' Alla." Il-poplu li kellu jitlaq minn pajjiżu mkaxkar fl-eżilju mill-egħdewwa tiegħu, issa rieġa' lura kollu ġieħ biex jibni mill-ġdid il-belt qaddisa ta' Ġerusalemm, u Alla se juri ġmielu lill-ħlejjaq kollha taħt is-sema.

**Is-sejħa ta' San Ġwann**

Kliem il-profeta għandu tifsir aktar għoli, tifsir li narawh fi kliem San Ġwann Battista lin-nies li kienu jmorru jisimgħuh: huwa u jxandar l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet fl-inħawi ta' madwar il-Ġordan. Bi kliem il-profeta Isaija, lin-nies kien igħidilhom: "Ħejju triq il-Mulej, wittu l-mogħdijiet tiegħu; kull wied jimtela, kull muntanja u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet imgħawwġa jsiru dritti u t-triqat imħarbta jitwittew." San Ġwann qed jistieden in-nies biex iħejju ruħhom għall-miġja tal-Messija billi jindmu minn dnubiethom; qed jistedinhom biex isaffu qlubhom minn kull tniġġis tad-dnub ħalli jkunu jistgħu jilqgħu l-Mulej b'qalb safja u bla qerq; jistedinhom iwarrbu minnhom is-suppervja u l-kburija tal-ħajja u jfittxu li jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet kollha tagħhom b'għadd ta' egħmejjel ta' tjieba u ta' ħniena; jistedinhom jimxu ma' kulħadd skond id-dritt u s-sewwa mingħajr tagħwiġ ta' kliem; jistedinhom ibiddlu l-ħajja mħarbta tagħhom u jkunu sinċieri u bla qerq fl-imġiba kollha tagħhom.

**L-Istedina tal-Knisja**

L-istedina ta' San Ġwann Battista lin-nies ta' żmienu l-Knisja qiegħda tagħmilha lilna biex inħejju ruħna għall-miġja ta' Ġesù fil-ġranet tal-Milied; iżda kif għidna l-Ħadd li għadda, din it-tħejjija ma tridx tieqaf malli jgħaddu l-festi tal-Milied, imma trid tkompli sejra tul ħajjitna kollha. Din it-tħejjija aħna bdejnieha bil-Magħmudija tagħna, meta ċħadna d-dnub u l-qerq tal-ħażen u għażilna li ngħixu li nkunu qaddisin u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba. Din it-tħejjija bdejnieha bi grazzja ta' Alla: kien Alla stess li beda fina din l-opra tajba, kif qal San Pawl lill-Filippin, u kif qiegħed igħid lilna llum, fit-tieni qari tal-Quddiesa; Alla beda din l-opra tajba fina, u jkun hu li jwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-Jum ta' Kristu Ġesù.

F'din it-tħejjija tagħna Alla hu dejjem magħna biex l-imħabba tagħna għal Alla u għal ħutna tikber dejjem aktar fina bil-gherf u b'kull dehen, ħa nkunu dejjem safja u bla ħtija quddiem Alla, mimlijin b'kull frott tal-ġustizzja u tal-verità. Jalla nwieġbu dejjem għas-sejħat li jagħmlilna Alla u għall-grazzji li jagħtina biex dejjem aktar nikbru fl-imħabba tiegħu u ningħaqdu dejjem aktar ma' Kristu, ħalli meta jerġa jiġi b'setgħa u glorja kbira isibna mħejjija ħa nilqgħuh bl-imsiebaħ ta' l-egħmejjel tajba mixgħulin f'idejna, ħa jdaħħalna miegħu għall-festa tat-tieġ ta' dejjem.

## It-3 Ħadd ta' l-Avvent

## NIFIRĦU FIL-MULEJ

**Nifirħu fil-Mulej**

Il-Knisja llum bi kliem San Pawl lill-Filippin, qed tistedinna biex nifirħu fil-Mulej għaliex hu fil-qrib: qorob sewwa ż-żmien li fih il-Mulej se jerġa' jiġi fostna, f'misteru, fil-ġranet tal-Milied, biex jeħlisna mid-deni u t-tiġrib kollu li ġibna fuqna bi dnubietna.

"Għajtu bil-ferħ ta' qalbkom u nfexxu fil-hena," tgħidilna l-Knisja bi kliem il-profeta Isaija, għaliex il-Mulej, bil-mewt fuq is-salib ta' Ibnu magħmul bniedem għas-salvazzjoni tagħna, neħħa minn fuqna is-sentenza ta' kundanna li kien hemm kontrina; u issa l-Iben ta' Alla, minn hawn u ftit ġranet oħra, reġa' ġej fostna, biex iwettaq il-wegħda li hu għamel mal-Knisja tiegħu qabel reġa' lura għand il-Missier li se jkun dejjem magħna sa l-aħħar taż-żminijiet. Nifirħu għalhekk u ngħajtu bil-ferħ għax f'nofsna jinsab il-Qaddis ta' Israel biex jagħtina nixorbu l-ilma tal-ħajja mill-egħjjun tiegħu ta' salvazzjoni, jiġifieri l-grazzji kollha li neħtieġu għall-ħajja tagħna f'din id-dinja biex naslu żgur fis-sema pajjiżna, grazzji li jaslulna mis-Sagramenti mqaddsa u l-aktar mill-Ewkaristija u mis-Sagrament tar-rikonċiljazzjoni u l-penitenza.

Għalhekk il-Knisja llum tgħidilna, bi kliem San Pawl, biex ma noqogħdux ninkwetaw, u nħabblu rasna minħabba l-inkwiet u l-hemm tad-dinja, imma

nitolbu u nuru lil Alla dak li nixtiequ, dak li neħtieġu. Iżda jekk irridu li Alla jismagħna, li Alla jagħtina dak li neħtieġu, irridu nżommu qalbna u moħħna sħaħ fi Kristu Ġesù. Kif se nagħmlu dan? Tgħidilna l-Knisja bi kliem San Ġwann Battista fl-Evanġelju ta' llum.

**Inżommu qalbna sħiħa fi Kristu**

Meta San Ġwann kien qiegħed ixandar l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet f'xatt ix-xmara Ġordan, kienu jmorru jisimgħuh kull sura ta' nies jistaqsuh x'għandhom jagħmlu, u San Ġwann kellu tweġiba għal kull wieħed skond il-ħajja li kien qiegħed igħix, skond il-qagħda tiegħu fis-soċjetà. U dak li San Ġwann kien igħid lin-nies ta' żmienu, jgħodd għal żmienna wkoll.

**Lill-għonja** San Ġwann kien igħidilhom: "Aqsmu ġidkom ma' min ma għandu xejn: intom li għandkom ikel bix-xaba' aħsbu ftit f'dawk li ma għandhomx x'jieklu". Hi l-istess stedina li qiegħda tagħmel, u ilha tagħmel, il-Knisja llum, hija u tfakkar li l-ġid kollu li hawn fid-dinja Alla ħalqu għal kulħadd, biex kulħadd igawdi minnu. Il-ġid ta' l-art Alla fdah f'idejn il-bnedmin biex iħaddmuh u jkabbruh ħalli kulħadd igawdi minnu. Jekk ħafna m'humiex igawdu minn dan il-ġid tad-dinja u qed ibatu l-ġuħ u qegħdin igħixu ħajja ta' miżerja kbira li ma tixraqx lill-bniedem, dan ġej mir-regħba u l-egoiżmu ta' nies li moħħhom biss biex jistagħnew u ma jimpurtahom xejn minn ħuthom il-bnedmin l-oħra. Din hi ngħustizzja li llum, kif qalilna l-Papa fl-aħħar enċiklika tiegħu, ħadet dimensjoni internazzjonali, għaliex illum il-problema hi ta' pajjiżi sinjuri li dejjem qed jistagħnew aktar u ta' pajjiżi fqar li qed jiftaqru dejjem aktar bla ebda tama ta' żminijiet aħjar għax mgħobbijin bi djun kbar li qatt ma jistgħu jħallsu.

**Lill-pubblikani** San Ġwann qalilhom: "Tissikkaw lil ħadd; tieħdux iżjed milli jkollkom tieħdu." Il-pubblikani kienu nies jiġbru t-taxxi għall-gvern; kienu jiġbru aktar milli jmisshom ħa jżommuh għalihom: fi kliem ieħor kienu jisirqu l-proxxmu, kienu jonqsu minn dmirhom. It-twissija lill-pubblikani tgħodd għal żminijietna wkoll: kemm nies jonqsu llum milli jaqdu dmirijiethom sewwa fis-soċjetà li fiha jgħixu! Kemm nies jagħmlu ħsara f'dak li mhux tagħhom, imma ta' kulħadd – fl-ambjent, fit-toroq, fl-ixtajtiet tagħna! Kemm nies iqarrqu bil-bnedmin ħuthom, iżommu għandhom dak li mhux tagħhom, ma jieħdux ħsieb sewwa dak li jiġi misluf lilhom! Forsi dan isir fi ħwejjeġ żgħar, imma hu x'inhu, hu dejjem nuqqas.

**Lis-suldati** San Ġwann kien igħidilhom "Tisirqu 'l ħadd b'theddid u rapporti foloz; ikkuntentaw bil-paga li għandkom".

Bħas-suldati ta' żmien San Ġwann, fid-dinja ta' llum hemm ħafna nies li jużaw kull sura ta' vjolenza ħa tgħaddi tagħhom, u għalhekk joħolqu l-inkwiet, it-tilwim, il-ġlied, l-għira u l-mibegħda u minħabba fihom ma hemmx sliem u paċi fis-soċjetà.

Lill-għonja, lill-pubblikani u lil dawk li qed iġibu ruħhom bħas-suldati ta' żmien San Ġwann u lilna lkoll, il-Knisja, f'dawn il-ġranet, bi kliem San Ġwann, qed tistedinhom ibiddlu ħajjithom, ibegħdu minn qalbhom il-ħażen kollu tagħhom, biex iħejju ruħhom ħalli jilqgħu l-Mulej meta jiġi u jġarrbu l-ferħ veru tal-miġja tiegħu fostna fil-ġranet tal-Milied. Jalla nagħtu widen għall-kliem tal-Knisja!

## HIENJA DIK LI EMMNET

### Il-kobor tal-Verġni Marija

"Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej". B'dan il-kliem Eliżabetta faħħret lill-qariba tagħha, il-Verġni Marija, meta din marret iżżurha ħa tieqaf magħha tul iż-żmien kollu li fih kienet qed tistenna t-twelid ta' San Ġwann Battista. Eliżabetta, imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, xandret il-kobor tal-Verġni Marija u wriet lid-dinja għaliex il-Verġni Marija hija tassew l-imbierka fost in-nisa. Hi l-Omm ta' Alla, magħżulha mill-Missier minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex tkun Omm Ibnu magħmul bniedem għalina għas-salvazzjoni tagħna; għaliex ġiet ippredestinata biex tkun Omm Alla, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha f'din id-dinja ġiet meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub għall-merti ta' Binha Ġesù, magħrufin minn qabel; għaliex kienet ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub l-Anġlu, meta tħabbrilha li kellha tkun Omma Alla, sellmilha u qalilha "mimlija bil-grazzja"; għax mimlija bil-grazzja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, ma kienx jixraq li ġisimha jara t-taħsir tal-qabar, u għalhekk it-tluq tagħha minn din id-dinja kien raqda ħelwa fil-Mulej, u ġiet imtella' fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

### Il-fidi tal-Verġni Marija

Iżda mhux dan biss riedet tfisser Eliżabetta meta sellmet lil Marija u qaltilha: "Hienja dik li emmnet kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej" Eliżabetta riedet tfisser dak li Santu Wistin imbagħad fil-kitba tiegħu fisser b'mod l-aktar ċar: Jekk il-Verġni Marija kienet kbira għaliex nisslet fil-ġuf safi tagħha l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, wisq aktar kbira hi għaliex, qabel nisslitu fil-ġuf, kienet nislitu f'qalbha fil-fidi tagħha, dik il-fidi li quddiem il-kobor tal-misteru li ħabbrilha l-Anġlu u ċ-ċokon tagħha wasslitha biex twieġeb lill-Anġlu u tgħidlu: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek"; dik il-fidi li wasslitha ġġarrab bis-sabar il-vjaġġ iebes lejn Betlehem fejn twieled Binha ġewwa għar ghax ma sabux post fil-lukanda; dik il-fidi li wettqitha fil-ħarba lejn l-Eġittu, fit-telfien ta' Binha fit-tempju meta kellu tnax-il sena, u, b'mod speċjali, ħdejn is-salib li fuqu Binha kien qed joffri s-sagrifiċċju għall-fidwa tad-dinja. Il-fidi tal-Verġni Marija hi ta' eżempju għalina lkoll; bil-fidi tagħha Marija, mixja quddiemna, turina t-triq li twassalna għall-hena ta' dejjem; fuq l-eżempju tagħha ta' mara ta' fidi kbira, aħna nimxu fit-triq li għandna quddiemna, imqawwijin bil-ħarsien tagħha.

### Rabta mar-rieda ta' Alla

Il-fidi ta' Marija tidher fir-rabta sħiħa tagħha mar-rieda ta' Alla: minkejja t-tiġrib kollu li minnu għaddiet, għamlet dejjem ir-rieda ta' Alla għax emmnet. U jekk aħna tassew inħobbu lill-Madonna bħalha għandna nfittxu li nagħmlu dejjem ir-rieda ta' Alla jkunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi, sbieħ u koroħ, tal-ħajja tagħna f'din id-dinja. Għal dan iħajjarna wkoll il-kittieb ta' l-ittra lill-Lhud li jurina l-Iben ta' Alla fis-sema lest biex jagħmel ir-rieda tal-Missier għas-salvazzjoni tad-dinja. Il-kittieb

ta' l-Ittra lill-Lhud igħidilna li lil Alla ma kinux jogħġbuh aktar s-sagrifiċċji li kienu joffrulu l-qassisin tal-Lhud fit-tempju tiegħu: "vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx" – ma kienu jiswew xejn biex jeħilsu l-bniedem mill-jasar tad-dnub u l-mewt. Għalhekk l-Iben ta' Alla, igħidilna l-kittieb ta' l-ittra, laqa' l-ġisem li l-Missier ħejjielu, u offra ruħu biex bħala bniedem imut għalina, għax din kienet ir-rieda tal-Missier: "Hawn jien ġej, biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla". Bis-saħħa ta' din ir-rieda ta' l-Iben ta' Alla ġejna mqaddsin, bl-offerta magħmula darba għal dejjem fuq is-salib ġejna salvati.

Bis-sagrifiċċju tieghu Kristu kiseb għalih saltna fid-dinja, imma saltna mhux bħas-saltniet ta' l-art; saltna fi qlub il-bniedem, saltna ta' qdusija, ġustizzja u sliem; saltna li fiha jidħlu biss iċ-ċkejknin tal-Mulej, dawk li Alla jħares lejn iċ-ċokon tagħhom u magħhom jagħmel hwejjeġ kbar; għaliex Alla jagħżel iċ-ċkejknin u l-imwarrbin tad-dinja biex iħawwad u jġib fix-xejn l-imkabbrin u s-setgħanin ta' l-art. Kif Alla għażel il-belt ċkejkna ta' Betlehem ta' Efrata, l-iżgħar fost il-familji ta' Ġuda, biex fiha jitwieled il-Feddej, dak li kellu jsaltan fid-dinja fis-sebħ ta' isem il-Mulej Alla, hekk għażel lill-Verġni Marija, ix-xebba minn Nażaret – tista' tiġi xi ħaġa tajba minn Nażaret? – biex minnha jitwieled bħala bniedem l-Iben ta' Alla; hekk jagħżel lilna wkoll biex fiċ-ċokon tagħna nkunu aħna wkoll xhieda tiegħu fid-dinja.

Iżda, nistaqsu lilna nfusna: Aħna jistħoqqilna nkunu xhieda ta' Alla fid-dinja bil-fidi tagħna, bħal Marija? In-nuqqasijiet tagħna huma kbar, imma l-ħniena ta' Alla hi bla qjies; nitolbuh għalhekk lill-Mulej u ngħidulu: Reġġagħna għal li konna, Mulej Alla tagħna; agħtina l-qdusija li ksibna fil-magħmudija tagħna; ejja fostna ħa ssalvana u nkunu xhieda ta' mħabbtek għad-dinja.

**25 ta' Diċembru**

# IL-MISTERU TAL-MILIED

**It-tliet Quddisiet tal-Milied**

Bi privileġġ speċjali llum kull saċerdot jista' jqaddes tliet quddisiet, basta jqaddishom fil-ħin tagħhom: f'nofs il-lejl biex mal-Knisja jiċċelebra t-twelid ta' Ġesù fil-ġisem bħala bniedem u jrodd ħajr lil Alla għax "tweldilna tifel u ngħatalna iben", li hu "Alla setgħan u prinċep tas-sliem"; mas-sebħ biex mal-Knisja jiċċelebra l-ewwel manifestazzjoni ta' Ġesù lid-dinja, meta wera ruħu lir-ragħajja li kienu jirgħu l-merħliet tagħhom fl-għoljiet ta' Betlehem fil-lejl tal-Milied; tul il-jum tal-Milied biex jiċċelebra mal-Knisja l-misteru tat-tnissil ta' Ġesù bħala Iben Alla, Alla veru minn Alla veru, imnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier.

Il-misteru tat-tnissil ta' Ġesù qabel kull żmien, mill-eternità, il-Knisja tħabbarulna bi kliem San Ġwann fil-bidu tal-Evanġelju tiegħu: "Fil-bidu kien il-Verb, il-Verb kien għand Alla, u l-Verb kien Alla. Kollox sar bih u mingħajru ma sar xejn. Hu kien il-ħajja ta' dak kollu li sar u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin."

Il-Verb hu l-Iben ta' Alla, u l-ewwel kliem ta' San Ġwann igħidilna li l-Verb kien Alla għax, kif nistqarru fil-Kredu, hu mnissel mill-Missier qabel kull żmien, Alla veru minn Alla veru: bih sar kollox u bih kollox qiegħed iżomm għaliex hu l-ħajja ta' dak kollu li sar, tal-ħolqien kollu. Dan igħidulna wkoll il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud meta jikteb li "hu, l-Iben, hu d-dija tas-sebħ ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu, li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu."

### It-tnissil ta' Ġesù fiż-żmien

San Ġwann imbagħad, fil-bidu tal-Evanġelju tiegħu, ikompli jgħidilna li meta waslet il-milja taż-żminijiet il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna, jiġifieri sar bniedem bħalna fil-ġuf safi tal-Verġni Marija u twieled fostna u għex bħalna. Bit-twelid ta' Ġesù fostna dehret il-grazzja ta' Alla li tagħti s-salvazzjoni lill-bnedmin kollha; rajna s-sebħ tal-kbir Alla u salvatur tagħna Ġesù Kristu, li ta lilu nifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jagħmilna għalih il-poplu kollu ħeġġa għall-egħmil tajjeb.

Tul iż-żmien kollu li dam fostna, fid-dinja, rajna s-sebħ ta' Alla, is-sebħ ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla, mimli grazzja u verità, għaliex lilna lkoll li ma ħallejniex is-suppervja tagħna tagħmina, Ġesù wriena l-misteru tal-imħabba li hu xandar u wettaq b'sinjal ta' l-għaġeb: uriena li kien veru Alla bil-mirakli li għamel, u wriena wkoll li kien veru bniedem bit-tbatijiet u n-niket li hu ġarrab minħabba fina.

Bil-miġja ta' l-Iben ta' Alla fid-dinja, ikompli jgħidilna San Ġwann, aħna lkoll ħadna mill-milja tiegħu grazzja fuq grazzja, għaliex bil-miġja ta' Ġesù fid-dinja t-truf kollha ta' l-art raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna u feġġet fuqna t-tjieba ta' Alla s-salvatur tagħna u l-imħabba tiegħu għalina l-bnedmin u dehritilna l-grazzja ta' Alla li tagħti s-salvazzjoni lill-bnedmin kollha. B'hekk tnaddafna minn dnubietna u tgħallimna niċħdu l-ħażen u l-ħajriet tad-dinja ħa ngħixu ħajja rżina, fit-tjieba u l-ġustizzja tul ħajjitna kollha. Dan nistgħu nagħmluh għax Ġesù tana twelid ġdid u tiġdid fl-Ispritu s-Santu li fil-Magħmudija tagħna sawwab fina l-imħabba ta' Alla meta ġie mogħti lilna.

### It-tweġiba tagħna

X'se nwieġbu għal din il-grazzja fuq grazzja li rċevejna bil-miġja ta' Ġesù fostna? Kif se nuru l-ferħ tagħna, ferħ fil-Mulej, f'dawn il-ġranet li fostna u fina qed iseħħu l-egħġubijiet li seħħu fil-lejl ta' l-ewwel Milied? Ningħaqdu mar-rgħajja u mmorru nqimu lil Ġesù, imwieled tarbija u nitolbu 'l Marija Ommu turina dan il-frott imbierek tal-ġuf tagħha. Mixħutin għarkobbtejna quddiem Ġesù nroddulu ħajr għall-ġieħ kbir li għoġbu jagħti lin-natura tagħna l-bnedmin, meta għaqqadha man-natura tiegħu ta' Alla; inroddulu ħajr għax bl-inkarnazzjoni tiegħu tqaddes il-ħolqien kollu u s-setgħat tad-dlamijiet u tal-ħażen ma għandhomx aktar setgħa fuqu, għax Ġesù ġab fix-xejn is-setgħat kollha tal-ħażen bil-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet: demmu kien il-ħlas tal-fidwa tagħna biex stajna ngħaddu mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tal-għaġeb ta' Alla; nżommu għalhekk ruħna 'l bogħod minn kull ħażen biex nibqgħu dejjem membri ħajjin tal-Ġisem ta' Kristu, li hi l-Knisja u li tagħha Kristu hu r-ras.

## L-Ewwel tas-Sena

# SLIEM U PAĊI FID-DINJA TAĦT IL-ĦARSIEN TA' OMM ALLA

### L-Omm ta' Alla

Tmint ijiem wara ċ-ċelebrazzjoni tat-twelid mill-ġdid fostna ta' l-Iben ta' Alla, il-Knisja tistedinna biex nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija, bħala Omm Alla, bħala dik li, kif jikteb il-Papa fl-Ittra Apostolika tiegħu, *Mulieris Dignitatem*, seħħet fiha l-ogħla u l-aqwa xewqa tal-bniedem, maħluq xbieha ta' Alla, kollu ħerqan għall-għaqda sħiħa ma' Alla li fih isib it-tmiem tax-xewqat u t-tamiet tiegħu kollha, kif igħid Santu Wistin: "Ħlaqtna għalik, Mulej, u qlubna ma jsibux mistrieħ jekk ma jistrieħux fik." Meta waslet il-milja taż-żminijiet, smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari ta' llum, Alla bagħat lil Ibnu, "imwieled minn mara, imwieled skond il-liġi".

F'dan il-mument laħqet il-qofol tagħha l-ġrajja tas-salvazzjoni tal-bniedem, igħidilna l-Papa: San Pawl, lil Omm Kristu ma jsejħilhiex b'isimha, imma jsejħilha "mara", biex ifakkarna f'dik il-"mara" mħabbra fil-Ġenesi li permezz ta' Binha kellha tisħaq ras is-serp ta' l-infern. Fiha seħħu x-xewqat l-aktar għolja tal-bniedem, dawk ix-xewqat li tagħhom huma xhieda r-reliġjonijiet kollha tad-dinja, għax kollha, kull reliġjon, turi x-xewqa ta' l-għaqda tal-bniedem ma' Alla. F'Marija, bħala Omm Alla, din ix-xewqa seħħet bil-mod l-aktar għoli.

Ix-xbejbiet ta' Israel, igħidilna l-Papa, kollha kellhom ix-xewqa li xi waħda minnhom tkun Omm il-Messija, imma ħadd minnhom qatt ma ħolom li l-Messija kellu jkun "Iben Alla l-Għoli". Dan saret tafu Marija mit-tħabbira ta' l-Anġlu: bil-fiat tagħha Alla sar bniedem, in-natura ta' Alla ingħaqdet man-natura tal-bniedem fil-persuna ta' Kristu, iben Alla minn dejjem ta' dejjem, u Iben Marija fil-mija taż-żminijiet. Fl-inkarazzjoni ta' l-Iben ta' Alla seħħu x-xewqat l-aktar għolja tal-bniedem, ix-xewqat ta' l-għaqda sħiħa ma' Alla; u f'Marija dawn ix-xewqat seħħu b'mod li setgħu iseħħu biss f'mara, permezz ta' mara fl-għaqda ta' l-omm ma' l-iben li tnissel fil-ġuf tagħha. Din hi l-verità li l-Knisja dejjem għallmet u li ġiet definita fil-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431: Marija hija verament Omm Alla, għaliex hi Omm Kristu kollu kemm hu, mhux omm biss ta' ġismu, tan-natura tiegħu bħala bniedem, imma omm il-persuna sħiħa ta' Kristu, veru Alla u veru bniedem.

Dan hu l-misteru li qegħdin inqimu llum egħluq it-tmint ijiem mill-festa tat-twelid ta' Ġesù bħala bniedem, fil-jum li fih l-Iben ta' Alla magħmul bniedem ġie mogħti l-isem ta' Gesù, kif kien ħabbar l-anġlu lil San Ġużepp, isem li kien ifisser il-missjoni tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja.

### Nagħtu bidu għal sena ġdida

Taħt il-ħarsien ta' Omm Alla qegħdin nagħtu bidu llum għal sena ġdida fil-ħajja tad-dinja, sena li fiha l-Knisja tixtiqilna li tkun għalina sena ta' ħniena u ta' sliem, sena li fiha dejjem aktar jitbiegħed mid-dinja dak kollu li jheddidha, biex il-ġnus kollha jithennew bil-ferħ u l-popli kollha jkollhom ħaqq bis-sewwa.

Din m'hijiex ħolma fiergħa ta' bniedem li m'huwiex igħix fid-dinja, imma hi xewqa vera tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, li jafu li l-ferħ li jiġi mis-sliem u l-verità u l-ġustizzja jridu jitħabtu għalih, ħa jingħeleb kull ma qiegħed iġib firdiet fost il-bnedmin, u inġustizzji u diskriminazzjoni ma' ħafna nies.

Fl-appell tiegħu għall-Jum il-Paċi ta' din is-sena, il-Papa jsemmi waħda mill-kawżi ewlenin tan-nuqqas ta' paċi fid-dinja: l-inġustizzji u d-diskriminazzjoni li qegħdin isofru ħafna minoranzi kullimkien fid-dinja. F'kull pajjiż insibu għadd ta' nies li mħabba r-reliġjon, jew ir-razza, jew id-drawwiet tagħhom huma ta' nisel ieħor minn dak tal-kotra l-kbira tan-nies tal-pajjiż; kemm-il darba dawn il-minoranzi f'pajjiż ikunu ta' l-istess razza u bl-istess drawwiet ta' pajjiż fil-qrib, u dan kemm-il darba joħloq suspetti u nkwiet kemm fil-pajjiż fejn jgħixu dawn il-minoranzi u kemm fil-pajjiż l-ieħor fil-qrib. Dawn is-suspetti jwasslu biex dawn il-minoranzi jiġu mċaħħdin minn ħafna drittijiet tagħhom, jiġu mġiegħla jiċħdu d-drawwiet ta' missirijiethom, jinsew ilsienhom u jbiddluh ma' l-ilsien tal-pajjiż fejn igħammru, meta wkoll ma jiġux imbegħdin minn fejn għexu mijiet ta' snin u jittieħdu 'l bogħod f'naħiet oħra tal-pajjiż. Dan kollu jġib inkwiet, suspetti, mibgħeda, ġlied, irvellijiet, f'kelma waħda, nuqqas ta' paċi, minħabba n-nuqqas tal-ġustizzja. L-appell tal-Papa għal din is-sena hu sejħa lill-ġnus kollha tad-dinja biex, jekk iridu tassew ikun hawn paċi fid-dinja, id-drittijiet ta' kull bniedem, hu ta' liema razza u reliġjon hu, għandhom jiġu rispettati skond il-verità u l-ġustizzja.

X'nistgħu nagħmlu aħna biex inwieġbu għall-appell tal-Papa? Nitolbu għall-paċi, għax it-talb kollox; imma wkoll nuru rispett lil kull barrani li hawn fostna, kull barrani li miegħu niltaqgħu, lil ħutna wkoll għalkemm mhux mir-raħal tagħna jew mit-triq tagħna. Hekk biss nistgħu ngawdu l-paċi l-jiem kollha ta' ħajjitna, u nogħġbu 'l Kristu li ġie fid-dinja għas-salvazzjoni mhux ta' ftit magħżulin, imma għas-salvazzjoni ta' kulħadd.

**8 ta' Jannar**

## L-EPIFANIJA TAL-MULEJ

### Il-Knisja ssejjaħ il-ġnus kollha

"Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej". Hekk weġibna għall-kliem il-profeta Isaija li, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, stieden lill-belt ta' Ġerusalemm biex tifraħ għax lejha mexjin il-ġnus kollha ta' l-art.

Ġerusalemm hija l-Knisja ta' Kristu li, bħala sinjal ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha, bħala sinjal jiddi fid-dlamijiet tad-dnub li jiksu d-dinja, issejjaħ lejha l-bnedmin kollha ta' rieda tajba ħa jgħixu ħajja ta' sliem li jkun frott tal-ġustizzja u jagħtu l-qima li tixraq u tistħoqq lil Alla wieħed u veru u lil dak li bagħat, Sidna Ġesù Kristu. Dawn il-bnedmin ta' rieda tajba li jwieġbu għas-sejħa tal-Knisja iġibulha l-għana kollu tal-wirt u l-kulturi tagħhom, biex issaffih, issaħħu u tgħollih fil-ġieh ħa jkun innu ta' tifħir u radd ta' ħajr lil Alla għat-tjieba u l-imħabba tiegħu għalina l-bnedmin.

**Il-misteru kbir**

Fil-Maġi li ġew mil-Lvant biex iwasslu r-rigali tagħhom – id-deheb, l-inċens u l-mirra – lil Ġesù, għandna naraw il-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kull ilsien li laqgħu s-sejħa tal-Mulej u fehmu li huma wkoll kienu msejħin għas-salvazzjoni. Dan hu l-misteru kbir li dwaru jitkellem San Pawl fit-tieni qari ta' llum, il-misteru ta' Kristu, misteru li fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija ma kienx mgħarraf lill-bnedmin, imma ġie rivelat minn Kristu stess, jiġifieri li, mhux biss il-Lhud, imma l-pagani wkoll, il-ġnus kollha ta' l-art huma msejħin biex ikollhom sehem mill-wegħda tas-salvazzjoni li Alla għamel lid-dinja fi Kristu Ġesù permezz ta' l-Evanġelju.

**L-offerta tal-Maġi**

Dan il-misteru ġie rivelat l-ewwel darba lill-Maġi permezz ta' kewkba li dehret fis-sema, u li għalihom kienet tfisser it-twelid ta' sultan kbir; għalhekk telqu bir-rigali f'idejhom biex imorru jqimu lil dan is-sultan il-kbir, u sabuh f'Betlehem, f'sura ta' tarbija, f'ħoġor ommu, inxteħtu quddiemu u offrewlu r-rigali tagħhom, id-deheb biex ifissrulu l-egħmejjel tajba kollha li kull bniedem, hu ta' liema ġens hu, jagħmel imqanqal mill-kuxjenza tajba tiegħu; offrewlu l-inċens bħala sinjal ta' qima li l-bnedmin kollha ta' rieda tajba jagħtu lil Alla li ma jafuhx, għalkemm għandhom xi ħjiel tiegħu fid-dell tal-verità li tinsab f'kull reliġjon; offrewlu l-mirra biex ifissrulu t-tbatijiet u t-tiġrib kollu li minnu jgħaddi l-bniedem fid-dinja, tiġrib li l-bniedem jilqa' bis-sabar kollu għat-tisfija ta' ruħu.

**L-offerti tagħna**

L-offerta li għamlu l-Maġi lil Ġesù dsatax-il mitt sena ilu f'isem il-bnedmin kollha ta' rieda tajba, qegħdin inġedduha aħna llum: bħalhom qed noffru lil Ġesù d-deheb, l-inċens u l-mirra tagħna.

Qed noffrulu l-egħmejjel tajba tagħna, il-ġid li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn, l-eżempji tajba ta' ħajja verament nisranija li nagħtu bl-imġiba tagħna fir-relazzjonijiet li jkollna ma' l-oħrajn. Qed noffrulu l-qima tagħna mhux biss billi nqaddsu l-jum tiegħu bis-sehem li nieħdu fil-Quddiesa u fl-egħmejjel ta' tjieba, u ħniena ma' ħutna fil-bżonn, imma wkoll billi nagħmlu l-familji tagħna knejjes żgħar fejn kuljum jitla' talb u radd il-ħajr lil Alla għaliex hu tajjeb, għax it-tjieba tiegħu hi għal dejjem.

Qed noffrulu wkoll t-tbatija u t-tiġrib kollu tal-ħajja tagħna fid-dinja ta' llum, biex nissieħbu miegħu fit-tbatijiet tiegħu u hekk intemmu f'ġisimna dak li jonqos mill-passjoni tiegħu għall-kobor tal-ġisem tiegħu li hu l-Knisja. Imma dan qed nagħmluh tassew? Qed nagħtu verament eżempju ta' mġiba tassew nisranija kif inġibu ruħna ma' l-oħrajn, kif qed inrabbu 'l uliedna? Djarna huma verament knejjes żgħar fejn kuljum nitolbu flimkien? Qed ngħixu ħajja rżina u nilqgħu bis-sabar it-tiġrib kollu tal-ħajja? Jew qed naħarbu kull ċaħda u kull sagrifiċċju u nfittxu biss li ngħixu ħajja bla rażan? Jalla l-egħmejjel tajba tagħna, il-qima tagħna, is-sabar fit-tbatija ġejjin mis-sinċerità ta' qalbna biex ikunu tassew nogħġbu lil Alla u nġibu fuqna l-barka tiegħu.

**It-tieni Ħadd tas-sena**

# KULL MA JGĦIDILKOM, AGĦMLUH

**Il-manifestazzjonijiet tal-Mulej**

Il-Ħadd li għadda mal-Knisja ċċelebrajna l-ewwel manifestazzjoni tal-Mulej lill-ġnus kollha ta' l-art meta l-Maġi, in-nies għorrief li ġew mil-Lvant, f'isem il-ġnus kollha ta' l-art, offrewlu deheb, inċens u mirra. L-għada, it-Tnejn, mal-Knisja ċċelebrajna manifestazzjoni oħra tal-Mulej lid-dinja, il-magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan minn San Ġwann Battista, meta nfetħu s-smewwiet u l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Ġesù f'sura ta' ħamiema, u leħen il-Missier instema' jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż li fih tgħaxxaqt: isimgħu lilu". Illum qegħdin niċċelebraw mal-Knisja manifestazzjoni oħra tal-Mulej, it-tieġ ta' Kana, meta l-Mulej bidel l-ilma fl-inbid, l-ewwel sinjal li għamel Ġesù biex juri s-sebħ tiegħu, u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

Dawn huma tliet manifestazzjonijiet li l-Knisja tfakkar bis-solennità kollha f'jum wieħed, nhar l-Epifanija tal-Mulej, jum imweġġah mit-tifkira ta' tliet egħmejjel ta' l-għaġeb: illum, tkanta l-Knisja, il-kewkba wasslet lill-Maġi ħdejn il-maxtura; illum l-ilma nbidel fi nbid għall-festa tat-tieġ; illum Kristu għoġbu jitgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan biex isalvana. Hi festa waħda ta' tliet misteri kbar tal-Mulej li l-Knisja, biex tidħol aktar fil-fond tagħhom, timmedita fuqhom f'aktar minn jum wieħed. Il-Ħadd li għadda, kif rajna, il-ħsieb tal-Knisja kien aktar dwar iż-żjara tal-Maġi; l-għada l-Knisja fittxet li tagħti ġieh lill-magħmudija tal-Mulej; illum tridna nimmeditaw fuq l-ewwel sinjal li għamel Ġesù fit-tieġ ta' Kana.

**Kristu u l-Knisja**

Fit-tieġ ta' Kana l-Knisja llum tridna naraw xbieha ta' l-għaqda ta' Kristu ma' l-għarusa tiegħu, il-Knisja. Dan jurihulna l-ewwel qari ta' llum li fih il-profeta Isaija jxebbah l-għaqda ta' Alla mal-poplu tiegħu bħal egħrusija: Alla huwa l-għarus li jitgħaxxaq b'għarustu u jżejjinha b'kull ġmiel ħa tkun sabiħa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Il-Knisja hija aħna, aħna lkoll li ġejna mgħammdin fi Kristu u sirna ġisem wieħed miegħu. Kif fil-ġisem hemm ħafna membri u m'humiex kollha l-istess, hekk fil-Knisja ta' Kristu hemm diversi doni, hemm diversi ministeri, hemm diversi ħidmiet, iżda kollha ġejjin minn Spirtu wieħed. Lil xi wħud minna l-Ispirtu li ssawwab fina fil-Magħmudija tagħna, jagħtina d-don tal-għerf tal-ħwejjeġ ta' Alla biex ngħallmu lill-oħrajn; lil xi wħud oħra jagħtihom id-don tal-fidi, biex iwettqu fiha lil ħuthom; lil xi oħrajn id-don tal-profezija biex iwasslu l-kelma ta' Alla lill-ġemgħa tal-imgħammdin. Doni u ministeri u ħidmiet differenti, imma kollha b'għan wieħed: il-kobor tal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja.

**Il-Verġni Marija u aħna**

Kif il-Verġni Marija, omm Ġesù, mistiedna għat-tieġ, biex tgħin l-għarajjes li stednuha, qalet lill-qaddejja, meta naqas l-inbid: "Kull ma jgħidilkom, agħmluh", hekk tul iż-żminijiet, Marija, bħala Omm il-Knisja, tgħid lill-insara kollha: "Kull ma

jgħidilkom, agħmluh". X'qed igħidilna Ġesù? Xejn ħlief li nħaddmu d-doni li tana, nagħmlu l-ħidmiet li jistenna minna, naqdu sewwa l-ministeri li fdalna f'idejna ħa nkunu verament dixxipli qaddejja tiegħu.

L-għajnuna tal-Verġni Marija mhux se tonqosna qatt u hi tieqaf magħna u tidħol għalina biex dak li jistenna minna Binha Ġesù aħna nagħmluh: għall-kelma ta' Marija l-qaddejja minnufih għamlu dak li qalilhom Ġesù, u mlew il-ġarar bl-ilma li minnufih inbidel fi nbid biex ferraħ qlub il-mistednin; bħalhom, għall-kelma li qaltilna l-Madonna llum: "Kull ma jgħidilkom, agħmluh", aħna bil-ħeġġa kollha ta' qalbna, irridu minnufih, naqdu mill-aħjar li nistgħu dmirijietna fid-dinja, inħaddmu d-doni jiġifieri l-kwalitajiet tajba li bihom żejjinna ħa nagħmlu kull ma jistenna minna l-Mulej; jekk dan, bil-qawwa ta' Kristu, kull ma nagħmlu jkun juri s-sebħ tal-Mulej, għalkemm mhux dejjem se nintebħu bih, bħalma ġralu dak li kien qed jieħu ħsieb il-mejda fit-tieġ ta' Kana, – imma b'egħmilna nkunu verament sebbaħna l-Mulej, u ta' dan għad niksbu l-ħajja ta' dejjem.

### It-tielet Ħadd tas-sena

## ĠISEM WIEĦED FI KRISTU

**Il-ħidma tal-Ministri ta' Alla**

"Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu". Dan qal Ġesù lin-nies ta' Nażaret miġburin fis-sinagoga tagħhom f'jum is-Sibt, wara li qralhom silta mill-Ktieb tal-profeta Isaija: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi għax hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin". Il-kelma li Ġesù qal lin-nies ta' Nażaret dsatax-il mitt sena ilu, qiegħed itennihielna llum permezz tal-ministri tiegħu, ta' dawk li hu għażel minn ħdan il-poplu tiegħu u kkonsagrahom bit-tqegħid ta' l-idejn ta' l-isqof u bl-għoti tal-Ispirtu s-Santu ħa jwasslu l-Bxara t-tajba lill-fqajrin, biex iħabbru, jiġifieri, l-Evanġelju lill-poplu nisrani, jeħilsu mill-irbit tad-dnub lil dawk li niedma u sogħbiena jersqu għandhom jitolbu maħfra lil Alla, iqassmulhom l-ikel mis-sema – l-Ewkaristija mqaddsa – li twettaqhom fil-mixi tagħhom lejn is-sema, u biex iwasslu għand il-Mulej it-tamiet u x-xewqat u l-ferħ u n-niket kollu tagħhom.

Bħal Esdra l-qassis li, wara li l-Lhud reġgħu lura mill-eżilju ta' Babel, minn fuq tribuna ta' l-injam quddiem it-tempju tal-Mulej, minn filgħodu sa filgħaxija qara l-ktieb tal-liġi ta' Alla lill-poplu kollu u fisser kliem il-ktieb lin-nies permezz tal-leviti; hekk is-saċerdot minn fuq l-ambone kull nhar ta' Ħadd, kuljum ukoll, jaqra l-ktieb tal-liġi l-ġdida, l-Evanġelju ta' Kristu lill-poplu l-ġdid ta' Alla u jfissirulu u jurih bl-omelija li l-kelma li qed tiġi mħabbra m'hijiex kelma ta' bniedem, imma hi l-kelma ta' Alla stess li permezz tal-ministeru tiegħu jgħallem, iħeġġeg, iwissi, u jċanfar lill-poplu tiegħu u jħajjru għall-egħmil it-tajjeb. U kif il-poplu, li sama' lil

Esdra l-qassis jaqralu l-ktieb tal-liġi, beka, nidem minn dnubietu, u feraħ u għamel festa għax reġa' tħabbeb ma' Alla, hekk il-poplu nisrani f'Jum il-Mulej, wara li jisma' l-kelma ta' Alla, jersaq jagħmel festa madwar il-mejda tal-Mulej li għaliha ikun ġie mistieden.

**Il-kelma ta' Alla għalina llum**

X'inhi l-kelma li qiegħda titħabbrilna llum, u qiegħda sseħħ aħna u nisimgħu? Il-kelma hija din: "Aħna lkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed... u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed... Aħna l-ġisem ta' Kristu u kull wieħed minna hu membru tiegħu." Xi jfisser dan il-kliem?

Fil-Magħmudija tagħna l-Ispirtu s-Santu niżel fuqna kif niżel fuq Ġesù meta tgħammed fil-Ġordan, u lilna kkonsagrana kif ikkonsagra 'l Kristu ħalli bħal Kristu nxandru l-Evanġelju tiegħu lill-bnedmin li fil-faqar tar-ruħ tagħhom għandhom xewqa kbira għall-verità u għas-salvazzjoni. L-Ispirtu s-Santu niżel fuqna u Ġesù ġie jgħammar fi qlubna biex igħaqqadna miegħu u jagħmilna membri tal-Knisja tiegħu, li San Pawl isejjaħ il-Ġisem ta' Kristu. Kif f'ġisem hemm ħafna membri u ebda membru ma hu bħall-ieħor, hekk fil-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja, hemm ħafna membri li huma marbutin b'rabta hekk sħiħa bejniethom li ma hemmx firda bejniethom, għalkemm xi wħud huma appostli, oħrajn profeti, oħrajn għalliema, oħrajn imsejħin biex imexxu, oħrajn biex igħallmu, oħrajn biex ifejqu, oħrajn biex jitkellmu b'ħafna ilsna; imma lkoll magħqudin flimkien f'xirka waħda ta' mħabba iħabirku għall-bini sħiħ tal-Ġisem ta' Kristu. Fi kliem ieħor aħna lkoll li aħna mgħammdin aħna lkoll aħwa, ilkoll membri tal-familja ta' Alla, ilkoll imsejħin biex inħabirku ħalli s-saltna ta' Alla, il-Knisja, dejjem aktar tikber u tissaħħaħ fid-dinja. Ilkoll imsejħin għal din il-ħidma, iżda kull wieħed jagħmilha skond is-sejħa li għandu.

Din il-ħidma ma titlobx minnha ħlief li kull ma nagħmlu, nagħmluh bi spirtu nisrani, f'rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla; u biex nagħmlu dan l-Ispirtu s-Santu hu dejjem magħna: ilkoll nixorbu minn Spirtu wieħed, ilkoll nixorbu mill-egħjjun tas-salvazzjoni li nfetħu għalina meta sider Ġesù ġie minfud minn lanza; l-egħjjun tas-salvazzjoni li minnhom nixorbu d-doni tal-Ispirtu huma s-Sagramenti mqaddsa, il-magħmudija u l-ewkaristija, li skond Missirijiet il-Knisja huma mfissrin mid-demm u l-ilma li ħarġu mis-sider minfud ta' Kristu, u s-Sagramenti l-oħra.

Jalla dejjem nersqu nixorbu minn dawn l-egħjjun tal-ħajja biex l-għaqda tagħna ma' Kristu bħala membri tiegħu, tissaħħaħ dejjem aktar sa ma tilħaq il-milja kollha tagħha fis-saltna ta' dejjem.

## Ir-raba' Ħadd tas-sena
# PROFETI TAL-MULEJ

### Il-kelma ta' Alla għalina llum

"Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu". Dan qiegħed jerġa' jgħidilna l-Mulej illum fil-laqgħa tagħna miegħu aħna u ninsabu miġburin flimkien biex fis-sehem li nieħdu fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa nqaddsu l-Jum tiegħu, ħalli mbagħad, imwettqin bl-ikel mis-sema, inkomplu nqaddsuh b'egħmejjel ta' tjieba u ħniena ma' ħutna fil-bżonn.

X'inhi l-kitba li qed titħabbrilna llum, u qiegħda sseħħ aħna u nisimgħu? Hi kitba li tgħidilna li s-salvazzjoni li kiseb Kristu hi għall-ġnus kollha u li aħna, imqanqlin mill-imħabba għalihom, irridu nħabirku ħa nwassluhielhom.

### Alla hu Alla tal-ġnus kollha

Dan narawh l-ewwelnett mill-kliem li bih Ġesù ċanfar in-nies ta' Nażaret li bdew igħiru għan-nies ta' Kafarnahum u riedu li Ġesù jagħmel fosthom l-egħġubijiet li kien għamel f'Kafarnahum; u għiru wkoll għal Ġesù minħabba l-mirakli li kien għamel f'Kafarnahum u minħabba l-kliem kollu ħlewwa li ħareġ minn fommu huwa u jfissrilhom kliem il-profeta Isaija. Urihom lin-nies ta' Nażaret li l-Bxara t-tajba tiegħu ma kinetx għalihom biss, kif ippretendew huma, imma kienet għad-dinja kollha, u biex jurihom dan semmielhom żewġ ġrajjiet ta' żmien il-Patt il-Qadim, il-ġrajja ta' l-armla ta' Sarepta li laqgħet għandha lill-profeta Elija tul iż-żmien kollu li kien hemm ġuħ fil-pajjiż u Alla berikha u ma ħallihiex tbati l-ġuħ, u l-ġrajja ta' Nagħman il-fizzjal tas-Sirja li ġie mfejjaq mill-ġdiem tiegħu mill-profeta Eliżew – ma ebda Iżraelit ma wera ħniena Alla f'dawn iż-żewġ ġrajjiet, imma l-ħniena wrieha ma' żewġ pagani. Sa minn żmien il-Patt il-Qadim Alla wera ruħu bħala Alla mhux tal-Lhud biss, imma ta' kull poplu u ġens. U dan narawh ukoll mis-sejħa tal-profeta Ġeremija: Alla għażlu bħala profeta tiegħu qabel ma' twieled u qaddsu biex ikun profeta mhux biss għal Israel , imma għall-ġnus kollha – profeta jiġifieri dak li jwassal il-kelma ta' Alla u x-xewqat ta' Alla lill-bnedmin; dak li jħabbrilhom x'irid Alla minnhom.

### Profeta tal-Mulej

Is-sejħa li Alla għamel lil Ġeremija illum Alla qed jagħmilha lilna wkoll: qiegħed isejjaħ lilna u jgħidilna li ippredestinana għalih qabel twelidna u qaddisna għalih fil-Magħmudija tagħna, biex inkunu profeti tiegħu fost il-ġnus, jiġifieri biex nagħtu xhieda tiegħu quddiem id-dinja bl-imġiba tagħna ta' nsara li aħna. U Ġesù qiegħed igħidilna li Alla għażilna biex inwasslu l-kelma tiegħu mhux biss lil qrabatna u lil ħbiebna, imma lil kulħadd, lill-barranin ukoll. Fi kliem ieħor ma għandniex infittxu biss li bl-imġiba tagħna ma nkunux ta' skandlu għal uliedna u għal qrabatna u nagħmlu biss ġid lil ħbiebna, imma għandna nfittxu li ma nkunu ta' skandlu għal ħadd, ma nġagħlux lil ħadd ieħor jiżbalja u joffendi lil Alla bl-imġiba tagħna; ma nqarrqux bil-barrani għax barrani hu, imma nimxu ma' kulħadd skond il-verità u l-ġustizzja u l-imħabba.

### Tmexxina l-imħabba

Hija l-imħabba li trid tispira l-egħmil kollu tagħna; għal dan qiegħed iħeġġiġna San Pawl fit-tieni qari ta' llum huwa u jgħidilna biex nitħeġġu għal doni akbar, anzi jurina li l-aqwa don li għalih għandna nitħeġġu huwa d-don ta' l-imħabba. Kollna ħeġġa bl-imħabba, naslu biex nagħtu l-aqwa xhieda ta' Kristu lid-dinja kollha. Jekk hi l-imħabba li tmexxina f'kull ma nagħmlu, naħsbu u ngħidu, nkunu dejjem lesti nistabru b'min idejjaqna, inħennu għal min jinsab fit-tiġrib, nagħdru lil min jonqosna, u ma naħsbu ħażin f'ħadd. L-imħabba tgħallimna biex ma nkunux suppervi u mkabbrin, biex ma ninkurlawx, biex ma nixtiequ deni lil ħadd, biex ma nagħmlu xejn li mhux skond il-verità u l-ġustizzja. It-tajjeb kollu li nagħmlu, jekk ma nagħmluhx imqanqlin mill-imħabba, ma jiswa xejn u ma jiswieli xejn. Infittxu mela li kull ma nagħmlu, naħsbu u ngħidu jkun imqanqal mill-imħabba biex hekk ikun jiswielna għall-ħajja ta' dejjem.

## Il-ħames Ħadd tas-sena

# IS-SEJĦA TAGĦNA

### Is-sejħa ta' Isaija

Kif Alla sejjaħ lill-profeta Isaija biex ikun profeta tiegħu, kif Ġesù sejjaħ lill-Appostli biex imorru warajh, hekk isejjaħ ukoll lilna għall-ħidma li jridna nagħmlu bħala dixxipli tiegħu fid-dinja li fiha ngħixu.

Lill-profeta Isaija Alla sejjaħlu f'dehra ta' glorja: urieh il-kobor u l-qdusija tiegħu; u quddiem din id-dehra tal-kobor ta' Alla Isaija mtela bil-biża' għax għaraf ix-xejn tiegħu u n-nuqqasijiet tiegħu. Għalkemm Isaija kien bniedem midneb igħix fost poplu midneb, Alla għażlu għalih, saffih mill-ħażen tiegħu kollu u ħafirlu dnubietu, biex ikun jista' jwieġeb għas-sejħa tal-Mulej u jgħidlu: "Hawn Jien!"

Alla jagħżel lil min irid hu, u jħejjih għall-ħidma li għaliha jkun għażlu kif għamel ma' Isaija: qabel ma staqsa: "Lil min se nibgħat?", lil Isaija, Alla ħejjieh biex iwieġeb: "Hawn jien, ibgħat lili", billi b'ġamra tan-nar minn fuq l-artal tas-sema Anġlu messlu xofftejh u nadfu mit-tinġis kollu tiegħu.

### Is-sejħa ta' l-Appostli

Hekk ukoll mexa Ġesù ma' l-Appostli qabel sejħilhom biex imorru warajh. Lil San Pietru u lil ħuh San Andrija u lil ulied Żebedew l-ewwel talabhom jinqeda bid-dgħajjes tagħhom ħa jkellem lin-nies li kienu jrossu fuqu; wara li temm jitkellem, qalilhom joħorġu 'l barra u jkalaw ix-xbiek, u mbagħad, wara l-qabda kbira ta' ħut li għamlu, sejħilhom għal warajh, u huma ħallew kollox biex minn sajjieda tal-ħut, isiru sajjieda tal-bnedmin. Ma sejħilhomx minnufih lill-Appostli Gesù, imma ħejjihom biex iwieġbu "Iva" meta jsejħilhom: ħalliehom jisimgħu l-kelma tiegħu lin-nies, wettaqhielhom bil-miraklu tal-qabda ħut, u mbagħad sejħilhom għal warajh.

**Is-sejħa tagħna**

Kif mexa ma' l-Appostli, Alla jimxi ma' dawk li fuqhom jitfa' ħarsa ta' mħabba speċjali: iżda qabel ma jistedinhom u jgħidilhom: "Ejja, imxi warajja", iħejjihom biex iwieġbu bħal Isaija: "Hawn jien ġej!"

It-tħejjija ma tkunx dejjem l-istess għal kulħadd, għax mhux kulħadd jintebaħ mill-ewwel li Ġesù qiegħed isejjaħlu jew għal liema ħidma fl-għalqa tiegħu l-Mulej qiegħed isejjaħlu, u għalhekk it-tħejjija xi kultant tieħu ż-żmien sakemm dak li Ġesù jsejjaħ ikun lest biex iwieġbu: "Hawn jien! Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'". Hekk wieġeb it-tfajjel Samwel, imma wieġeb mhux minnufih, iżda wara li l-Mulej sejjaħlu tliet darbiet, u t-tfajjel Samwel wieġeb meta x-xwejjaħ Għeli ntebaħ li Alla kien qed isejjaħ lit-tfajjel.

Ġesù jsejjaħ lilna lkoll għall-ħidma fil-għalqa tiegħu, u mhux darba u tnejn biss. Sejħilna l-ewwel darba fil-magħmudija tagħna, u dak in-nhar wieġbu għalina l-ġenituri tagħna u permezz tagħhom ilqajna s-sejħa li nkunu dixxipli tiegħu, li nkunu membri tiegħu, tal-Knisja tiegħu. Reġa' sejħilna meta kbirna u bdejna nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin: sejħilna biex nieħdu sehem mill-Ikla tiegħu, biex nieklu Ġismu u nixorbu demmu taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid fl-Ewkaristija; reġa' sejħilna biex inkunu xhieda tiegħu quddiem id-dinja bl-imġiba kollha tagħna, u għal din is-sejħa wettaqna bis-siġil tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Griżma. Din s-sejħa hi dik ta' kull nisrani, is-sejħa tagħna lkoll, għaliex aħna lkoll, kif igħidilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum, aħna lqajna l-Evanġelju u wegħdna li ngħixu skond l-Evanġelju. Hemm ħafna suriet kif ngħixu l-Evanġelju fid-dinja ta' llum: bħala saċerdoti, bħala reliġjużi, bħala missirijiet u ommijiet tal-familja, bħala wlied fil-familja, bħala ħaddiema u professjonisti, bħala volontarji f'ħidmiet għall-ġid ta' l-oħrajn, bħala nies impenjati f'tant u tant ħidmiet oħra għall-bini ta' dinja aħjar fejn isaltnu s-sliem u l-ġustizzja.

Kemm aħna fidili għas-sejħa tagħna li nagħtu xhieda ta' l-Evanġelju fid-dinja ta' llum bl-imġiba kollha tagħna? Jekk sa llum ma weġibniex għas-sejħa ta' Alla kif wieġbu l-Appostli, kif wieġeb il-profeta Isaija, naraw ftit għaliex inqasna, nitolbu 'l Alla jħenn għalina, u nwegħduh li tul il-ġranet tar-Randan li ġejjin se nagħrblu sewwa l-imġiba tagħna biex naraw f'hiex inqasna ħalli mbagħad nagħtu bidu għall-ħajja ġdida, ħajja ta' fedeltà akbar għas-sejħa tagħna bħala nsara.

# IT-TQARBIN MIL-LAJĊI

## DIGRIET TA' L-ARĊISQOF

Għalkemm il-Provvidenza t'Alla għadha tagħni lid-Djoċesi tagħna b'għadd ta' vokazzjonijiet saċerdotali kemm għall-kleru sekulari kif ukoll għal dak reliġjuż, minn xi żmien 'il hawn f'pajjiżna wkoll bdiet tinħass il-ħtieġa li f'ċerti ċirkostanzi l-Ministri ordinarji tat-Tqarbin Imqaddes ikollhom l-għajnuna ta' persuni oħra, reliġjużi jew lajċi li jkunu msejħa biex iqarbnu bħala ministri straordinarji jew speċjali tat-Tqarbin. Għalhekk, wara li smajt il-parir tal-Kunsilli Presbiterali u Pastorali ta' l-Arċidjoċesi, u wara li ġew ikkonsultati wkoll ir-Reverendi Kappillani bil-Presbi-terji u Kunsilli Parrokkjali, li wrewni kemm tassew teżisti din il-ħtieġa, qiegħed nippubblika Normi li jirregolaw l-għażla, il-formazzjoni u l-inkarigu li jingħata lil persuni bħal dawn li jistgħu jiġu msejħa biex f'ċirkustanzi partikolari jaqdu dan il-ministeru.

Nordna li dan id-digriet u n-Normi annessi miegħu jiġu promulgati f'numru tal-"Bullettin ta' l-Arċidjoċesi" u li jidħlu fis-seħħ mill-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent ta' din is-sena.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 26 ta' Ottubru 1988.

† Ġużeppi
Arċisqof ta' Malta

Philip Calleja
Kanċellier

## NORMI DWAR IL-MINISTRI STRAORDINARJI TAT-TQARBIN

Skond id-dixxiplina attwali tal-Knisja, il-ministeri ordinarji tat-Tqarbin huma l-Isqof, il-presbiteru u d-djaknu. Il-ministru straordinarju tat-Tqarbin huwa l-akkolitu kif ukoll kull membru ieħor tal-Knisja mqabbad fit-termini tal-Kanoni 230 par.3.

Wara konsultazzjoni mal-Kunsilli Presbiterali u Pastorali u mal-Kulleġġ tal-Kappillani qiegħed nistabilixxi dawn in-normi dwar kif dawn il-membri l-oħra tal-Knisja f'ċerti ċirkostanzi jkunu jistgħu jqarbnu:

1. Dawn il-membri tal-Knisja għandhom jiġu awtorizzati biex jaqdu dan il-ministeru mill-Ordinarju tal-post wara li jkunu ġew ippreżentati mill-persuni kompetenti skond l-artikolu 2.2.

2.1 It-talba biex jingħata l-permess meħtieġ għandha ssir bil-miktub lid-Delegat ta' l-Arċisqof għas-Segretarjat tal-Liturġija.

2.2 Fil-każ ta' persuni li ser jeżerċitaw dan il-ministeru fil-parroċċa t-talba ssir mill-kappillan;

Fil-każ tal-komunitajiet reliġjużi l-permess jintalab mis-superjuti jew superjura tal-komunità;

Fil-każ ta' Quddies organizzat mill-iskejjel it-talba ssir mid-Direttur Spiritwali ta' l-iskola jew mill-kappillan tal-post fejn tkun l-iskola b'konsultazzjoni mad-Direttur Spiritwali;
Fil-każ tad-Djar tax-Xjuħ immexxija mil-lajċi t-talba ssir mill-Kap tad-Dar jew mis-Saċerdot inkarigat mill-kura pastorali tagħha.

3. Il-persuni li jiġu preżentati biex jingħataw dan il-ministeru għandhom ikollhom 18-il sena magħluqa u jkunu ta' ħajja nistanija eżemplari.

4.1 Il-persuni magħżula għal dan il-ministeru għandhom ikunu mħejjija billi jattendu laqgħat ta' formazzjoni u irtir li jsiru apposta ghalihom, organizzati mid-Delegat għas-Segretarjat tal-Liturġija.

4.2 Id-Delegat jista' jeżenta mill-obbligu ta' l-attendenza għal-laqgħat ta' formazzjoni dawk l-individwi li fil-ġudizzju tiegħu għandhom livell ta' thejjija meħtieġa. F'dan il-każ ikollhom l-obbligu li jattendu l-irtir li jsir għalihom.

5.1 Il-permess jingħata mill-Ordinarju tal-post wara li d-Delegat għas-Segretarjat tal-Liturġija jkun ta l-parir tiegħu.

5.2 Il-permess jingħata għal sena u jista' jiġġedded skond il-bżonn.

5.3 Il-permess jista' jiġi rtirat mill-Ordinarju tal-post fid-diskrezzjoni pastorali tiegħu.

6. Qabel ma jibdew jaqdu l-ministeru tat-Tqarbin il-persuni magħżula għandhom jiġu preżentati lill-komunità permezz ta' rit liturġiku approvat.

7.1 Il-persuni magħżula jistgħu jiġu inkarigati mill-kappillan jew miċ-ċelebrant biex igħinu fit-Tqarbin waqt il-Quddiesa f'każijiet li jkun hemm tassew bżonn.

7.2 Il-kappillan jista' jinkariga lil dawn il-persuni biex iwasslu l-Ewkaristija lill-morda fid-djar meta dawn jixtiequ jitqarbnu ta' spiss u l-ministri ordinarji ma jkunux jistgħu, u sakemm il-marid jitlob jew jaċċetta t-Tqarbin minn dawn il-persuni.

7.3 Dawn il-persuni jistgħu wkoll jiġu inkarigati miċ-ċelebrant iqarbnu fil-Quddies organizzat mill-iskejjel, kemm meta l-Quddiesa tiġi ċelebrata fl-iskola kif ukoll f'xi post ieħor.

8.1 Il-persuni inkarigati fil-komunitajiet reliġjużi mhux klerikali, jistgħu jqarbnu l-membri tal-komunità reliġjuża jew persuni oħra li jgħixu f'dar immexxija minn dik il-komunità, li ma jkunux jistgħu jitqarbnu fil-ħin meta jkun hemm ministru tat-Tqarbin ordinarju jew akkolitu disponibbli.

8.2 Dan igħodd ukoll għall-persuni approvati għat-Tqarbin fid-djar ta' l-anzjani mmexxija mil-lajċi.

9.1 Dawn il-ministri straordinarji istgħu jaqdu dan il-ministeru biss meta ma jkunx hemm ministri ordinarji jew akkoliti preżenti f'numru sufficjenti jew meta l-ministri ordinarji preżenti f'ħidmiet pastorali oħra meħtieġa.

9.2 Huma għandhom jaqdu dan il-ministeru fil-post u għal dawk iċ-ċirkostanzi li għalihom ikunu ġew awtorizzati. Biex ikunu jistgħu jaqdu dan il-ministeru f'parroċċa oħra jew f'xi post ieħor ikun meħtieġ il-permess espliċitu tal-kappillan jew ta' persuni oħra kompetenti skond l-artikolu 2.2.

10. Fil-qadi ta' dan il-ministeru l-persuni awtorizzati għandhom:

(i) Isegwu r-rit approvat għat-Tqarbin minn ministru straordinarju u applikabbli skond jekk it-Tqarbin isirx fil-Quddiesa jew barra mill-Quddiesa;
(ii) Ikunu lebsin b'mod li jixraq lil dan is-Sagrament;
(iii) Josservaw bir-reqqa n-normi mogħtija mill-Awtorità tal-Knisja.

11. Il-ministri straordinarji għandhom iħossu d-dmir li jgħixu b'impenn il-magħmudija tagħhom u jkunu ta' xhieda nisranija fi kliemhom u fl-imġiba tagħhom.

## REGOLAMENTI GĦALL-FOTOGRAFI WAQT FUNZJONIJIET LITURĠIĊI

1. Il-fotografu għandu jiftakar dejjem li qiegħed jieħu ritratti waqt li qiegħed isir att ta' qima lil Alla fid-Dar ta' Alla stess, u għalhekk għandu juri rispett kbir għad-dar ta' Alla u għall-funzjoni li tkun qiegħda ssir. **Il-funzjoni hi aktar importanti minn kull ritratt li jista' jittieħed.**
2. L-imġiba tal-fotografu u ta' dawk impjegati miegħu u qed igħinuh, qabel, matul u wara l-funzjoni trid tkun xierqa għall-Knisja. Il-ġudizzju f'din il-ħaġa jagħtih il-Kappillan jew is-saċerdot inkariġat minnu.
3. F'ebda ħin u għall-ebda raġuni, m'għandhom il-fotografu u l-oħrajn li qed igħinuh, jitilgħu 'l fuq mit-tarag tal-presbiterju. L-unika eċċezzjoni permessa hi biex jieħu ritratt tal-firma tar-reġistru taż-żwieġ, jekk din issir fuq l-altar.
4. Il-fotografu u dawk li jgħinuh iridu jkunu lebsin b'mod xieraq għall-Knisja.
5. Il-fotografu bl-ebda mod ma għandu jfixkel il-funzjoni reliġjuża jew iservi ta' distrazzjoni għan-nies li qegħdin jieħdu sehem fiha. Waqt li ċ-ċelebrant bil-għaqal u l-prudenza kollha, jagħti żmien lill-fotografu biex jieħu ritratt tifkira tal-mumenti ewlenin taċ-ċerimonja, għall-ebda raġuni l-fotografu m'għandu jwaqqaf liċ-ċelebrant biex jeħodlu r-ritratt jew iġiegħlu jirrepeti ċ-ċerimonja.
6. Il-fotografu (jew dawk li qed igħinuh) m'għandux jagħmel ħsara lill-apparat elettriku jew oġġetti oħra fil-Knisja jew iċaqlaq minn posthom armar, fjuri, eċċ., li jkunu fil-Knisja. F'każ ta' ħsara, ukoll ħsara mhux għax irid, kawżata mill-

apparat fotografiku jew mill-fotografu jew minn dawk li qed igħinuh, il-fotografu hu responsabbli għall-ispejjeż biex tissewwa l-ħsara.

7. Il-fotografu li ma josservax dawn ir-regolamenti jista' jiġi mwaqqaf dak il-ħin stess milli jkompli x-xogħol tiegħu u ma jingħatalux permess li jaħdem fil-Knisja f'okkażjonijiet oħra.

8. Tajjeb li fotografu, bi ftehim mal-Kappillan jew ir-rettur tal-knisja, isib il-post adatt minn fejn jieħu r-ritratti: dan għandu jagħmlu f'xin ħin jew ġurnata **qabel** iċ-ċerimonja.

9. Għandu jkun hemm moderazzjoni fl-użu tal-*flash* u dwal qawwija li jinxtegħlu u jintfew kontinwament għax dawn joħolqu ħafna distrazzjoni. Illum wieħed jista' juża films high speed (400 jew 1000 ASA) u jinqeda mingħajr dwal qawwija.

10. Għall-films u l-*video tapes* il-fotografu kemm jista' jkun għandu jżomm pożizzjoni **fissa u kontinwa tul iċ-ċerimonja kollha** u jevita li jixgħel u jitfi dwal qawwija kontinwament.

**Direttivi**

1. L-aħjar mumenti li fihom jistgħu jittieħdu r-ritratti huma dawn:
   i. fil-purċissjoni tad-dħul u fil-bidu tal-Quddies;
   ii. fil-bidu ta' kull qari;
   iii. fil-bidu ta' l-omelija;
   iv. waqt li jiġu mtellgħin l-offerti u qed jiġu preżentati lis-saċerdot;
   v. fil-barka ta' l-aħħar.

2. M'għandhomx jittieħdu ritratti tal-kongregazzjoni waqt il-qari u waqt l-omelija, għax dawn iservu ta' distrazzjoni; l-aħjar mumenti għar-ritratti tal-kongregazzjoni huma waqt li n-nies ikunu bil-qiegħda fil-ħin ta' l-offertorju u waqt it-tqarbin u wara t-tqarbin.

3. **Fit-tiġijiet** jistgħu jittieħdu wkoll ritratti waqt li l-għarajjes jagħtu l-kunsens u jilbbsu ċ-ċrieket lil xulxin u meta jkunu qed jitqarbnu. L-għarajjes ma għandhomx joqgħodu bil-wieqfa ħdejn l-altar maċ-ċelebrant waqt it-talba ewkaristika.

4. **Fl-ewwel tqarbina** jistgħu jittieħdu wkoll ritratti waqt li qiegħed isir it-tqarbin.

5. **Fil-Griżma** jistgħu jittieħdu ritratti waqt li t-tfal ikunu qed jirċievu s-sagrament tal-Griżma u waqt li jkun qegħdin jitqarbnu.

6. Fil-Magħmudijiet ir-ritratti jistgħu jittieħdu:
   i. waqt id-djalogu tal-bidu;
   ii. fid-dlik taż-żejt tal-katekumeni;
   iii. waqt it-tiswib ta' l-ilma;
   iv. fid-dlik biż-żejt tal-Griżma;
   v. waqt l-għoti tal-libsa bajda u/jew tax-xemgħa mixgħula.

7. Mhux ħaġa xierqa li l-artal, li hu l-aktar ħaġa qaddisa fil-knisja, iservi ta' *background* għar-ritratti wara ċ-ċelebrazzjoni. Lanqas ma hi l-knisja l-post fejn wieħed jippoża għar-ritratti.

8. Il-Kappillani u r-Retturi tal-knejjes jistgħu jiksbu mis-Segreterija tal-Knisja kopja ta' dawn ir-regolamenti biex jagħtuhom lill-fotografu.

## APPELL TAL-PAPA GĦAL JUM L-EMIGRANT 1988

Ħuti meqjuma u egħżież uliedi,

1. Għal darba oħra, fl-okkażjoni ta' Jum l-Emigrant, nixtieq naħseb fuq dawk kollha li jinsabu milqutin mill-fenomenu ta' l-emigrazzjoni, li sar tant importanti fid-dinja ta' llum. Għadu ħaj fija l-ħsieb tas-Sena Marjana li m'ilhiex li ntemmet, għalhekk nixtieq inħares lejn l-emigranti fid-dawl ta' Marija li "bis-sehem intimu tagħha fil-ġrajja tas-salvazzjoni tiġbor fiha, biex ngħid hekk, u xxandar il-veritajiet ewlenin tal-fidi" (*Lumen gentium*, 65).

Il-Verġni Mqaddsa bil-mod kif għexet il-ħajja tagħha fid-dinja, hi ta' eżempju għall-emigrati u r-rifuġjati. Ħajjitha fuq l-art kienet **mixja dejjem sejra** minn post għall-ieħor: marret tħaffef lejn l-għoljiet għand il-qariba tagħha Eliżabetta; marret Betlehem għaċ-ċensiment u, għax ma kienx hemm post għaliha fil-lukanda, tat it-twelid lil Binha ġewwa grotta; marret Ġerusalemm biex tippreżenta 'l Binha fit-tempju; imxiet, ħerqana imma qisu bil-moħbi, wara Ġesù fil-qadi tal-missjoni tiegħu fil-Palestina; kienet fuq il-Kalvarju msieħba fit-tbatijiet ta' Binha.

Marija wkoll ġarrbet direttament l-esperjenza ta' l-eżilju u l-emigrazzjoni f'art barranija, minħabba t-theddida għall-ħajja ta' Ġesù. "Deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: 'Qum, ħu miegħek it-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu... għax Erodi se jfittex it-tifel biex joqtlu" (Mt. 2,13). Kienet ħarba għall-għarrieda, f'nofs ta' lejl, b'ħafna taqtigħ il-qalb, ħarba mhux nieqsa żgur minn dak it-tiġrib u qsim il-qalb li intom, l-emigrati u r-rifuġjati, tafu sewwa x'inhuma: il-kefrija tal-firda minn kull ma hu għażiż, it-tħollija għal kollox ta' tant tamiet sbieħ; il-mixi f'postijiet mhux magħrufin; it-tfittix iebes ta' kenn f'art barranija, fejn xejn ma hu magħruf; xogħol meħtieġ għall-għajxien iżda mhux żgur; suspetti, diskriminazzjoni, ċaħdiet li wieħed spiss iħoss madwaru; il-qagħda mhux żgura li minħabba fiha ma jistax jitfassal ġejjieni xieraq ta' ħajja, speċjalment għal ulied.

Dawn l-aspetti kollha ta' ħajjitkom dehru minn qabel qishom f'mera fil-ħajja tal-Verġni Marija. Fid-dawl tagħha intom tistgħu taraw rabta bejn l-esperjenzi tagħkom u l-ġrajja tas-salvazzjoni.

2. Il-Konċilju Vatikan II ra qbil bejn il-Knisja, il-poplu ta' Alla miexi lejn is-sema, u l-poplu ta' Israel miexi fid-deżert (ara *Lumen gentium*, 9). Iżda dan il-mixi ġa kellu l-bidu tiegħu fl-ordni li Alla ta lil Abraham missierna biex jitlaq lejn art mhux magħrufa: "Itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik"... U telaq Abraham kif kien qallu l-Mulej (Gen. 12,1). Il-mixja tiegħu kienet il-fidi tiegħu: l-ubbidjenza tiegħu għamlitu missier dawk kollha li jemmnu. Warajh imxew il-patrijarki, imqawwijin mit-tama li jagħtu ħajja lil poplu ġdid, il-poplu tal-Patt. Mal-mixi tal-patrijarki hu marbut aktar tard il-mixi ta' l-Eżodu, li kellu jwassal sa l-art imwegħda.

Biż-żmien il-kliem dwar il-mixi minn art għall-oħra fid-dinja ħa siwi ta' ordni spiritwali: il-mixi mit-triqat tad-dinja deher bħala sinjal tal-mixja tal-fidi, ta' l-imgiba tajba, tat-tfittxija ta' Alla.

Il-Knisja li tħobb tqis ruħha bħala l-Poplu ġdid ta' Alla, fil-mixi tagħha fil-ġrajja tal-bniedem, tapplika għaliha din it-tifsira u tuża l-istess kliem. Għal San Pawl l-insara qed igħixu f'art barranina mexjin lejn is-sema pajjiżhom; f'ħajjithom il-ġrajja ta' l-Esodu tieħu dawl ġdid: is-sħaba, il-qsim tal-baħar, l-ilma li ħareg mill-blata, is-serp tal-bronż (I Kor. 10). San Pietru jkellem lill-insara qishom barranin li jridu jgħixu fil-biża' ta' Alla l-jiem kollha tal-mixi tagħhom fid-dinja (I Piet. 1; 2,11). L-Iskrittura tpinġi l-ħajja ta' kull min jemmen bħala mixja ta' tama lejn Alla u tqisha pellegrinaġġ minħabba l-qawwa fid-diffikultajiet, ir-reżistenza għat-tentazzjonijiet, u l-qlubija fl-istqarrija tal-fidi. Fost l-esperjenzi kollha tal-bniedem, Alla ried jagħżel dik ta' l-emigrazzjoni biex ifisser il-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tal-bniedem. Il-mixi jidher l-aħjar mezz biex isalva l-bniedem minn fejn ittarraf u jaqbdu fil-ħerqa tiegħu għall-ħelsien sħiħ.

3. Il-figura ta' Marija hi minsuġa mal-ġrajja tas-salvazjoni. Fiha jinġabru t-tamiet kollha u l-aħjar disposizzjonijiet tal-poplu tagħha. Ġejja minn poplu u timpenja ruħha għal poplu: hekk turi li l-Patt ta' Alla mal-bnedmin ikompli, u turi wkoll id-differenzi u t-tiġdid li ġab fih Kristu. Hi fost dawk li huma ċ-ċkejknin u l-fqar tal-Mulej, li bil-fiduċja kollha mexjin lejh biex ikollhom is-salvazzjoni. "Marija," ktibt fl-enċiklika *Redemptoris Mater,* "imxiet ħajna 'l quddiem fil-mixja tal-fidi... ir-rabta doppja li torbot lil Omm Alla ma' Kristu u mal-Knisja tikseb tifsir storiku. U din m'hijiex biss xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħajja tal-Verġni Omm, mal-mixja personali tagħha fit-triq tal-fidi... imma hi wkoll ħaga li għandha x-taqsam mal-grajja tal-Poplu kollu ta' Alla, ta' dawk kollha li qegħdin jieħdu sehem f'din il-mixja tal-fidi" (n.5). Il-mixi tal-poplu ta' Alla hu minn mogħdijiet imwiegħra, mogħdijiet mhux żguri u jqarrqu, tant li xi drabi wieħed jintilef fid-dlamijiet ta' qagħdiet tal-biża' li minnhom wieħed ma jarax kif se joħroġ. F'dan il-każ il-fidi biss tkun tista' tmexxina, it-talb biss ikun jista' jwettaqna. Din kienet it-triq tal-fidi li minnha għaddiet Marija. Tħabbrilha li, mingħajr ma tagħraf raġel, se jkollha Iben, Ġesù, il-Feddej tal-poplu tagħha, il-werriet tat-tron ta' David, Iben Alla l-Għoli. Iżda dan il-kliem mhux biżżejjed biex iħaffilha t-toqol tas-sejħa tagħha jew iħarisha mit-tiġrib. Anzi minn dawn il-wegħdiet bdiet il-mixja tagħha tal-fidi. F'Betlehem ma kienx hemm post għal dan Binha. Aktar tard tħabbrilha li ċ-ċirkostanzi li fihom Binha kien se jaqdi l-missjoni tiegħu se jkunu okkażjonijiet li fihom in-nies imeruh u ma jifhmuhx, u li f'dan it-tiġrib kollu se jkollha sehem hi wkoll: sejf se jinfdilha ruħha. Huma mumenti oħra ta' tiġrib fil-mixja tagħha, bħalma huma l-ħarba fl-Eġittu, it-telfa ta' Ġesù fit-tempju... Imma, imwettqa mill-fidi li għad iseħħu l-wegħdiet tal-Mulej, hija tgħix dawn il-ġrajjiet b'fiduċja u rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla. "Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq. 2,19).

4. Il-fidi ta' Marija tilħaq il-qofol tat-tifsir taghha ħdejn is-salib, fejn hi, b'qalb ta' omm, isieħbet mas-sagrifiċċju ta' Ġesù: "Imxiet 'il quddiem fil-mixja tal-fidi u żammet bla mittiefsa r-rabta tagħha ma' Binha sa ħdejn is-salib" *(Lumen gentium,* 58). Hawn Ġesù wettaq il-missjoni ta' Marija bħala omm ħerqana għal

uliedha, kif ġa kienet uriet ruħha fit-tieġ ta' Kana. Hawn Marija tirrifletti u twessa l-maternità tagħha bħala Omm l-Iben ta' Alla *(Redemptoris Mater,* 24). Marija titqiegħed bħala sinjal għall-Knisja u għal kull bniedem fil-mixja tal-fidi lejn il-Mulej. Għalhekk tiddi "bħala sinjal ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixja tiegħu" *(Lumen gentium,* 68).

Ikollkom mela fiduċja fiha, egħżież emigranti. Fit-tbatijiet kollha li ġarrbu minħabba l-qagħda tagħkom erħu ruħkom lilha. Emmnu fl-imħabba ta' Alla għalikom, ukoll meta hi ħaġa iebsa tintebħu biha u tarawha fil-ġrajjiet u l-imġiba tan-nies. Irrikorru dejjem għand Marija, irrikorru għandha b'fiduċja kbira. U ftakru li dan ma jfissirx li għandkom tfittxu li hi tifhimkom biss fi żmien it-tiġrib, intom u tistennew li tiksbu xi qagħda żgura ħa tgħixu fiha, qiskom għajnejkom magħluqa għad-destin aktar għoli tagħkom u ma tridux tisimgħu b'laqgħa ma' Alla. Għall-kuntrarju, tirrikorri għand Marija u tafda ruħek lilha jfisser tiftaħ it-tamiet tiegħek għal dawk l-oqsma kollha fejn Alla jista' jidħol u jwettaq egħmilu. Marija hi l-bidu ta' poplu li jilqa' l-Feddej. Taf x'inhi l-miżerja u d-dgħufina tal-bnedmin, imma taf ukoll li kull deni, id-dnub ukoll, ma għandux l-aħħar kelma fuq il-bniedem. Hi għaddiet mill-esperjenza tas-Salib u taf li wieħed jista' joqgħod ħdejn is-salib. Għalhekk tkanta l-ferħ ta' dawk li għamlu post għal Alla f'ħajjithom. Meta Eliżabetta qaltilha hienja għaliex emmnet kull ma ntqalilha min-naħa tal-Mulej u lissnet dak il-kantiku ta' ferħ u hena li hu l-*Magnificat,* stqarrija ta' fidi tassew tal-għaġeb fil-qawwa ta' Alla li hu ħanin u ta' kelmtu. Il-*Magnificat* jiġbor fi ftit kliem l-Evanġelju, li tiegħu qisu d-daħla: hu l-bxara t-tajba mħabbra lill-fqajrin. Huwa u jaħdem fil-ġrajja tal-bnedmin, Alla juri ruħu kuntrarju għall-kburija tas-suppervi, li warrbu fil-ġenb lill-imsejknin, għall-arroganza tas-setgħanin li jaħqru lil min hu dgħajjef, għar-regħba ta' dawk li jaħtfu f'idejhom l-għana kollu bi ħsara tal-foqra; għalhekk Alla jindaħal biex ifarraġ lill-imnikktin, jagħmel il-qalb liċ-ċkejknin, jimla b'kull ġid il-foqra. Hu "Alla ta' l-imsejknin, il-għajnuna taż-żgħar, ħajt tal-kenn għad-dgħajfin, protettur tal-mitluqin, salvatur tan-nies bla tama" (Gud. 9,11).

5. Marija hi simbolu tal-poplu kollu li jemmen, huwa u miexi fost it-taqlib kollu ta' din id-dinja. Fiha wkoll turi ruħha l-komunità kollha li tħabbar il-verità tas-Saltna u turi x'inhu d-dinamiżmu tagħha. Għalhekk il-kantiku tagħha jsir pro-fezija. Dak li seħħ fiha, se jseħħ f'dawk kollha li jemmnu fil-miġja tas-Saltna ta' Alla. Fid-dinja ta' llum il-kburin, is-setgħanin, l-għonja għadhom f'qagħda aħjar mill-foqra, li qed iġarrbu l-miżerja u l-emarġinazzjoni. L-impenn għat-tibdil tal-qagħda tad-dinja skond it-tagħlim ta' l-Evanġelju, hu l-programm morali veru li għandu jkollu kull min jemmen.

Iżda l-wegħda ta' Alla ma sseħħx bħala ġrajja ta' salvazzjoni mingħajr ma jkun hemm is-sehem tal-bniedem. Mhux biżżejjed temmen li l-kawża ta' l-emigranti hi kawża ġusta; jeħtieġ li wieħed jimpenja ruħu biex jiddefendiha u jmexxiha 'l quddiem. Dan il-programm ta' ħidma għandu ħafna aspetti, aspetti personali intimi u aspetti kollettivi u strutturali. L-esperjenza ta' żmienna turina li dawn l-aspetti strutturali għandhom importanza kbira fil-mixi tal-bnedmin kollha għall-

kobor sħiħ tagħhom. Fl-aħħar enċiklika tiegħi jien sejjeħt 'strutturi tad-dnub' dak kollu li jmur kontra l-ġid ta' kulħadd, li jfixkel il-mixi tal-bnedmin kollha lejn il-progress u jkasbar id-dinjità tal-persuna tal-bniedem. It-twarrib ta' dawn l-istrutturi hu sehem dejjem meħtieġ tad-dmir tal-konverżjoni ta' kull nisrani. Fil-*Magnificat* Marija tidher bħala xempju għal dawk kollha li ma jaċċettawx li ma jagħmlu xejn biex jirbħu ċ-ċirkostanzi ħżiena tal-ħajja personali u soċjali, u lanqas huma vittmi ta' aljenazzjoni, kif qed igħidu llum, imma ma' Marija jxandru li Alla jgħolli ċ-ċkejknin u, jekk ikun meħtieġ, "iniżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom." Hekk għidt fis-7 ta' Jannar, 1979 fis-santwarju ta' Zapopan fil-Messiku; u fl-aħħar enċiklika tiegħi *Sollicitudo rei socialis* żidt ngħid li l-ħerqa ta' omm li għandha l-Verġni Marija tħaddan l-aspetti kollha personali u soċjali tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja (ara n. 49). Marija, hija u tlissen il-kantiku tagħha hi eżempju mill-aqwa għall-bnedmin ta' llum. Hi timpenja l-bnedmin kollha ta' rieda tajba f'din il-ħidma ħa tiġi megħluba kull qagħda ta' dnub. "Il-Knisja mill-fond tal-qalb ta' Marija u mill-fond tal-fidi tagħha mfissra fil-*Magnificat* dejjem aktar iġġedded fiha nfisha l-għarfien tal-verità dwar Alla li jsalva, l-għarfien dwar Alla li hu l-bidu ta' kull don, u ma tistax tinfired mill-imħabba preferenzjali tiegħu għall-foqra u ċ-ċkejknin" (*Redemptoris Mater*, 27).

6. Nixtieq nafda f'idejn Marija l-qagħda personali diffiċli ta' tant emigrati, biex, hija u tidħol għalihom quddiem Binha, taqlagħlhom faraġ u għajnuna. Inħalli f'idejha l-qagħda internazzjonali, iebsa kif inhi, tant li minħabba d-differenzi kbar ekonomiċi u soċjali li hawn fid-dinja, tant nies qed ikollhom ifittxu barra minn pajjiżhom kondizzjonijiet aħjar ta' ħajja. Aspett speċjali ta' l-emigrazzjoni ġej illum mill-eluf u eluf ta' eluf ta' rifuġjati, li minħabba gwerer, diżgrazzji naturali, persekuzzjonijiet u diskriminazzjoni ta' kull xorta, tilfu darhom, xogħolhom, il-familja tagħhom u pajjiżhom (ara *Sollicitudo rei socialis*, 24). Nistieden lil kulħadd jaħseb sewwa u jimpenja ruħu biex iwarrab dak kollu li ta bidu għall-fatt li eluf u eluf ta' eluf sabu ruħhom imqaċċtin barra minn art twelidhom; kull wieħed, sa fejn jiddependi minnu, għandu jilqa' bi spirtu nisrani r-rifuġjati u l-emigrati skond it-talba tal-Liturġija: "Missier, int bgħatt lil Ibnek biex jissieħeb magħna fit-tbatijiet u t-tamiet kollha tagħna u fih qegħidt il-qofol tal-ħajja u ta' l-istorja: ħares bi ħniena lejn dawk kollha li jmorru jfittxu x-xogħol fit-triqat kollha tad-dinja, biex kullimkien isibu s-solidarjetà ta' ħuthom, solidarjetà li hi ħelsien, sliem u ġustizzja f'imħabbtek" (kolletta għall-Quddiesa ta' l-emigranti).

Lilkom ilkoll, ħuti meqjuma u egħżież uliedi: it-tislima u l-barka tiegħi f'Ġesù Kristu Sidna. Amen.

Maħruġa mill-Vatikan, 4 ta' Ottubru 1988, fl-għaxar sena tal-Pontifikat.

Ioannes Paulus pp. II

MEDIA CENTRE PRINT – BLATA L-BAJDA